IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.6.2018
COM(2018) 393 final

2018/0217 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013

{SWD(2018) 301 final} - {SEC(2018) 305 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2021 sal-2027 (il-proposta dwar il-QFP)[1] tistabbilixxi l-qafas baġitarju u l-orjentazzjonijiet ewlenin għall-Politika Agrikola Komuni (il-PAK). Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qed tippreżenta sett ta' regolamenti li jistabbilixxu l-qafas leġiżlattiv tal-PAK għall-perjodu mill-2021 sal-2027, flimkien ma' valutazzjoni tal-impatt tax-xenarji alternattivi għall-iżvilupp tal-politika. Din il-proposta tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika tar-Renju Unit li huwa beħsiebu jirtira mill-Unjoni Ewropea u mill-Euratom abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li l-Kunsill Ewropew irċieva fid-29 ta' Marzu 2017.

Id-deċiżjoni dwar l-aħħar riforma tal-PAK ittieħdet fl-2013 u din ir-riforma ġiet implimentata fl-2015. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-kuntest li fih saret dik ir-riforma nbidel b'mod sinifikanti. B'mod partikolari:

il-prezzijiet agrikoli naqsu b'mod sostanzjali – minħabba fatturi makroekonomiċi, tensjonijiet ġeopolitiċi u fatturi oħrajn.

L-enfasi tan-negozjati kummerċjali nbidel b'mod ċar u ma għadux fuq il-ftehimiet multilaterali iżda sar fuq il-ftehimiet bilaterali u l-UE nfetħet iktar għas-swieq dinjin.

L-UE ntrabtet b'obbligi internazzjonali ġodda – pereżempju dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (permezz tal-COP21) u dwar aspetti wesgħin tal-iżvilupp internazzjonali (permezz tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (l-SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti), u ntrabtet li tagħmel sforzi biex twieġeb aħjar għal żviluppi ġeopolitiċi oħrajn bħall-migrazzjoni.

Dawn il-bidliet wasslu għal dibattitu pubbliku fuq jekk ir-riforma tal-2013 kinetx biżżejjed jew le biex tgħin lill-PAK tindirizza kif xieraq l-isfidi wesgħin li hemm bħalissa b'rabta mas-saħħa ekonomika tas-settur tal-azjendi agrikoli, mal-kura ambjentali, mal-azzjonijiet marbutin mat-tibdil fil-klima u man-nisġa soċjali u ekonomika b'saħħitha taż-żoni rurali tal-UE – speċjalment fid-dawl tal-opportunitajiet li qed ifeġġu biex jittieħdu azzjonijiet fl-oqsma tal-kummerċ, tal-bijoekonomija, tal-enerġija rinnovabbli, tal-ekonomija ċirkolari u tal-ekonomija diġitali.

Il-PAK trid tiġi mmodernizzata biex tkun tista' tindirizza dawn l-isfidi, trid tiġi ssimplifikata biex tkun tista' tagħmel dan bl-inqas piż amministrattiv possibbli, u trid issir iktar koerenti mal-politiki l-oħrajn tal-UE sabiex jiżdied kemm jista' jkun il-kontribut tagħha lejn l-għaxar prijoritajiet tal-Kummissjoni u lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Fil-fatt, kif semmiet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni li ppubblikat dan l-aħħar dwar il-qafas finanzjarju pluriennali, Politika Agrikola Komuni mmodernizzata trid tappoġġa l-bidla lejn settur agrikolu kompletament sostenibbli u lejn l-iżvilupp ta' żoni rurali mimlija ħajja, li jipprovdu ikel sikur u ta' kwalità għolja għal aktar minn 500 miljun konsumatur. L-Ewropa teħtieġ settur agrikolu intelliġenti, reżiljenti, sostenibbli u kompetittiv sabiex tiżgura l-produzzjoni ta' ikel sikur, ta' kwalità għolja, affordabbli, nutrittiv u varjat għaċ-ċittadini tagħha u sabiex tiġi żviluppata nisġa soċjoekonomika b'saħħitha fiż-żoni rurali. Politika Agrikola Komuni mmodernizzata trid iżżid il-valur miżjud Ewropew tagħha billi tkun iktar ambizzjuża f'dak li

[1] [COM(2018) 322 final – ir-Regolament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali].

għandu x'jaqsam mal-ambjent u mal-klima u billi tindirizza l-aspettattivi taċ-ċittadini b'rabta ma' saħħithom, mal-ambjent u mal-klima.

Hekk kif kien previst fil-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2017, il-Kummissjoni għamlet konsultazzjonijiet wesgħin dwar is-simplifikazzjoni u l-immodernizzar tal-PAK sabiex jiżdied kemm jista' jkun il-kontribut tagħha lejn l-għaxar prijoritajiet tal-Kummissjoni u lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (l-SDGs). Dawn il-konsultazzjonijiet kienu jiffukaw fuq il-prijoritajiet speċifiċi tal-politika għall-ġejjieni mingħajr preġudizzju għall-allokazzjonijiet finanzjarji għall-PAK fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Il-proċess kien jinkludi konsultazzjoni fuq skala kbira, kif ukoll l-analiżi tal-provi disponibbli dwar il-prestazzjoni tal-PAK, fosthom l-opinjonijiet rilevanti tal-Pjattaforma REFIT.

Ir-riżultati ġew ippreżentati fil-Komunikazzjoni intitolata "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" li ġiet adottata fid-29 ta' Novembru 2017. Il-Komunikazzjoni tippermetti li jsir djalogu strutturat dwar il-PAK fil-ġejjieni fl-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati. Dan id-dokument tal-politika ddeskriva l-isfidi, l-għanijiet u l-azzjonijiet possibbli biex il-PAK, li trid tkun iktar sempliċi, iktar intelliġenti u moderna, tkun rilevanti għall-ġejjieni u tmexxi l-bidla lejn settur agrikolu aktar sostenibbli.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni identifikat bħala prijoritajiet ewlenin tal-PAK għal wara l-2020 azzjonijiet klimatiċi u ambjentali iktar ambizzjużi, immirar aħjar tal-appoġġ u dipendenza ikbar fuq ir-rabta virtuża bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-pariri. Biex ittejjeb il-prestazzjoni tal-PAK, hija pproponiet ukoll mudell ġdid tal-implimentazzjoni sabiex il-politika ma tibqax tiffoka fuq il-konformità iżda tibda tiffoka fuq il-prestazzjoni, u qed iżżid is-sussidjarjetà biex tibdel il-bilanċ tar-responsabbiltajiet fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri. L-għan tal-mudell il-ġdid huwa li jintlaħqu aħjar l-għanijiet tal-UE abbażi ta' ppjanar strateġiku, interventi ġenerali tal-politika u indikaturi komuni tal-prestazzjoni, u b'hekk titjieb il-koerenza tal-politika bejn il-PAK fil-ġejjieni u l-għanijiet l-oħrajn tal-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Artikolu 39 tat-TFUE jistabbilixxi l-għanijiet tal-PAK, li huma dawn li ġejjin:

- li tkabbar il-produttività agrikola billi tippromwovi progress tekniku u billi tiżgura l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni agrikola u l-aħjar użu possibbli tal-fatturi tal-produzzjoni, speċjalment tan-nies tax-xogħol;
- li tiżgura b'dan il-mod livell ġust ta' għajxien għall-komunità agrikola, b'mod partikolari billi tkabbar il-qligħ individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura;
- li tagħmel is-swieq stabbli;
- li tiggarantixxi d-disponibbiltà tal-provvisti;
- li tiżgura prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.

Din il-proposta hija konsistenti għalkollox mal-għanijiet tal-PAK mogħtija fit-Trattat. Hija timmodernizza u tissimplifika l-mod kif jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-agrikoltura u l-forestrija jkopru 84 % mit-territorju tal-UE. Dawn is-setturi jiddependu fuq l-ambjent u fl-istess ħin jinfluwenzawh. Għalhekk, għadd ta' għanijiet speċifiċi tal-PAK li qed jiġu proposti se jwasslu għal azzjonijiet klimatiċi u ambjentali f'konformità mal-politiki rispettivi tal-UE.

Huwa fatt magħruf li x-xejriet tal-konsum jaffettwaw is-saħħa pubblika. Minħabba r-rabta tagħhom mal-ikel u xi kultant ukoll mal-mod kif dan jiġi prodott, il-politiki agrikoli huma marbutin mal-politiki tas-saħħa. Il-proposti jsaħħu r-rabtiet mal-politika tas-saħħa, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' dieti tajbin għas-saħħa u mat-tnaqqis fl-użu tal-antimikrobiċi.

L-UE hija importatur ewlieni tal-prodotti bażiċi u esportatur ta' prodotti agrikoli u ta' oġġetti tal-ikel ta' valur u, għalhekk, taffettwa s-sistemi tal-ikel 'il barra mill-UE wkoll. B'konformità mal-Artikolu 208 tat-TFUE, din il-proposta tqis l-għanijiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, jiġifieri l-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qegħdin fil-fażi tal-iżvilupp, b'mod partikolari billi tiżgura li l-appoġġ li l-UE tagħti lill-bdiewa ma jaffettwax lill-kummerċ, jew jaffettwah biss b'mod minimu.

Fl-aħħar nett, bħal f'setturi oħrajn, l-agrikoltura u ż-żoni rurali jistgħu jużaw aħjar it-teknoloġiji l-ġodda u l-għarfien il-ġdid, b'mod partikolari t-teknoloġiji diġitali. Il-proposti jsaħħu r-rabtiet mal-politika tar-riċerka billi jagħtu prominenza lill-organizzazzjoni tal-iskambju tal-għarfien fil-mudell tal-implimentazzjoni tal-politika. Bl-istess mod, l-enfasi fuq id-diġitalizzazzjoni tippermetti li jsiru konnessjonijiet mal-Aġenda Diġitali tal-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 42 u l-Artikolu 43(2) tat-TFUE f'dak li għandu x'jaqsam mar-Regolament dwar il-Pjan tal-PAK.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-qasam tal-agrikoltura huwa qasam ta' kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, filwaqt li jistabbilixxi politika agrikola komuni b'għanijiet komuni u b'implimentazzjoni komuni. Is-sistema attwali tal-implimentazzjoni tal-PAK tistrieħ fuq rekwiżiti ddettaljati fil-livell tal-UE, u fiha arranġamenti stretti għall-kontroll, għall-penali u għall-awditjar. Ħafna drabi, dawn ir-regoli huma preskrittivi ħafna, sal-livell tal-azjendi agrikoli. Iżda fl-ambjent klimatiku u tal-biedja tant diversifikat tal-Unjoni, la approċċ minn fuq għal isfel u lanqas approċċ ta' universalità ma huma adattati biex jinkisbu r-riżultati mixtieqa u l-valur miżjud tal-UE.

Fil-mudell tal-implimentazzjoni mogħti f'din il-proposta, l-Unjoni tistabbilixxi l-parametri bażiċi tal-politika (l-għanijiet tal-PAK, it-tipi ġenerali ta' intervent u r-rekwiżiti bażiċi), filwaqt li l-Istati Membri jerfgħu responsabbiltà akbar u għandhom iktar responsabbiltà għal kif jilħqu l-għanijiet u l-miri miftiehma.

Jekk tiżdied is-sussidjarjetà, ikunu jistgħu jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet lokali, skont dawk l-għanijiet u l-miri. L-Istati Membri se jkunu responsabbli biex ifasslu l-interventi tal-PAK b'tali mod li jsaħħu kemm jista' jkun il-kontribut tagħhom lejn l-għanijiet tal-UE. Filwaqt li jżommu l-istrutturi attwali ta' governanza – li jridu jibqgħu jiżguraw monitoraġġ u infurzar effettiv tal-kisba ta' kull għan tal-politika, l-Istati Membri se jkollhom ukoll vuċi akbar fit-tfassil tal-qafas ta' konformità u ta' kontroll li japplika għall-benefiċjarji (inklużi l-kontrolli u l-penali).

- **Proporzjonalità**

L-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali li s-settur tal-azjendi agrikoli u ż-żoni rurali tal-UE qed iħabbtu wiċċhom magħhom jeħtieġu tweġiba sostanzjali li tkun tixraq lil-lat tal-UE ta' dawk l-isfidi. Is-setgħa ta' iktar għażla li l-Istati Membri se jingħataw huma u jagħżlu u jadattaw l-għodod tal-politika disponibbli fil-kuntest tal-PAK biex jilħqu l-għanijiet f'mudell ibbażat iktar fuq ir-riżultati għandu jagħmilha saħansitra inqas possibbli li l-PAK tmur lil hinn minn livell proporzjonat ta' azzjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Minħabba li l-atti oriġinali huma kollha Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-emendi jridu jiddaħħlu permezz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-PAK tinsab fil-qofol tal-bini u tal-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea (l-UE). Hija ġiet stabbilita kmieni fis-snin sittin abbażi ta' għanijiet inklużi fit-Trattat, u minn dak iż-żmien 'l hawn ġiet irriformata kemm-il darba sabiex titjieb il-kompetittività tas-settur agrikolu, sabiex jiġi promoss l-iżvilupp rurali, sabiex jiġu indirizzati sfidi ġodda u sabiex twieġeb aħjar għad-domandi tas-soċjetà. L-aħħar riforma kbira tagħha ġiet adottata fl-2013. Fir-**riforma tal-2013**, **l-għanijiet ġenerali tal-PAK ġew issimplifikati** għal tliet tipi, li kienu dawn li ġejjin:

i. il-produzzjoni vijabbli tal-ikel;

ii. il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika;

iii. l-iżvilupp territorjali bbilanċjat.

Sabiex jiġi vvalutat il-progress lejn il-kisba tal-għanijiet imsemmijin hawn fuq u sabiex jiġu identifikati l-isfidi tal-ġejjieni, sar proċess wiesa' ta' konsultazzjoni li matulu tħeġġeġ dibattitu strutturat mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż ma' atturi li mhumiex mill-qasam agrikolu. Barra minn hekk, inġabret l-evidenza dwar il-prestazzjoni tal-PAK mill-ħafna informazzjoni disponibbli dwar il-PAK (li hija deskritta fil-qosor fil-Kaxxa nru 1 ta' hawn taħt), li serviet bħala sfond għall-valutazzjoni tal-kisbiet u tan-nuqqasijiet tal-PAK matul is-snin, iżda b'mod speċjali b'rabta mal-iktar riforma riċenti tagħha. Din kellha x'taqsam b'mod partikolari mal-affarijiet li ġejjin:

- l-evidenza miġbura permezz tal-Qafas ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni Komuni (is-CMEF), li jintuża għall-kejl tal-prestazzjoni tal-PAK[2];
- serje ta' studji ta' evalwazzjoni skedati matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali (jiġifieri bejn l-2014 u l-2020) biex jivvalutaw l-għanijiet attwali tal-PAK, bl-ewwel sejbiet disponibbli fl-2017/18[3];

[2] Stabbilit fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 834/2014 tat-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-politika agrikola komuni.

ir-riżultati b'rabta mal-progress lejn il-miri u l-pakketti finanzjarji korrispondenti disponibbli fir-Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni għall-Iżvilupp Rurali;

- dokumenti ta' sfond, data, fatti u ċifri oħrajn li huma rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatt u li ġew ippubblikati fuq il-paġna tal-internet tad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali[4].

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Saret konsultazzjoni pubblika miftuħa li matulha ntbagħtu aktar minn 322 000 kumment u li matulha sar djalogu strutturat mal-partijiet ikkonċernati, saru ħames sessjonijiet ta' ħidma tal-esperti, ingħataw opinjonijiet fil-kuntest tal-Pjattaforma REFIT u ngħataw kontributi mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, mill-Kumitat tar-Reġjuni u mill-Parlamenti Nazzjonali. Il-proċess qies ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force għas-Swieq Agrikoli (l-AMTF)[5] u tal-Konferenza dwar l-iżvilupp rurali li saret f'Cork (fl-2016)[6].

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sabiex tinġabar l-evidenza jew l-għarfien mill-esperti fuq kwistjonijiet marbutin mal-PAK, bejn Marzu tal-2017 u Frar tal-2018 ġiet organizzata serje ta' sessjonijiet ta' ħidma speċjalizzati. Permezz ta' dawn is-sessjonijiet ta' ħidma, l-esperti u l-uffiċjali tal-Kummissjoni setgħu jaqsmu l-fehmiet tagħhom bejniethom u seta' jsir progress fil-formulazzjoni tal-konklużjonijiet ewlenin u tal-kwistjonijiet ewlenin li jridu jitqiesu fil-proċess ta' mmodernizzar u ta' simplifikazzjoni.

Il-ħames kwistjonijiet li kellhom jiġu ttrattati waqt is-sessjonijiet ta' ħidma ngħażlu sabiex jiġu koperti l-iktar oqsma rilevanti li fihom kienu ġew innutati nuqqasijiet fl-għarfien u nuqqas ta' qbil dwar l-approċċi tal-politika. Is-sessjonijiet ta' ħidma tfasslu skont metodoloġija simili bbażata fuq dan li ġej:

(1) ġabra tal-aħħar evidenza disponibbli fil-livell tal-esperti, tan-nies akkademiċi, tal-prattikanti u tal-istituzzjonijiet internazzjonali;

(2) enfasi fuq l-esperjenzi prattiċi fuq il-post;

(3) valutazzjoni tal-potenzjal tat-teknoloġiji l-ġodda jew tal-approċċi l-ġodda biex itejbu t-tfassil tal-politiki fil-qasam speċifiku kopert fil-ġejjieni.

---

3 Il-Kummissjoni Ewropea (2017). Pjan tal-evalwazzjonijiet u tal-istudji għall-2017 sal-2021, id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.

4 Ara l-paġni tal-internet li ġejjin:
https://ec.europa.eu/agriculture/statistics/facts-and-figures_mt
https://ec.europa.eu/agriculture/sites/agriculture/files/consultations/cap-modernising/eco_background_final_en.pdf
https://ec.europa.eu/agriculture/sites/agriculture/files/consultations/cap-modernising/env_background_final_en.pdf
https://ec.europa.eu/agriculture/sites/agriculture/files/consultations/cap-modernising/soc_background_final_en.pdf

5 Ir-Rapport tat-Task Force għas-Swieq Agrikoli (ir-rapport tal-AMTF) (tal-2016) dwar it-titjib tal-eżiti tas-suq u b'ħekk tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista msejjaħ "Improving market outcomes enhancing the position of farmers in the supply chain".

6 Il-Kummissjoni Ewropea (2016). Is-sit web tal-Konferenza Ewropea dwar l-iżvilupp rurali li saret f'Cork imsejħa "Cork 2.0: European Conference on Rural Development".

Is-sommarji tas-sessjonijiet ta' ħidma u l-preżentazzjonijiet huma disponibbli fil-paġna tal-internet li ġejja:
https://ec.europa.eu/agriculture/events/cap-have-your-say/workshops_mt

Is-sessjoni ta' ħidma nru 1: L-aħjar prattiki li jindirizzaw il-ħtiġijiet ambjentali u klimatiċi (sessjoni ta' ħidma li saret fit-23 u fl-24 ta' Marzu 2017)

Din is-sessjoni ta' ħidma fuq jumejn kienet tinvolvi firxa wiesgħa ta' esperti fl-isfidi ambjentali u klimatiċi. Matulha ġew eżaminati l-affarijiet li ġejjin:

- l-għodod disponibbli għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ambjentali;
- il-metodi biex titjieb l-adozzjoni tal-miżuri (b'enfasi fuq ir-rwol tal-approċċi relatati mal-imġiba).

Is-sessjoni ta' ħidma nru 2: Il-ġestjoni tar-riskji (sessjoni ta' ħidma li saret fit-18 u fid-19 ta' Mejju 2017)

F'din is-sessjoni ta' ħidma fuq jumejn ipprova jsir progress fil-ġbir tal-evidenza fid-dibattitu dwar l-għodod biex il-komunità tal-bdiewa tingħata appoġġ biex tiffaċċja aħjar ir-riskji marbutin mal-produzzjoni, mal-prezzijiet u mal-introjtu. Matulha ġew eżaminati l-affarijiet li ġejjin:

- l-isfidi tax-xibka ta' sikurezza tas-suq tal-UE u l-iżviluppi li kien hemm dan l-aħħar fis-sistema tal-ġestjoni tar-riskji li hija fis-seħħ fl-Istati Uniti;
- il-każ tas-swieq tal-futuri fl-UE, is-settur tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni marbut mas-settur agrikolu tal-UE, il-każ ta' sħubija pubblika-privata u skema ta' assigurazzjoni tal-għelejjel;
- l-aspetti marbutin mal-imġiba fil-ġestjoni tar-riskji.

Is-sessjoni ta' ħidma nru 3: L-ikel u kwistjonijiet marbutin miegħu (sessjoni ta' ħidma li saret fil-31 ta' Mejju 2017)

Matul is-sessjoni ta' ħidma dwar l-ikel u kwistjonijiet marbutin miegħu ġew eżaminati l-allinjament tal-PAK mal-politika tas-saħħa u l-kapaċità tagħha li tiffaċilita l-adattament tal-bdiewa għall-bidliet fix-xejriet tal-konsum. B'mod partikolari, jeħtieġ li tingħata iktar attenzjoni għar-reżistenza għall-antimikrobiċi.

Is-sessjoni ta' ħidma nru 4: Il-kwistjonijiet soċjoekonomiċi (sessjoni ta' ħidma li saret fid-9 ta' Ġunju 2017)

Is-sessjoni ta' ħidma dwar il-kwistjonijiet soċjoekonomiċi ffukat fuq l-analiżi tad-dinamika tat-tkabbir u tal-impjiegi fis-settur agroalimentari tal-UE. Matulha ġew eżaminati r-rabtiet bejn l-agrikoltura dinjija u l-ktajjen tal-valur tal-ikel fl-UE kemm mil-lat kunċettwali kif ukoll mil-lat prattiku, abbażi tal-istudji tal-każijiet.

Is-sessjoni ta' ħidma nru 5: Il-kejl tal-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK (sessjoni ta' ħidma li saret fis-26 ta' Frar 2018)

Matul din is-sessjoni ta' ħidma ġew eżaminati liema għanijiet bażiċi tal-politika jistgħu jiġu stabbiliti fil-livell tal-UE, kif dawn jistgħu jiġu implimentati fil-livell tal-Istati Membri, u kif dawn jistgħu jiġu mmonitorjati, jiġu kkontrollati u jiġu evalwati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt li tappoġġa l-proposti leġiżlattivi, kif ukoll l-opinjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, jinsabu fis-sit web li ġej:
Lista ta' valutazzjonijiet tal-impatt u l-opinjonijiet akkumpanjanti tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju

Inizjalment il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ opinjoni negattiva dwar il-proposta. Filwaqt li apprezza l-ambizzjoni li l-PAK tiġi mmodernizzata u ssimplifikata u l-analiżi fil-fond tax-xenarji differenti li jenfasizzaw b'mod utli l-kompromessi bejn l-għanijiet tal-politika, il-Bord qies li r-rapport għandu jispjega aħjar ir-raġunament, il-fattibbiltà u l-funzjonament tal-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni li qed jiġi propost. L-informazzjoni addizzjonali meħtieġa żdiedet fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt, fosthom f'Anness speċjali dwar il-proposti għall-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni. Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ta opinjoni pożittiva, b'xi riżervi, abbażi ta' dan. Filwaqt li rrikonoxxa li kien hemm xi titjib fir-rapport, il-Bord talab li jingħataw iktar speċifikazzjonijiet dwar is-salvagwardji preċiżi għall-mitigazzjoni tar-riskji identifikati. L-Anness 1 tar-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt (li huwa Dokument ta' Ħidma tal-Persunal) jispjega l-aġġustamenti li saru biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Bord.

Fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt ġew ippreżentati u diskussi għażliet differenti tal-politika. Fil-valutazzjoni tal-impatt l-ebda għażla mhi ppreferuta. Minflok ġew ittestjati diversi kombinamenti tal-elementi tal-proposti fl-għażliet differenti biex jiġi deċiż liema kienet l-aqwa taħlita li setgħet titnissel minnhom.

B'mod prinċipali, l-għażliet ittestjaw approċċi kontrastanti biex jiksbu l-għanijiet identifikati, jiġifieri:

1. livelli differenti ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika, b'enfasi fuq l-effetti li jista' jkollhom is-sistemi obbligatorji u volontarji ta' implimentazzjoni;
2. modi differenti biex jiġi appoġġat l-introjtu tal-azjendi agrikoli u, b'mod partikolari, it-tqassim ta' dan l-appoġġ fost il-bdiewa differenti, b'enfasi fuq l-effetti potenzjali fuq l-azjendi agrikoli ż-żgħar u ta' daqs medju;
3. interventi soċjoekonomiċi usa', b'mod partikolari fil-kuntest tal-politika tal-iżvilupp rurali, kif ukoll approċċi trażversali għall-immodernizzar.

L-ewwel għażla ttestjat il-potenzjal ta' ekoskema volontarja biex iżżid l-ambizzjoni ambjentali u klimatika. Hija eżaminat ukoll ir-rwol potenzjali tal-għodod għall-ġestjoni tar-riskji b'pagamenti diretti aktar baxxi biex jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa. Żewġ għażliet sekondarji jirriflettu ambizzjonijiet ambjentali differenti u approċċi differenti għall-pagamenti diretti min-naħa tal-Istati Membri fil-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni.

F'għażla oħra, il-pagamenti diretti huma mmirati aħjar u hemm implimentazzjoni iktar ambizzjuża tal-kundizzjonalità sabiex tittejjeb il-prestazzjoni ekonomika u ambjentali konġunta tal-PAK, kif ukoll biex jiġu indirizzati l-isfidi klimatiċi. Ġew żviluppati wkoll għażliet sekondarji sabiex juru d-differenzi possibbli fl-ambizzjoni tal-Istati Membri b'rabta mal-għanijiet ambjentali u klimatiċi tagħhom.

Fl-aħħar nett, għażla oħra tenfasizza ħafna l-kura ambjentali u l-impjiegi – u titfa' l-attenzjoni fuq l-azjendi agrikoli ż-żgħar u ta' daqs medju bħala mod kif jinżammu l-impjiegi fiż-żoni rurali. L-Istati Membri huma obbligati jallokaw 30 % mill-pagamenti tal-pilastru nru I tagħhom għall-pagamenti supplimentari għal erba' skemi li se jkunu skemi volontarji għall-

bdiewa – li jittrattaw il-biedja organika, il-bwar permanenti, iż-żoni b'restrizzjonijiet naturali u l-elementi lineari tal-pajsaġġ, sabiex jitħeġġu aktar l-azzjonijiet klimatiċi u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali.

Il-valutazzjoni tal-impatt tindika l-kompromessi diffiċli li huma inerenti għal politika li tindirizza daqshekk għanijiet differenti meta l-parametri bażiċi jinbidlu b'mod sinifikanti.

Parametru bażiku ewlieni huwa l-livell ta' appoġġ tal-PAK. It-tnaqqis ta' 5 % li l-Kummissjoni pproponiet fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Mejju tal-2018 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021 sal-2027 huwa fil-firxa meqjusa fil-valutazzjoni tal-impatt.

B'rabta mal-introjtu tal-azjendi agrikoli, huma importanti kemm il-livell tal-appoġġ kif ukoll it-tqassim tiegħu. L-iżgurar ta' livell xieraq ta' appoġġ u, b'hekk, ta' livell xieraq ta' introjtu għall-azjendi agrikoli, jibqa' element ewlieni għall-ġejjieni sabiex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel, l-ambizzjoni ambjentali u klimatika u d-dinamiżmu taż-żoni rurali. **L-immirar aħjar tal-appoġġ** għall-azjendi agrikoli ż-żgħar u ta' daqs medju u għaż-żoni b'restrizzjonijiet naturali jista' jgħin biex jinżammu iktar impjiegi fl-azjendi agrikoli u biex tinżamm iktar attività tal-biedja fit-territorju kollu, u b'hekk biex tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. L-iffissar ta' limiti massimi u l-konverġenza jistgħu jtejbu t-tqassim tal-pagamenti diretti. Huwa ċar li kull għażla li tqassam mill-ġdid b'mod sinifikanti l-pagamenti diretti lill-azjendi agrikoli u lil reġjuni bi produttività iktar baxxa se twassal għal tnaqqis fil-kompetittività tal-UE fuq terminu qasir taż-żmien, filwaqt li ssaħħaħ il-ħarsien ambjentali. Madankollu, mhuwiex daqshekk ċar liema kombinament ta' miżuri huwa xieraq biex ikunu jistgħu jitnaqqsu kemm jista' jkun l-effetti negattivi fuq l-introjtu filwaqt li jiġu indirizzati aħjar l-isfidi li huma rilevanti għall-agrikoltura wkoll – bħal, pereżempju, l-isfidi ambjentali u klimatiċi u l-aspettattivi tas-soċjetà. Għal dan jeħtieġ li jingħataw inċentivi favur aġġustamenti li jtejbu kemm il-prestazzjoni soċjoekonomika kif ukoll il-prestazzjoni ambjentali tas-settur.

Il-kontributi mill-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mill-analiżijiet li saru juru li dan huwa possibbli, sakemm il-miżuri ta' akkumpanjament meħtieġa li jindirizzaw **azzjonijiet klimatiċi u ambjentali iktar ambizzjużi** jkunu jippermettu li jiġu adottati l-aħjar prattiki (kemm fil-biedja konvenzjonali kif ukoll f'forom oħrajn tal-biedja), li jinkludu l-għarfien, l-innovazzjoni u l-iktar teknoloġija rilevanti riċenti.

Abbażi tas-suppożizzjonijiet u tal-għażliet li jkunu saru fl-analiżi, hemm kompromessi potenzjali fil-kisba tal-għanijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-PAK, kif ukoll b'rabta mal-immodernizzar u mas-simplifikazzjoni mixtieqa tagħha. Fil-qosor, it-tqassim mill-ġdid jista' jwassal għal impatti fuq l-introjtu li jistgħu jiġu ġestiti, u jappoġġa l-azzjonijiet klimatiċi u ambjentali iktar ambizzjużi mixtieqa u **sinerġiji oħrajn tal-PAK**. Madankollu, għal dan, is-settur u l-politika jridu jaħtfu l-opportunitajiet li joffrulhom l-innovazzjoni u t-teknoloġiji li diġà qed jippermettu l-immodernizzar u s-simplifikazzjoni.

Suppożizzjonijiet u għażliet oħrajn żgur li se jibdlu r-riżultati mogħtija fid-dettall, iżda mhux il-messaġġ sottostanti – li *jenħtieġ li l-għażla ppreferuta għall-PAK fil-ġejjieni tkun tgħaqqad flimkien l-iktar elementi effettivi tal-għażliet differenti, iżda tkun tevita d-dgħufijiet tagħhom billi ddaħħal is-salvagwardji meħtieġa biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-UE*. Dan ifisser li hemm bżonn ta' kriterji ċari għal-livell tal-appoġġ għall-introjtu u għat-tqassim tiegħu (pereżempju l-iffissar ta' limiti massimi u/jew id-digressività), tal-ambizzjoni klimatika u ambjentali, tal-kundizzjonalità, tal-inċentivi għall-immodernizzar u tal-livell ix-xieraq ta' sussidjarjetà jew ta' simplifikazzjoni.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Fil-biċċa l-kbira tagħha, il-kumplessità tal-implimentazzjoni tal-politika attwali hija marbuta mal-enfasi fuq il-konformità ma' regoli ddettaljati stabbiliti fil-livell tal-UE. Il-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni li qed jiġi propost se jneħħi s-saff tal-kriterji tal-eliġibbiltà għall-appoġġ fil-livell tal-UE, u dan se jippermetti lill-Istati Membri jiddefinixxu l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà li huma l-aktar adattati għaċ-ċirkustanzi partikolari tagħhom. Dan mistenni jwassal għal simplifikazzjoni sostanzjali.

Storikament, fir-riformi suċċessivi tagħha, il-PAK żviluppat fi strumenti differenti. Xi kultant kien diffiċli li dawn l-istrumenti jiġu kkoordinati. F'din il-proposta, l-elementi differenti kollha tal-appoġġ tal-PAK qed jinġabru flimkien f'qafas koerenti wieħed, u dan se jnaqqas il-piż amministrattiv tal-implimentazzjoni tal-PAK.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tħares id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rrikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021 sal-2027 (COM(2018) 322 final) tistipula li jenħtieġ li parti sinifikanti mill-baġit tal-UE tkompli tingħata lill-agrikoltura, li hija politika komuni ta' importanza strateġika. Għalhekk, fi prezzijiet kurrenti, qed jiġi propost li jenħtieġ li l-PAK tiffoka fuq l-attivitajiet ewlenin tagħha b'EUR 286,2 biljun allokati għall-FAEG u bi EUR 78,7 biljun allokati għall-FAEŻR.

Dawn il-fondi agrikoli huma kkumplimentati minn finanzjament addizzjonali mill-programm Orizzont Ewropa, minħabba li l-pakkett propost għal dan il-programm jinkludi EUR 10 biljun għall-appoġġ tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-ikel, fl-agrikoltura, fl-iżvilupp rurali u fil-bijoekonomija. Se tiġi stabbilita riżerva ġdida għall-agrikoltura fl-FAEG sabiex tiffinanzja l-appoġġ addizzjonali għas-settur agrikolu. L-ammonti tar-riżerva li ma jintużawx f'sena partikolari għandhom jiġu riportati għas-sena ta' wara.

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tqassim tal-pagamenti diretti fost l-Istati Membri, qed jiġi propost li għall-Istati Membri kollha li għandhom pagamenti diretti ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE se jitkompla l-proċess li nbeda fil-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020 u li dawn se jnaqqsu 50 % mid-diskrepanza li teżisti sad-90 %. L-Istati Membri kollha se jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' din il-konverġenza esterna tal-livelli tal-pagamenti diretti. L-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għall-pagamenti diretti fir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK huma kkalkulati abbażi ta' dan.

Għall-iżvilupp rurali, qed jiġi propost li jerġa' jiġi bbilanċjat il-finanzjament bejn il-baġits tal-UE u dawk tal-Istati Membri. B'mod konformi ma' dak li huwa previst għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, żieda fir-rati nazzjonali ta' kofinanzjament se tippermetti li, fil-biċċa l-kbira tiegħu, l-appoġġ pubbliku għaż-żoni rurali Ewropej jibqa' l-istess. It-tqassim tal-appoġġ tal-FAEŻR jissejjes fuq kriterji oġġettivi marbutin mal-għanijiet tal-politika u jqis it-tqassim attwali. Bħal kif inhi s-sitwazzjoni llum, jenħtieġ li r-reġjuni inqas żviluppati jkomplu jibbenefikaw minn rati ogħla ta' kofinanzjament, li se japplikaw ukoll għal ċerti miżuri, bħal pereżempju l-inizjattiva LEADER u l-pagamenti għall-impenji tal-ġestjoni.

L-Istati Membri se jingħataw ċertu livell ta' flessibbiltà għat-trasferimenti bejn l-allokazzjonijiet. Sa 15 % mill-pagamenti diretti rispettivi jistgħu jiġu ttrasferiti lejn l-allokazzjoni tal-FAEŻR u viċeversa. Perċentwal ogħla jista' jiġi ttrasferit mill-pagamenti

diretti lejn l-allokazzjoni tal-FAEŻR għall-interventi li jindirizzaw l-għanijiet ambjentali u klimatiċi u lejn il-gratifiki ta' insedjament għall-bdiewa żgħażagħ.

Id-dettalji dwar l-impatt finanzjarju tal-proposta dwar il-PAK huma mogħtija fid-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja lil din il-proposta.

5. ELEMENTI OĦRA

• Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Bidla lejn politika orjentata iktar lejn il-prestazzjoni teħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' prestazzjoni b'saħħtu li jippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta u timmonitorja l-prestazzjoni tal-politika abbażi ta' sett ta' indikaturi komuni. **Il-Qafas ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni Komuni (is-CMEF)** attwali u s-sistema attwali ta' monitoraġġ tal-pagamenti diretti u tal-iżvilupp rurali se jintużaw bħala l-bażi għall-monitoraġġ u għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-politika, iżda se jkollhom jiġu ssimplifikati u żviluppati iktar (inkluża l-konsistenza bejn iż-żewġ pilastri). Se jkun hemm bżonn ta' iktar investiment fl-iżvilupp tal-indikaturi x-xierqa u l-iżgurar ta' biżżejjed flussi tad-data.

Qafas ġdid **għall-Monitoraġġ u għall-Evalwazzjoni tal-Prestazzjoni (PMEF)** se jkopri l-istrumenti kollha tal-PAK fil-ġejjieni – kemm il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, kif ukoll dawk l-elementi tal-PAK li ma jkopruhomx il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK (xi partijiet mill-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq u ċerti skemi speċifiċi). Il-prestazzjoni se titkejjel b'rabta mal-għanijiet speċifiċi tal-politika bl-użu ta' sett ta' indikaturi komuni.

Il-mudell il-ġdid se jiġi organizzat fuq il-prinċipji li ġejjin:

- l-indikaturi tal-kuntest se jibqgħu rilevanti, minħabba li dawn jirriflettu aspetti rilevanti tax-xejriet ġenerali fl-ekonomija, fl-ambjent u fis-soċjetà u x'aktarx li se jaffettwaw il-prestazzjoni;
- jenħtieġ li jingħażel sett ta' indikaturi limitat iżda aktar immirat prinċipalment b'mod li jintgħażlu dawk l-indikaturi li jkunu jirriflettu mill-aktar qrib possibbli jekk l-intervent appoġġat jikkontribwixxix għall-ilħiq tal-għanijiet meta mqabbel max-xenarju ta' referenza stabbilit jew le u billi jintużaw definizzjonijiet ċari;
- il-prestazzjoni ġenerali tal-politika se tiġi vvalutata b'mod pluriennali abbażi tal-indikaturi tal-impatt. Is-segwitu annwali tal-prestazzjoni tal-politika se jkun jiddependi fuq il-lista sħiħa tal-indikaturi tar-riżultati;
- ta' kull sena, l-indikaturi tal-outputs se jorbtu n-nefqa mal-prestazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika. Dan tal-aħħar huwa eżerċizzju annwali u jiddependi fuq lista sħiħa tal-indikaturi tal-outputs (li prinċipalment tkun diġà disponibbli);
- l-affidabbiltà tal-indikaturi tal-prestazzjoni rilevanti tista' tiġi ffaċilitata permezz ta' sinerġiji bejn id-data statisika u dik amministrattiva, iżda teħtieġ li jkun hemm sistema ta' kontrolli tal-kwalità.

Essenzjalment, dak li qed jiġi propost huwa bidla fir-responsabbiltajiet u fl-opportunitajiet f'qafas komuni, iddefinit b'mod ċar u infurzat, biex ikun hemm riżultati b'rabta ma' aktar minn għan ewlieni wieħed fl-istess ħin, jiġifieri b'rabta mas-simplifikazzjoni, mal-orjentazzjoni lejn ir-riżultati (aktar milli lejn il-konformità) u mal-effiċjenza u l-effettività tal-politika.

Qed jiġi previst rieżami annwali tal-prestazzjoni bħala l-element ewlieni tal-monitoraġġ kontinwu u tat-tmexxija tal-implimentazzjoni tal-politika. Sabiex ir-rieżami annwali tal-prestazzjoni jkun jista' jsir, se jkollhom jitressqu indikaturi tal-outputs u indikaturi tar-riżultati xierqa b'mod konġunt f'rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK – l-hekk imsejjaħ *"Rapport annwali dwar il-prestazzjoni"*. Ta' kull sena, l-Istati Membri se jibagħtu rapport dwar l-outputs li jkunu kisbu u n-nefqa li jkunu għamlu, kif ukoll dwar kemm għad fadlilhom biex jilħqu l-miri stabbiliti għall-perjodu kollu, mogħtija bħala valuri tal-indikaturi tar-riżultati.

Se jitwettqu evalwazzjonijiet skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016[7], li fih it-tliet istituzzjonijiet ikkonfermaw li l-evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni u tal-politika eżistenti jridu jiffurmaw il-bażi tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-għażliet għal iktar azzjoni. Fl-evalwazzjonijiet se jiġu vvalutati l-effetti tal-programm fir-realtà, abbażi tal-indikaturi u tal-miri tal-programm u ta' analiżi ddettaljata ta' kemm il-programm jista' jitqies li huwa rilevanti, effettiv u effiċjenti, ta' jekk jipprovdix biżżejjed valur miżjud tal-UE u ta' jekk huwiex koerenti mal-politiki l-oħrajn tal-UE. Dawn se jinkludu t-tagħlim miksub sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u l-problemi, kif ukoll il-potenzjal li jista' jkun hemm biex ikomplu jitjiebu l-azzjonijiet jew ir-riżultati tagħhom u biex ikun jista' jitkabbar kemm jista' jkun l-użu u l-impatt tagħhom.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhumiex rilevanti.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta għandha x'taqsam ma' tliet Regolamenti:

- ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK");
- ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Orizzontali tal-PAK");
- ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat, ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-

[7] Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Emendatorju").

Dawn ir-Regolamenti flimkien jaġġustaw il-PAK billi jallinjaw l-għanijiet tagħha mal-prijoritajiet ta' Juncker u mal-SDGs filwaqt li, fl-istess ħin, jissimplifikaw l-implimentazzjoni tal-politika. Bit-tneħħija tal-kundizzjoni tal-eliġibbiltà għall-appoġġ fil-livell tal-UE, il-PAK se tkun aġġustata iktar għaċ-ċirkustanzi lokali. L-Istati Membri se jkunu jistgħu jiddefinixxu ħafna mill-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà fil-livell nazzjonali sabiex jadattawhom għaċ-ċirkustanzi speċifiċi tagħhom. Fl-istess ħin, il-piż amministrattiv marbut mal-kontrolli se jitnaqqas billi se tiġi limitata r-rabta diretta bejn il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà fil-livell tal-UE u l-benefiċjarji aħħarin.

Bil-għan li jkompli jitjieb l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali, l-għanijiet ġenerali tal-PAK jiffukaw fuq il-vijabbiltà ekonomika, ir-reżiljenza u l-introjtu tal-azjendi agrikoli, fuq prestazzjoni ambjentali u klimatika mtejba, u fuq in-nisġa soċjoekonomika msaħħa taż-żoni rurali. Barra minn hekk, it-tkattir tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali huwa għan trażversali.

Il-PAK il-ġdida se jkollha l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) li tappoġġa introjtu vijabbli għall-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fit-territorju kollu tal-UE biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel;

(b) li ssaħħaħ l-orjentazzjoni tas-suq u żżid il-kompetittività, fosthom permezz ta' iktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni;

(c) li ttejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur;

(d) li tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għalih, kif ukoll għall-enerġija sostenibbli;

(e) li trawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja;

(f) li tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-bijodiversità, li ssaħħaħ is-servizzi tal-ekosistema u li tippreżerva l-ħabitats u l-pajsaġġi;

(g) li tattira lill-bdiewa żgħażagħ u li tiffaċilita l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali;

(h) li tippromwovi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, fosthom il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli;

(i) li ttejjeb it-tweġiba tas-settur agrikolu tal-UE għad-domandi tas-soċjetà b'rabta mal-ikel u mas-saħħa, fosthom b'rabta ma' ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, kif ukoll mat-trattament xieraq tal-annimali.

Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-simplifikazzjoni u l-prestazzjoni tal-appoġġ tal-PAK. Huma se jfasslu interventi li jkunu adattati għaċ-ċirkustanzi tagħhom, ibbażati fuq it-tipi ta' interventi msemmijin fir-Regolament. L-Istati Membri se jkollhom jagħtu każ b'mod partikolari tal-għanijiet speċifiċi ambjentali u klimatiċi, tat-tiġdid ġenerazzjonali u tal-immodernizzar tal-implimentazzjoni tal-politika billi jiffukaw fuq użu aħjar tal-għarfien u tal-pariri u fuq teknoloġiji (diġitali) ġodda.

L-Istati Membri se jippreżentaw l-interventi li qed jipproponu biex jilħqu l-għanijiet speċifiċi tal-UE fi Pjan Strateġiku tal-PAK. Il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi r-regoli dwar il-kontenut tat-tali Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-Kummissjoni se tiċċekkja l-pjanijiet u tapprovahom. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK se jgħaqqdu flimkien il-maġġoranza tal-istrumenti ta' appoġġ tal-PAK iffinanzjati mill-FAEG (fosthom il-programmi settorjali li sa issa kienu jiġu stabbiliti fil-

kuntest tar-Regolament dwar l-OKS) u mill-FAEŻR. B'dan il-mod, kull Stat Membru se jfassal strateġija waħda koerenti ta' intervent. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, l-Istati Membri se jistabbilixxu l-miri dwar xi jridu jiksbu fil-perjodu ta' programmazzjoni bl-użu ta' indikaturi tar-riżultati ddefiniti b'mod komuni.

Ladarba jiġu stabbiliti l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, ta' kull sena l-Istati Membri se jibagħtu rapport dwar il-progress li jkunu għamlu fl-implimentazzjoni tagħhom bl-użu ta' sistema ta' indikaturi komuni. L-Istati Membri u l-Kummissjoni se jimmonitorjaw il-progress u se jevalwaw l-effettività tal-interventi.

It-taqsima ta' hawn taħt tipprovdi informazzjoni dwar il-kontenut speċifiku tat-tliet Regolamenti.

Ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK

It-Titolu I jipprevedi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament kif ukoll id-definizzjonijiet.

It-Titolu II jippreżenta l-għanijiet ġenerali u speċifiċi tal-PAK li jridu jintlaħqu permezz tal-interventi li l-Istati Membri jfasslu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. It-Titolu III idaħħal għadd ta' rekwiżiti komuni għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, kif ukoll elementi li japplikaw għal bosta interventi. Ir-rekwiżiti komuni għandhom x'jaqsmu mal-konformità mal-prinċipji ġenerali u mad-drittijiet fundamentali bħal, pereżempju, l-evitar tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-ħarsien tas-suq intern u tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni, kif ukoll il-ħarsien tar-regoli tal-appoġġ domestiku tad-WTO. Dawn jinkludu wkoll ir-rekwiżiti marbutin ma' elementi speċifiċi li jridu jiġu ddefiniti fil-Pjanijiet tal-PAK, bħal, pereżempju, x'inhuma żona agrikola, attività agrikola, bidwi ġenwin u bidwi żagħżugħ. Din it-taqsima tiddeskrivi l-obbligi fil-kuntest tal-"kundizzjonalità" (ir-rekwiżiti li jrid jikkonforma magħhom kull benefiċjarju tal-pagamenti bbażati fuq l-erja b'rabta ma' prattiki agrikoli tajbin, iżda wkoll l-obbligi li ġejjin mil-leġiżlazzjoni tal-UE), u l-ħtieġa li jkun hemm servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli li jaħdmu tajjeb.

Fl-aħħar nett, dan it-Titolu jippreżenta t-tipi ta' interventi li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex jimplimentaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. It-tipi ta' interventi huma l-kategoriji wesgħin ta' interventi li l-Istati Membri jistgħu jużaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

It-Titolu IV jipprovdi d-dispożizzjonijiet finanzjarji. Dan jinkludi, b'mod partikolari għall-pakketti, l-allokazzjonijiet finanzjarji għal kull Stat Membru u għal kull Fond, u jiddefinixxi l-flessibbiltà għat-trasferiment tal-allokazzjonijiet bejn il-Fondi. Huwa jipprovdi r-rati ta' kontribuzzjoni għall-FAEŻR b'rabta man-nefqa pubblika fl-Istati Membri u jistabbilixxi xi allokazzjonijiet finanzjarji minimi u massimi għal ċerti skopijiet speċifiċi.

It-Titolu V jippreżenta r-regoli dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Dan isemmi liema elementi jridu jqisu l-Istati Membri huma u jfasslu Pjan Strateġiku tal-PAK u x'se jkun il-kontenut minimu tiegħu, fosthom il-miri u l-ippjanar finanzjarju. Dan it-Titolu jispjega wkoll liema regoli japplikaw għall-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mill-Kummissjoni u kif jistgħu jiġu emendati t-tali Pjanijiet.

It-Titolu VI jipprovdi l-elementi meħtieġa dwar il-koordinazzjoni u l-governanza. Dan jagħti responsabbiltajiet lill-awtoritajiet tal-Istati Membri għal kompiti speċifiċi marbutin mal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Huwa jistabbilixxi kumitat ta' monitoraġġ biex ikunu involuti l-partijiet ikkonċernati kollha. Huwa jistabbilixxi wkoll netwerks li jridu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Dawn in-netwerks se jiġu

stabbiliti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE. Fl-aħħar nett, dan it-Titolu jistabbilixxi s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni sabiex jistimula l-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni.

It-Titolu VII idaħħal il-Qafas għall-Monitoraġġ u għall-Evalwazzjoni tal-Prestazzjoni li jistabbilixxi regoli dwar kif l-Istati Membri jridu jirrappurtaw dwar il-progress li jkun sar b'rabta mal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u dwar meta jridu jirrappurtaw dan, u regoli dwar kif se jiġi mmonitorjat u evalwat dan il-progress. B'mod partikolari, dan it-Titolu fih ir-regoli dwar bonus għall-prestazzjoni li jingħata għal prestazzjoni ambjentali u klimatika tajba.

Fl-aħħar nett, it-Titoli VIII u IX għandhom x'jaqsmu mar-regoli dwar il-kompetizzjoni, li jispjegaw, b'mod partikolari, kif ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat iridu jiġu applikati, u mad-dispożizzjonijiet finali li jispjegaw liema Regolamenti qed jitħassru u meta jibda japplika r-Regolament.

Ir-Regolament Orizzontali tal-PAK

Qed jiġi propost li tinżamm l-istruttura attwali tal-PAK b'żewġ pilastri, b'miżuri annwali ta' applikazzjoni ġenerali fil-Pilastru I u, magħhom, miżuri li jirriflettu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u reġjonali fil-kuntest ta' approċċ ta' programmazzjoni pluriennali fil-Pilastru II. Madankollu, l-istruttura l-ġdida tal-PAK għal wara l-2020 se tiffoka fuq iktar sussidjarjetà sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw iktar il-miżuri ta' implimentazzjoni li jieħdu fil-kuntest taż-żewġ Pilastri għar-realtajiet tagħhom u għaċ-ċirkustanzi konkreti tal-bdiewa. Iktar sussidjarjetà tfisser li jiġu bbilanċjati mill-ġdid ir-responsabbiltajiet għall-ġestjoni tal-PAK u li jitfittex li tintlaħaq relazzjoni ġdida bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-bdiewa.

Abbażi ta' dan, ir-Regolament Orizzontali tal-PAK attwali huwa adattat għall-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni u jirrifletti iktar flessibbiltà għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-politika (f'konformità mal-ħtiġijiet lokali tagħhom), inqas burokrazija għall-benefiċjarji u bidla għal politika bbażata fuq il-prestazzjoni.

Il-bidla fil-livell tal-UE minn enfasi fuq il-konformità għal enfasi fuq il-prestazzjoni teħtieġ identifikazzjoni ċara tal-għanijiet li trid tikseb il-politika u, għal darb'oħra, dawn l-għanijiet se jiġu stabbiliti fil-livell tal-UE. Sabiex isir progress lejn mekkaniżmu tal-politika mmexxi iktar mir-riżultati, se jkun hemm bidla mill-assigurazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti għall-assigurazzjoni dwar il-prestazzjoni u dwar il-ħarsien tar-rekwiżiti bażiċi tal-UE, bħal, pereżempju, is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (is-SIAK) jew il-korpi ta' governanza (l-aġenziji tal-pagamenti, il-korpi ta' koordinazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni). L-istrutturi ta' governanza robusti u affidabbli li jikkaratterizzaw il-PAK se jinżammu.

Minbarra d-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament, ir-Regolament Orizzontali tal-PAK se jkompli jkun fih dispożizzjonijiet dwar il-prinċipji ġenerali għall-verifiki u għall-penali, dwar il-verifiki għall-kundizzjonalità u dwar is-SIAK. Minħabba f'hekk, ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar is-sistemi ta' finanzjament, ta' ġestjoni u ta' kontroll, dwar il-proċessi tal-approvazzjoni (l-approvazzjoni finanzjarja annwali u l-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni) u dwar il-proċedura tal-konformità.

Dan ir-Regolament jinkludi diversi elementi ta' simplifikazzjoni. L-ewwel nett, l-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni l-ġdida tirrifletti l-bidla mill-konformità tal-benefiċjarju individwali għall-prestazzjoni tal-politika fl-Istati Membri.

Barra minn hekk, b'konformità mal-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni, huwa jipprevedi tnaqqis fl-għadd ta' aġenziji tal-pagamenti u tisħiħ tar-rwol tal-korp ta' koordinazzjoni u tal-korp taċ-ċertifikazzjoni. Dan se jżid it-trasparenza tas-sistema u se jagħmilha ta' inqas piż kemm għall-amministrazzjonijiet nazzjonali kif ukoll għall-Kummissjoni. Qed jiddaħħal il-kunċett tal-approċċ ta' awditu uniku, b'konformità mar-Regolament Finanzjarju, u l-għadd ta' awditi tal-Kummissjoni jista' jitnaqqas.

Ir-Regolament Emendatorju

Il-Komunikazzjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja tikkonferma l-orjentazzjoni tas-suq bħala element ewlieni tal-PAK, iżda tenfasizza wkoll l-isfidi marbutin mas-sostenibbiltà ambjentali u mat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, hija tqiegħed lis-settur agrikolu direttament fid-dibattitu dwar l-ikel u dwar it-tħassib taċ-ċittadini b'rabta ma' dan, u tfakkar li "l-aktar rwol importanti għall-politika hu li tgħin lill-bdiewa jantiċipaw l-iżviluppi fid-drawwiet tad-dieta u jaġġustaw il-produzzjoni tagħhom skont is-sinjali tas-suq u d-domanda tal-konsumaturi". Minħabba li r-regoli ddettaljati li jistgħu jimpedixxu l-aġġustamenti meħtieġa huma stabbiliti fil-livell tal-UE, ir-riforma hija opportunità biex isiru l-bidliet meħtieġa. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-PAK tindirizza t-tħassib taċ-ċittadini b'rabta mal-produzzjoni agrikola sostenibbli.

Għalhekk huwa previst li jinżammu l-istruttura u l-karatteristiċi ewlenin tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, filwaqt li jiġi emendat għadd limitat ta' dispożizzjonijiet fid-dawl tal-iżviluppi ekonomiċi, ambjentali u tas-soċjetà li saru mid-dħul fis-seħħ tiegħu fl-2014 'l hawn.

L-ewwel nett, sabiex tiġi żgurata koerenza aħjar tal-interventi tal-PAK, huwa previst li jitħassru d-dispożizzjonijiet marbutin mal-interventi settorjali li qabel kienu stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, minħabba li dawn l-interventi tal-PAK fil-ġejjieni se jkunu rregolati mir-[Regolament dwar il-Pjan tal-PAK] u se jkunu jagħmlu parti mill-pjanijiet strateġiċi tal-Istati Membri.

It-tieni nett, filwaqt li, b'mod ġenerali, ir-riformi suċċessivi tal-2008 u tal-2013 tal-politika dwar l-inbid laħqu l-għanijiet tagħhom u wasslu għal settur tal-inbid ekonomikament dinamiku, inħolqu sfidi ekonomiċi, ambjentali u klimatiċi ġodda. Għalhekk, ir-Regolament jipprevedi għadd ta' emendi speċifiċi għar-regoli eżistenti biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi.

It-tielet nett, il-Komunikazzjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja talbet li l-indikazzjonijiet ġeografiċi (IĠ) isiru iktar attraenti għall-bdiewa u għall-konsumaturi, u talbet li s-sistema tkun tista' tiġi ġestita iktar faċilment. Għalhekk qed jiġi propost li jiġu emendati r-regoli attwali dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi, li bħalissa huma mifruxin fuq erba' atti bażiċi, bil-għan li jkun hemm sistema iktar sempliċi tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, li jkun hemm reġistrazzjoni iktar mgħaġġla ta' dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi u li jkun hemm approvazzjoni iktar effiċjenti tal-emendi fl-Ispeċifikazzjonijiet tal-Prodotti. Dawn il-bidliet għandhom l-għan li jissimplifikaw is-sistema tal-indikazzjonijiet ġeografiċi biex din tkun tista' tinftiehem aħjar mill-konsumaturi u biex ikun iktar faċli li tiġi promossa u b'hekk se jnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi tal-ġestjoni tas-sistema.

Għar-regoli dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid, il-limitazzjoni tal-iskrutinju tal-UE tal-applikazzjonijiet għall-verifika li ma jkun fihom l-ebda żball evidenti, is-separazzjoni tar-regoli dwar il-proprjetà intellettwali minn rekwiżiti oħrajn stabbiliti fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u l-fatt li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu dwar emendi li ma jkollhomx impatti fil-livell tal-UE se jissimplifikaw l-approvazzjonijiet, inaqqsu l-ħin u jirrazzjonalizzaw ir-riżorsi, f'konformità maż-żewġ prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Bl-istess

mod, hija prevista s-simplifikazzjoni ta' xi proċeduri speċifiċi bħal, pereżempju, il-proċedura ta' oppożizzjoni, biex il-proċess tal-approvazzjoni jkun iktar effiċjenti.

Il-kjarifika tad-definizzjoni tad-"Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta" għall-inbejjed se tippermetti lill-gruppi tal-produtturi jużaw selezzjonijiet varjetali ġodda, meħtieġa wkoll biex iwieġbu għat-tibdil fil-klima, u se tippermetti li jiġu ġġustifikati kif xieraq l-applikazzjonijiet f'konformità mar-realtajiet tal-vitikultura u mar-realtajiet enoloġiċi. Qed jiġi propost ukoll li jissaħħaħ il-ħarsien tal-indikazzjonijiet ġeografiċi mill-falsifikazzjoni tagħhom fuq l-internet u fuq l-oġġetti fi tranżitu.

Is-simplifikazzjoni li qed tiġi proposta għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid trid tiġi applikata wkoll għall-prodotti agrikoli u għall-oġġetti tal-ikel sabiex ikun żgurat livell raġonevoli ta' koerenza bejn l-iskemi u sabiex il-benefiċċji msemmijin hawn fuq jingħataw ukoll lill-produtturi tal-indikazzjonijiet ġeografiċi f'dan is-settur. L-iskema tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid aromatizzat, li minn 3 350 indikazzjoni ġeografika għandha ħamsa biss, ma tistax titħaddem u jenħtieġ li tiddaħħal fi skema oħra – l-iskema tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel hija xierqa għal dan għax diġà tkopri xorb alkoħoliku ieħor.

Barra minn hekk, ir-Regolament jipprevedi dispożizzjonijiet li sempliċiment idaħħlu fil-leġiżlazzjoni interna l-impenji li l-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu fil-kuntest tad-Deċiżjonijiet Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ta' dan l-aħħar, b'mod partikolari dwar is-sussidji għall-esportazzjoni u, b'mod aktar ġenerali, dwar il-miżuri dwar il-kompetizzjoni fl-esportazzjoni.

Fl-aħħar nett, qed jiġi propost li jitħassru għadd ta' dispożizzjonijiet li ma għadhomx validi, fost l-oħrajn is-sistema ta' regolazzjoni tal-produzzjoni u r-rekwiżiti li japplikaw għas-settur taz-zokkor li skadew fi tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni tal-2016/2017.

2018/0217 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" tad-29 ta' Novembru 2017 ikkonkludiet li jenħtieġ li l-Politika Agrikola Komuni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-PAK") tibqa' żżid ir-rispons tagħha għall-isfidi u l-opportunitajiet tal-ġejjieni billi tagħti spinta lill-impjiegi, lit-tkabbir u lill-investiment, billi titħabat kontra t-tibdil fil-klima u tadatta għalih u billi toħroġ ir-riċerka u l-innovazzjoni mil-laboratorji u tħaddimhom fl-għelieqi u fis-swieq. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-PAK tindirizza t-tħassib taċ-ċittadini b'rabta mal-produzzjoni agrikola sostenibbli.

(2) [Spazju riżervat għar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew]

(3) Jenħtieġ li l-mudell tal-implimentazzjoni tal-PAK ibbażat fuq il-konformità jiġi aġġustat biex ikun żgurat li jkun hemm iktar enfasi fuq ir-riżultati u fuq il-prestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi l-għanijiet bażiċi tal-politika, it-tipi ta' intervent u r-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni, filwaqt li l-Istati Membri jerfgħu responsabbiltà akbar u jkunu iktar responsabbli biex jilħqu dawk l-għanijiet. Minħabba f'hekk, hemm bżonn li tiġi żgurata iktar sussidjarjetà sabiex jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet lokali. B'hekk jenħtieġ li, fil-kuntest tal-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni, l-Istati Membri jkunu responsabbli biex ifasslu l-interventi tagħhom tal-PAK skont ir-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni sabiex isaħħu kemm jista' jkun il-kontribut tagħhom lejn l-għanijiet tal-PAK tal-Unjoni u sabiex ifasslu u jistabbilixxu l-qafas ta' konformità u ta' kontroll li japplika għall-benefiċjarji.

---

8 ĠU C , , p. .

9 ĠU C , , p. .

(4) Il-PAK tinkludi diversi interventi u miżuri li ħafna minnhom huma koperti mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jissemmew fit-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK]. Xi oħrajn għadhom isegwu l-loġika tradizzjonali tal-konformità. Huwa importanti li jkun hemm finanzjament għall-interventi u għall-miżuri kollha biex jingħata kontribut għall-kisba tal-għanijiet tal-PAK. F'dawk l-interventi u l-miżuri, ċerti elementi huma l-istess, allura jenħtieġ li l-finanzjament tagħhom jiġi indirizzat bl-istess sett ta' dispożizzjonijiet. Madankollu, jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet ikunu jippermettu trattament differenti meta jkun hemm bżonn. Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirregola żewġ Fondi agrikoli Ewropej, li huma l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija ("l-FAEG") u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ("l-FAEŻR") (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Fondi"). Jenħtieġ li dawk il-Fondi jinżammu f'dan ir-Regolament. Minħabba l-ambitu tar-riforma, huwa xieraq li r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jiġi sostitwit.

(5) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid][12], b'mod partikolari dawk li jirregolaw il-ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri, il-funzjoni tal-korpi akkreditati u l-prinċipji tal-baġit, japplikaw għall-interventi u għall-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(6) Sabiex jiġu armonizzati l-prattiki tal-Istati Membri huma u japplikaw il-klawżola ta' forza maġġuri, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi eżenzjonijiet mir-regoli tal-PAK f'każijiet ta' forza maġġuri u f'ċirkustanzi eċċezzjonali, fejn dan ikun xieraq, u li dan jipprevedi lista mhux eżawrjenti tal-każijiet ta' forza maġġuri li jista' jkun hemm u taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jridu jirrikonoxxu. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jiddeċiedu każ b'każ u abbażi tal-provi rilevanti jekk hemmx forza maġġuri jew ċirkustanzi eċċezzjonali.

(7) Jenħtieġ li n-nefqa tal-PAK, fosthom dik għall-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK skont it-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], tiġi ffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-baġit tal-Unjoni"), jew direttament permezz tal-Fondi, jew fil-kuntest tal-ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri. Jenħtieġ li tiġi speċifikata t-tip ta' nefqa li tista' tiġi ffinanzjata permezz tal-Fondi.

(8) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat") u sabiex ikun hemm konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża, kif previst fl-Artikolu 59 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkunu fis-seħħ is-sistemi ta' governanza li hemm bżonn. Għalhekk jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjoni biex jinħatru l-awtorità kompetenti, l-aġenzija tal-pagamenti, il-korp ta' koordinazzjoni u l-korp taċ-ċertifikazzjoni.

(9) Jeħtieġ jiġi previst l-akkreditament tal-aġenziji tal-pagamenti u tal-korpi ta' koordinazzjoni min-naħa tal-Istati Membri u l-istabbiliment ta' proċeduri għall-kisba

[10] Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' […][…] (ĠU L […], […], p. […]).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

[12] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid].

tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u tar-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni, kif ukoll għall-kisba taċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' monitoraġġ u tas-sistemi tar-rappurtar u taċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet annwali min-naħa ta' korpi indipendenti. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tas-sistema ta' verifiki li jridu jitwettqu fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari b'rabta mal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ta' validazzjoni u ta' pagament, u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u tal-awditjar tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri f'każijiet meta jkun hemm bżonn tiġi akkreditata kull aġenzija individwali tal-pagamenti, jenħtieġ li l-għadd ta' awtoritajiet u ta' korpi li lilhom jiġu ddelegati dawk ir-responsabbiltajiet ikun limitat filwaqt li jitħarsu d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali ta' kull Stat Membru.

(10) Meta Stat Membru jakkredita iktar minn aġenzija waħda tal-pagamenti, jenħtieġ li jaħtar korp pubbliku uniku ta' koordinazzjoni biex jiżgura l-konsistenza fil-ġestjoni tal-Fondi, biex jipprevedi kollegament bejn il-Kummissjoni u d-diversi aġenziji tal-pagamenti akkreditati u biex jiżgura li l-informazzjoni li l-Kummissjoni titlob dwar il-ħidma ta' diversi aġenziji tal-pagamenti tingħata minnufih. Jenħtieġ li l-korp ta' koordinazzjoni jieħu wkoll azzjoni biex isolvi n-nuqqasijiet ta' natura komuni li jkunu nstabu fil-livell nazzjonali u jikkoordina t-tali azzjonijiet, u li dan iżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar is-segwitu tagħhom.

(11) Fil-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni, l-involviment tal-aġenziji tal-pagamenti li l-Istati Membri jkunu akkreditaw huwa prerekwiżit importanti biex ikun żgurat b'mod raġonevoli li l-għanijiet u l-miri stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi rilevanti tal-PAK jintlaħqu bl-interventi ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġi stipulat b'mod espliċitu li hija biss in-nefqa li jagħmlu l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati li tista' tiġi rrimborżata mill-baġit tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li n-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni għall-interventi li jissemmew fir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK ikollha output korrispondenti u tkun tikkonforma mar-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni u mas-sistemi ta' governanza.

(12) Fil-kuntest tal-ħarsien tad-dixxiplina baġitarja, jeħtieġ jiġi ddefinit il-limitu massimu annwali għan-nefqa ffinanzjata mill-FAEG billi jitqiesu l-ammonti massimi stabbiliti għal dak il-Fond fil-qafas finanzjarju pluriennali previst fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) [COM(2018) 322 final – ir-Regolament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali][13].

(13) Id-dixxiplina baġitarja teżiġi wkoll li l-limitu massimu annwali għan-nefqa ffinanzjata mill-FAEG jitħares f'kull ċirkustanza u f'kull stadju tal-proċedura tal-baġit u tal-eżekuzzjoni tal-baġit. B'hekk jeħtieġ li l-limitu massimu nazzjonali għall-pagamenti diretti għal kull Stat Membru stabbilit fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] jitqies bħala l-limitu massimu finanzjarju għat-tali pagamenti diretti għall-Istat Membru kkonċernat u li r-rimborż ta' dawk il-pagamenti ma jaqbiżx dan il-limitu massimu finanzjarju.

(14) Sabiex ikun żgurat li l-ammonti għall-finanzjament tal-PAK ikunu konformi mal-limiti massimi annwali, jenħtieġ li jinżamm il-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja li bih il-livell ta' appoġġ dirett jiġi aġġustat. Madankollu, jenħtieġ li jitneħħa l-limitu ta' EUR 2 000. Jenħtieġ li tinżamm riżerva għall-agrikoltura sabiex is-settur agrikolu jiġi appoġġat f'każ ta' żviluppi tas-suq jew kriżijiet ewlenin li jolqtu lill-produzzjoni jew lid-distribuzzjoni agrikola. L-Artikolu 12(2)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] jipprevedi li l-approprjazzjonijiet mhux impenjati

[13] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid].

jistgħu jiġu riportati għas-sena finanzjarja ta' wara biss. Sabiex tiġi ssimplifikata b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni għall-benefiċjarji u għall-amministrazzjonijiet nazzjonali, jenħtieġ li jintuża mekkaniżmu ta' riportament li juża kull ammont tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu li se tiġi stabbilita fl-2020 li ma jkunx intuża. Għal dan il-għan, hemm bżonn ta' deroga mill-Artikolu 12(2)(d) li tippermetti li l-approprjazzjonijiet mhux impenjati tar-riżerva għall-agrikoltura jiġu riportati mingħajr limitu taż-żmien biex jiffinanzjaw lil din ir-riżerva fis-sena jew fis-snin finanzjarji ta' wara. Barra minn hekk, għas-sena finanzjarja tal-2020, hemm bżonn ta' deroga oħra minħabba li jenħtieġ li l-ammont kollu tar-riżerva li ma jkunx intuża u li jkun disponibbli fi tmiem l-2020 jiġi riportat għall-2021 għal-linja korrispondenti tar-riżerva l-ġdida għall-agrikoltura mingħajr ma jerġa' jiddaħħal fil-linji baġitarji li jkopru l-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti fil-kuntest tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

(15) Sabiex jiġi evitat li l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-bdiewa jkollhom piż amministrattiv eċċessiv, jenħtieġ li jiġi previst li r-rimborż tal-ammonti li jkunu ġew riportati mis-sena finanzjarja ta' qabel b'rabta mad-dixxiplina finanzjarja applikata ma jsirx meta d-dixxiplina finanzjarja tiġi applikata għal sena oħra sussegwenti (is-sena N+1) jew meta l-ammont kollu tal-approprjazzjonijiet mhux impenjati jkun jirrappreżenta inqas minn 0,2 % tal-limitu massimu annwali tal-FAEG.

(16) Filwaqt li jitqiesu l-livelli tal-pagamenti diretti lill-bdiewa fil-Kroazja fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' introduzzjoni progressiva għall-pagamenti diretti kollha mogħtija f'dak l-Istat Membru, jenħtieġ li l-istrument tad-dixxiplina finanzjarja jibda japplika fil-Kroazja biss mill-1 ta' Jannar 2022.

(17) Il-miżuri li jittieħdu biex tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fondi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kalkolu tal-limiti massimi finanzjarji ma jaffettwawx is-setgħat tal-awtorità baġitarja maħtura mit-TFUE. Għalhekk jenħtieġ li dawk il-miżuri jissejsu fuq il-pakketti finanzjarji stabbiliti skont il-Ftehim Interistituzzjonali ta' […] [COM(2018) 322 final – ir-Regolament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali].

(18) Id-dixxiplina baġitarja teżiġi wkoll eżami kontinwu tal-qagħda tal-baġit fuq perjodu medju taż-żmien. Jekk ikun hemm bżonn, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi l-miżuri x-xierqa lil-leġiżlatur sabiex tiżgura li l-Istati Membri jħarsu l-limiti massimi previsti fir-Regolament (UE, Euratom) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [COM(2018) 322 final – ir-Regolament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali]. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ is-setgħat tagħha ta' ġestjoni f'kull żmien biex tiżgura l-konformità mal-limitu massimu annwali u, jekk ikun hemm bżonn, tipproponi l-miżuri x-xierqa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew lill-Kunsill biex tiġi rrimedjata l-qagħda tal-baġit. Jekk, fi tmiem sena baġitarja, ma jkunx jista' jkun hemm konformità mal-limitu massimu annwali minħabba r-rimborżi li jkunu talbu għalihom l-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tieħu miżuri li jippermettu li l-baġit disponibbli jitqassam b'mod provviżorju fost l-Istati Membri b'mod proporzjonat mat-talbiet tagħhom għar-rimborżi li jkun għadhom ma tħallsux, kif ukoll miżuri li jiżguraw il-konformità mal-limitu massimu stabbilit għas-sena kkonċernata. Jenħtieġ li l-pagamenti għal dik is-sena jiġu ddebitati għas-sena baġitarja ta' wara u li jiġi stabbilit b'mod definittiv l-ammont kollu ta' finanzjament mill-Unjoni għal kull Stat Membru, kif ukoll il-kumpens bejn l-Istati Membri, sabiex ikun żgurat li jkun hemm konformità mal-ammont stabbilit.

(19) Hija u timplimenta l-baġit, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħaddem sistema ta' twissija bikrija u ta' monitoraġġ ta' kull xahar għan-nefqa agrikola sabiex, jekk ikun hemm

riskju li l-limitu massimu annwali jinqabeż, hija tkun tista' tieħu l-miżuri x-xierqa mill-aktar fis possibbli skont is-setgħat ta' ġestjoni li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha u tipproponi miżuri oħrajn jekk dawk il-miżuri jkunu jidhru li ma jkunux biżżejjed. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tibgħat rapport perjodiku lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih tqabbel l-evoluzzjoni tan-nefqa li tkun saret sa dak iż-żmien mal-profili u li fih tivvaluta l-implimentazzjoni li tista' tkun prevista għall-bqija tas-sena baġitarja.

(20) F'dak li għandu x'jaqsam mal-FAEG, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex tiġi koperta n-nefqa li jkunu għamlu l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati lill-Istati Membri fil-forma ta' rimborżi għar-riżervar tan-nefqa li jkunu għamlu dawk l-aġenziji. Jeħtieġ jiġi previst ukoll li, sakemm ikunu saru t-tali rimborżi, fil-forma ta' pagamenti ta' kull xahar, l-Istati Membri jridu jimmobilizzaw ir-riżorsi finanzjarji skont il-ħtiġijiet tal-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tagħhom. Jenħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġi stipulat b'mod espliċitu li l-Istati Membri u l-benefiċjarji involuti fl-implimentazzjoni tal-PAK iridu jħallsu l-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal tagħhom huma stess.

(21) Sabiex il-Kummissjoni tingħata l-mezzi biex, b'mod partikolari, tkun tista' tamministra s-swieq agrikoli, tiffaċilita l-monitoraġġ tan-nefqa agrikola u timmonitorja r-riżorsi agrikoli fuq perjodu medju taż-żmien u fit-tul, jenħtieġ li jiġi previst l-użu tas-sistema agrometeoroloġika u l-akkwist tad-data mis-satelliti u t-titjib ta' din id-data.

(22) F'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni finanzjarja tal-FAEŻR, jenħtieġ li jiġu previsti dispożizzjonijiet dwar l-impenji baġitarji, dwar l-iskadenzi għall-pagamenti, dwar id-diżimpenn u dwar l-interruzzjonijiet. L-interventi għall-iżvilupp rurali jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni abbażi ta' impenji li jsiru bħala pagamenti akkont annwali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw il-Fondi tal-Unjoni previsti malli jiġu approvati l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Għalhekk hemm bżonn ta' sistema ta' prefinanzjament ristretta kif xieraq biex ikun żgurat fluss kostanti ta' fondi sabiex il-pagamenti lill-benefiċjarji tal-interventi jsiru f'waqthom.

(23) Minbarra l-prefinanzjament, jeħtieġ li ssir distinzjoni wkoll bejn il-pagamenti interim u l-pagament tal-bilanċi min-naħa tal-Kummissjoni lill-aġenziji tal-pagamenti akkreditati. Jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti r-regoli ddettaljati li jirregolaw dawk il-pagamenti. Jenħtieġ li r-regola tad-diżimpenn awtomatiku tgħin sabiex l-interventi jsiru iktar malajr u li din tikkontribwixxi għal ġestjoni finanzjarja tajba. Ir-regoli li jirregolaw l-oqfsa nazzjonali tal-Istati Membri li jkollhom interventi reġjonali kif stabbilit fir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] ukoll jipprovdu għodda għall-Istati Membri biex jiżguraw l-eżekuzzjoni u ġestjoni finanzjarja tajba.

(24) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-għajnuna mill-Unjoni titħallas fil-ħin lill-benefiċjarji sabiex dawn ikunu jistgħu jużawha b'mod effiċjenti. Jekk l-Istati Membri jonqsu milli jikkonformaw mal-iskadenzi għall-pagamenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, jistgħu joħolqu diffikultajiet kbar għall-benefiċjarji u jipperikolaw l-ibbaġitjar annwali tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li n-nefqa li ssir mingħajr ma jitħarsu l-iskadenzi għall-pagamenti tiġi eskluża mill-finanzjament tal-Unjoni. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tipprevedi eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali fil-każ taż-żewġ Fondi.

---

14 Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' […] […] (ĠU L […], […], p. […]).

(25) Skont l-istruttura u l-karatteristiċi ewlenin tal-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li l-eliġibbiltà tal-pagamenti li l-Istati Membri jagħmlu għall-finanzjament tal-Unjoni ma tkunx tiddependi iktar fuq il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti lill-benefiċjarji individwali. Minflok, għat-tipi ta' interventi li jissemmew fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], jenħtieġ li l-pagamenti tal-Istati Membri jkunu eliġibbli jekk ikun hemm output li jikkorrispondi magħhom u jekk ikunu konformi mar-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni applikabbli.

(26) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 kien jipprevedi t-tnaqqis u s-sospensjonijiet tal-pagamenti interim jew tal-pagamenti ta' kull xahar biex jiġi appoġġat il-kontroll tal-legalità u tar-regolarità. Fil-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni, jenħtieġ li dawk l-għodod jintużaw biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni. Jenħtieġ li tiġi ċċarata wkoll id-differenza bejn it-tnaqqis u s-sospensjonijiet.

(27) Jenħtieġ li tiġi ssimplifikata l-proċedura biex jitnaqqsu l-pagamenti mill-FAEG fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-limiti massimi finanzjarji stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni u li din il-proċedura tiġi allinjata ma' dik użata għall-pagamenti mill-FAEŻR f'dan il-kuntest.

(28) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibagħtu l-kontijiet annwali u rapport annwali dwar il-prestazzjoni b'rabta mal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar tas-sena N+1. Meta ma jintbagħtux dawn id-dokumenti u b'hekk il-Kummissjoni ma tkunx tista' tapprova l-kontijiet tal-aġenzija tal-pagamenti kkonċernata jew ma tkunx tista' tiċċekkja l-eliġibbiltà tan-nefqa mal-outputs irrappurtati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tissospendi l-pagamenti ta' kull xahar u tinterrompi r-rimborżi ta' kull tliet xhur sa ma tirċievi d-dokumenti pendenti.

(29) Jenħtieġ li tiddaħħal forma ġdida ta' sospensjoni tal-pagamenti għal sitwazzjonijiet fejn ikun hemm outputs li jkunu baxxi ħafna b'mod mhux normali. Meta l-outputs irrappurtati jkunu baxxi ħafna b'mod mhux normali meta mqabblin man-nefqa ddikjarata, u meta l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jagħtu raġunijiet tajbin u li jinftehmu għal din is-sitwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li, minbarra li tnaqqas in-nefqa għas-sena finanzjarja N-1, tissospendi wkoll in-nefqa futura marbuta mal-intervent li għalih l-output kien baxx ħafna b'mod mhux normali. Jenħtieġ li t-tali sospensjonijiet jiġu kkonfermati fid-deċiżjoni annwali dwar l-approvazzjoni tal-prestazzjoni.

(30) F'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ pluriennali tal-prestazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha wkoll is-setgħa tissospendi l-pagamenti. Għalhekk, f'każijiet ta' dewmien fil-progress lejn il-miri stabbiliti fil-Pjan Strateġiku nazzjonali tal-PAK, jew f'każijiet fejn ma jkunx sar biżżejjed progress biex dawn jintlaħqu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa titlob, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, lill-Istat Membru kkonċernat jieħu l-azzjonijiet meħtieġa ta' rimedju skont pjan ta' azzjoni li jrid jiġi stabbilit b'konsultazzjoni magħha u li jkun fih indikaturi ċari dwar il-progress. Meta l-Istat Membru jonqos milli jibgħat il-pjan ta' azzjoni jew milli jimplimentah, jew meta jkun ċar li l-pjan ta' azzjoni ma jkunx biżżejjed biex titranġa s-sitwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa tissospendi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-pagamenti interim jew il-pagamenti ta' kull xahar.

(31) Kif kien il-każ fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tissospendi l-pagamenti meta jkun hemm nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' governanza, fosthom nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti bażiċi

tal-Unjoni u rappurtar mhux affidabbli. Madankollu, jeħtieġ li jiġu rriveduti l-kundizzjonijiet għas-sospensjoni tal-pagamenti sabiex il-mekkaniżmu jsir aktar effiċjenti. Jenħtieġ li l-konsegwenzi finanzjarji tat-tali sospensjonijiet jiġu deċiżi permezz ta' proċedura *ad hoc* tal-konformità.

(32) Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jagħmlu l-pagamenti sħaħ tal-PAK previsti mil-liġi tal-Unjoni lill-benefiċjarji.

(33) Sabiex ċertu tip ta' dħul marbut mal-PAK ikun jista' jerġa' jintuża għall-għanijiet tal-PAK, jenħtieġ li dan jiġi kkwalifikat bħala dħul assenjat. Jenħtieġ li tiġi emendata l-lista tas-somom mogħtija fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu armonizzati u jingħaqdu mad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar id-dħul assenjat.

(34) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fih lista tal-miżuri ta' informazzjoni marbutin mal-PAK u l-għanijiet tagħhom u jistabbilixxi r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom u dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti li jikkorrispondu magħhom. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet speċifiċi marbutin mal-għanijiet u mat-tipi ta' miżuri ta' informazzjoni li jridu jiġu ffinanzjati jiġu ttrasferiti għal dan ir-Regolament.

(35) Fil-biċċa l-kbira tiegħu, il-finanzjament tal-miżuri u tal-interventi fil-kuntest tal-PAK jaqa' taħt il-prinċipju tal-ġestjoni kondiviża. Sabiex ikun żgurat li jkun hemm ġestjoni tajba tal-Fondi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq verifiki fuq kif l-awtoritajiet tal-Istati Membri li huma responsabbli biex jagħmlu l-pagamenti qed jamministraw il-Fondi. Huwa xieraq li tiġi ddefinita n-natura tal-verifiki li l-Kummissjoni trid twettaq, li jiġu speċifikati t-termini tar-responsabbiltajiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni u li jiġu ċċarati l-obbligi ta' kooperazzjoni tal-Istati Membri.

(36) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq l-obbligu tagħha li tivverifika li jkun hemm sistemi ta' ġestjoni u ta' spezzjoni tan-nefqa tal-Unjoni fl-Istati Membri u li dawn is-sistemi jkunu qed jaħdmu tajjeb, jenħtieġ li jiġi previst li jitwettqu verifiki minn persuni awtorizzati mill-Kummissjoni biex jaġixxu f'isimha, irrispettivament mill-ispezzjonijiet li jwettqu l-Istati Membri nfushom, u li dawn il-persuni jkunu jistgħu jitolbu l-għajnuna tal-Istati Membri f'ħidmiethom.

(37) Jeħtieġ li t-teknoloġija tal-informazzjoni tintuża b'mod kemm jista' jkun estensiv sabiex tinħoloq l-informazzjoni li trid tintbagħat lill-Kummissjoni. Hija u twettaq il-verifiki, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha aċċess sħiħ u immedjat għall-informazzjoni dwar in-nefqa rreġistrata b'mod elettroniku u f'forma stampata.

(38) Sabiex jiġu applikati r-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju [il-ġdid] b'rabta mad-dipendenza reċiproka fuq l-awditi u jitnaqqas ir-riskju ta' xogħol doppju fl-awditi li jsiru minn diversi istituzzjonijiet, jeħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli dwar l-approċċ ta' awditu uniku u li tiġi prevista l-possibbiltà li l-assigurazzjoni tal-Kummissjoni tiġi mix-xogħol ta' korpi affidabbli taċ-ċertifikazzjoni.

(39) Sabiex tiġi stabbilita r-rabta finanzjarja bejn l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati u l-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti ta' kull sena fil-kuntest tal-approvazzjoni finanzjarja annwali. Jenħtieġ li d-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tkun limitata għall-kompletezza, għall-preċiżjoni u għall-veraċità tal-kontijiet u li din ma tkunx tkopri l-konformità tan-nefqa mal-liġi tal-Unjoni.

(40) F'konformità mal-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni sabiex tiġi ċċekkjata l-eliġibbiltà

tan-nefqa b'rabta mal-outputs irrappurtati. Sabiex jiġu indirizzati s-sitwazzjonijiet fejn ma jkunx hemm outputs irrappurtati li jikkorrispondu man-nefqa ddikjarata u l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiġġustifikaw dan, jenħtieġ li jiġi implimentat mekkaniżmu ta' tnaqqis tal-pagamenti.

(41) Il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà timplimenta l-baġit tal-Unjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri skont l-Artikolu 317 tat-Trattat. B'hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, jekk in-nefqa li jkunu għamlu l-Istati Membri tkunx konformi mal-liġi tal-Unjoni jew le. Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw id-dritt jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom li jagħmlu l-pagamenti u li huma jkunu jistgħu jużaw il-proċedura ta' konċiljazzjoni meta ma jkunx hemm ftehim komuni bejnhom u l-Kummissjoni. Sabiex l-Istati Membri jingħataw assigurazzjonijiet legali u finanzjarji dwar in-nefqa li tkun saret fl-imgħoddi, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' limitazzjoni għall-Kummissjoni biex tiddeċiedi x'konsegwenzi finanzjarji jenħtieġ li jkun hemm b'segwitu għan-nuqqas ta' konformità.

(42) Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw sistemi biex huma jkunu ssodisfati li l-interventi ffinanzjati mill-Fondi jitwettqu verament u jiġu eżegwiti tajjeb, filwaqt li jżommu l-qafas robust attwali għal ġestjoni finanzjarja tajba. Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15], ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[16], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[17] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[18], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż ta' frodi, l-irkupru ta' Fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. Barra minn hekk, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19]. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi Fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-QEA) u tiżgura li

---

15 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

16 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

17 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

18 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

19 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-Fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Sabiex l-OLAF ikun jista' jeżerċita s-setgħat tiegħu u jiżgura analiżi effiċjenti tal-każijiet ta' irregolarità, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ is-sistemi li jippermettulhom jibagħtu rapporti lill-Kummissjoni dwar l-irregolaritajiet u l-każijiet l-oħrajn ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet li l-Istati Membri jistabbilixxu fil-Pjan Strateġiku tal-PAK li jkunu ġew innutati, fosthom il-frodi, u dwar is-segwitu tagħhom, kif ukoll dwar is-segwitu tal-investigazzjonijiet tal-OLAF. Sabiex jiżguraw li l-ilmenti marbutin mal-Fondi jiġu eżaminati b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ l-arranġamenti meħtieġa għal dan.

(43) Ir-regoli finanzjarji orizzontali li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jistabbilixxu, b'mod partikolari, il-proċedura biex jiġi stabbilit il-baġit u biex dan jiġi implimentat permezz ta' għotjiet, tal-akkwist, ta' premjijiet u tal-implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu verifiki tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE għandhom x'jaqsmu wkoll mal-ħarsien tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati b'rabta mal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, minħabba li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prerekwiżit essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u għal finanzjament effettiv min-naħa tal-Unjoni.

(44) Huwa xieraq li jiġi żgurat li ċ-ċaħda jew l-irkupru tal-pagamenti minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku jkunu jirriflettu l-gravità tat-tali nuqqas ta' konformità u jkunu jħarsu l-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit, pereżempju, fil-linji gwida rilevanti stabbiliti mill-Kummissjoni għall-korrezzjonijiet finanzjarji tan-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni fil-kuntest tal-ġestjoni kondiviża fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mat-tali regoli. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat li t-tali nuqqas ta' konformità jaffettwa l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet biss sal-livell tal-parti tal-għajnuna li ma għandhiex titħallas jew li għandha tiġi rtirata.

(45) Diversi dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni settorjali għall-agrikoltura jeżiġu li tiġi ddepożitata garanzija sabiex jiġi żgurat il-pagament ta' somma dovuta f'każ li ma jitħarisx obbligu. Sabiex jissaħħaħ il-qafas għall-garanziji, jenħtieġ li tapplika regola waħda orizzontali għal dawk id-dispożizzjonijiet kollha.

(46) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu u jħaddmu sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-sistema integrata") għal ċerti interventi previsti fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] u għall-miżuri msemmijin fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] u fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] rispettivament. Sabiex jitjiebu l-effettività u l-monitoraġġ tal-għajnuna tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu awtorizzati jużaw is-sistema integrata għal interventi oħrajn tal-Unjoni.

(47) Jenħtieġ li jinżammu l-elementi eżistenti ewlenin tas-sistema integrata u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

[21] Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41).

raba', dwar sistema għall-applikazzjonijiet ġeospazjali u sistema għall-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-annimali, dwar sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-intitolamenti għall-pagamenti, dwar sistema għar-reġistrazzjoni tal-identità tal-benefiċjarji u dwar sistema ta' kontroll u penali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jużaw il-prodotti tad-data jew tal-informazzjoni pprovduti mill-programm Copernicus, minbarra t-teknoloġiji tal-informazzjoni bħall-GALILEO u l-EGNOS, sabiex ikun żgurat li fl-Unjoni kollha jkun hemm data komprensiva u komparabbli biex tkun tista' tiġi mmonitorjata l-politika agroambjentali u klimatika u biex ikun jista' jissaħħaħ l-użu tad-data u tal-informazzjoni ħielsa u miftuħa kollha maqbuda mis-satelliti Sentinels ta' Copernicus u mis-servizzi ta' dan il-programm. Għal dan il-għan, jenħtieġ li s-sistema integrata tkun tinkludi wkoll sistema ta' monitoraġġ tal-erja.

(48) Bħala parti mis-sistemi ta' governanza li jenħtieġ li jkunu fis-seħħ biex tiġi implimentata l-PAK, jenħtieġ li s-sistema integrata tiżgura li d-data aggregata pprovduta bħala parti mir-rappurtar annwali dwar il-prestazzjoni tkun affidabbli u tkun tista' tiġi vverifikata. Minħabba l-importanza ta' sistema integrata li taħdem sew, jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-kwalità. Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu valutazzjoni annwali tal-kwalità tas-sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba', tas-sistema għall-applikazzjonijiet ġeospazjali u tas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja. Jenħtieġ li l-Istati Membri jittrattaw ukoll kull nuqqas u, jekk jintalbu jagħmlu dan mill-Kummissjoni, jistabbilixxu pjan ta' azzjoni.

(49) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" stabbiliet bħala orjentament strateġiku għall-PAK fil-ġejjieni t-tisħiħ tal-kura ambjentali u tal-azzjoni klimatika u l-kontribut biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni. B'hekk, għall-finijiet ambjentali u klimatiċi, sar hemm bżonn li tiġi skambjata d-data tas-sistema ta' identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba' u data oħra tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li jiġi previst li d-data li tinġabar permezz tas-sistema integrata li tkun rilevanti għall-finijiet ambjentali u klimatiċi tinqasam bejn l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet u mal-korpi tal-Unjoni. Sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tad-data li l-awtoritajiet pubbliċi differenti jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex joħolqu l-istatistika Ewropea, jenħtieġ li jiġi previst ukoll li, għall-finijiet tal-istatistika, id-data mis-sistema integrata trid titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' korpi li ma jiffurmawx parti mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

(50) L-iskrutinju tad-dokumenti kummerċjali tal-impriżi li jirċievu jew li jagħmlu l-pagamenti jista' jkun mezz effettiv ħafna ta' sorveljanza tat-tranżazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament tal-FAEG. Dak l-iskrutinju jissupplimenta verifiki oħrajn li l-Istati Membri jkunu diġà wettqu. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet nazzjonali marbutin mal-iskrutinju jistgħu jkunu aktar estensivi minn dawk previsti fil-liġi tal-Unjoni.

(51) Id-dokumenti li jenħtieġ li jintużaw bħala l-bażi għal dan l-iskrutinju jenħtieġ li jingħażlu b'tali mod li jkun jista' jsir skrutinju sħiħ. Jenħtieġ li l-impriżi li jkun se jsirilhom skrutinju jingħażlu abbażi tan-natura tat-tranżazzjonijiet li jkunu saru taħt ir-responsabbiltà tagħhom u li t-tqassim tal-impriżi li jirċievu jew li jagħmlu l-pagamenti għal kull settur jingħażel skont l-importanza finanzjarja tagħhom fis-sistema ta' finanzjament tal-FAEG.

(52) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti s-setgħat tal-uffiċjali li jkollhom ir-responsabbiltà jwettqu l-iskrutinju u li jiġu ddefiniti l-obbligi tal-impriżi li jqiegħdu d-dokumenti kummerċjali għad-dispożizzjoni ta' dawn l-uffiċjali għal perjodu speċifikat, kif ukoll li jagħtu kull

informazzjoni li dawn l-uffiċjali jistgħu jitolbuhom. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li f'ċerti każijiet jinqabdu d-dokumenti kummerċjali.

(53) Filwaqt li titqies l-istruttura internazzjonali tal-kummerċ agrikolu u fl-interess tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern, jeħtieġ li tiġi organizzata l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri. Jeħtieġ li tiġi stabbilita wkoll sistema ċentralizzata ta' dokumentazzjoni fil-livell tal-Unjoni dwar l-impriżi li jkunu stabbiliti f'pajjiżi terzi u li jirċievu jew li jagħmlu l-pagamenti.

(54) Filwaqt li hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jadottaw il-programmi ta' skrutinju tagħhom stess, jeħtieġ li dawk il-programmi jintbagħtu lill-Kummissjoni sabiex din tkun tista' taqdi r-rwol tagħha ta' superviżjoni u ta' koordinazzjoni, biex b'hekk jiġi żgurat li l-programmi jiġu adottati abbażi ta' kriterji xierqa u li l-iskrutinju jkun jiffoka fuq is-setturi jew l-impriżi b'riskju għoli ta' frodi. Huwa essenzjali li kull Stat Membru jaħtar dipartiment li jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-iskrutinju tad-dokumenti kummerċjali u għall-koordinazzjoni ta' dak l-iskrutinju. Jenħtieġ li dawk id-dipartimenti li jinħatru jkunu indipendenti mid-dipartimenti li jwettqu l-iskrutinju qabel il-pagament. Jenħtieġ li l-informazzjoni li tinġabar matul dak l-iskrutinju titħares billi titqies bħala informazzjoni kunfidenzjali sabiex jitħarsu s-sigrieti tan-negozju.

(55) Il-kundizzjonalità hija element importanti tal-PAK, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi ambjentali u klimatiċi tagħha, iżda wkoll b'rabta mas-saħħa pubblika u mal-kwistjonijiet marbutin mal-annimali. Dan ifisser li jenħtieġ li jitwettqu kontrolli u li jiġu applikati penali meta jkun hemm bżonn sabiex tkun żgurata l-effettività tas-sistema ta' kundizzjonalità. Sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn il-benefiċjarji fi Stati Membri differenti, jenħtieġ li jiddaħħlu ċerti regoli ġenerali dwar il-kontrolli u l-penali marbutin mal-kundizzjonalità fil-livell tal-Unjoni.

(56) Sabiex ikun żgurat li l-Istati Membri jinfurzaw il-kundizzjonalità b'mod armonizzat, jeħtieġ li tiġi prevista rata minima ta' kontroll fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li l-organizzazzjoni tal-korpi kompetenti ta' kontroll u tal-kontrolli jenħtieġ li titħalla f'idejn l-Istati Membri.

(57) Filwaqt li jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu d-dettalji tal-penali, jenħtieġ li dawk il-penali jkunu proporzjonati, effettivi u dissważivi u jkunu mingħajr preġudizzju għal penali oħrajn stabbiliti skont il-liġi nazzjonali jew skont il-liġi tal-Unjoni. Sabiex ikun żgurat approċċ effettiv u koerenti min-naħa tal-Istati Membri, jeħtieġ li tiġi prevista rata minima ta' penali fil-livell tal-Unjoni għan-nuqqas ta' konformità li jseħħ għall-ewwel darba minħabba negliġenza, filwaqt li l-okkorrenza mill-ġdid jenħtieġ li twassal għal perċentwal ogħla u l-intenzjonalità tista' twassal għall-esklużjoni totali mill-pagament. Sabiex ikun żgurat li l-penali jkunu proporzjonati, meta n-nuqqas ta' konformità jkun ta' natura minuri u jseħħ għall-ewwel darba, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew idaħħlu sistema ta' twissija bikrija.

(58) Sabiex ikun żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri differenti u li s-sistema ta' penali marbuta mal-kundizzjonalità tkun effettiva u tkun isservi ta' deterrent, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti delegati dwar l-applikazzjoni u l-kalkolu tat-tali penali.

(59) Sabiex ikun żgurat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkooperaw b'mod armonjuż bejniethom b'rabta mal-finanzjament tan-nefqa tal-PAK u, b'mod aktar partikolari, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-ġestjoni finanzjarja tal-Istati Membri u tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti akkreditati, jeħtieġ li l-Istati Membri jżommu ċerta informazzjoni u jibagħtuha lill-Kummissjoni.

(60) Għall-finijiet tal-ġbir tad-data li trid tintbagħat lill-Kummissjoni, u sabiex il-Kummissjoni jkun jista' jkollha aċċess sħiħ u immedjat għad-data dwar in-nefqa kemm b'mod elettroniku u kemm f'forma stampata, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli adattati dwar il-preżentazzjoni u t-trażmissjoni tad-data, fosthom regoli dwar il-limiti taż-żmien.

(61) Minħabba li l-applikazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll u tal-approvazzjoni tal-konformità tista' taffettwa d-data personali jew is-sigrieti tan-negozju, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiggarantixxu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jirċievu f'dak il-kuntest.

(62) Fl-interess ta' ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u tal-imparzjalità tat-trattament kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-benefiċjarji, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-użu tal-euro.

(63) Ir-rata tal-kambju tal-euro fil-munita nazzjonali tista' tvarja fil-perjodu li matulu titwettaq operazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li r-rata li tapplika għall-ammonti kkonċernati tiġi stabbilita billi jitqies l-avveniment li permezz tiegħu jkun inkiseb l-għan ekonomiku tal-operazzjoni. Jenħtieġ li r-rata tal-kambju applikata tkun dik tad-data li fiha jseħħ dan l-avveniment. Jeħtieġ li dan l-avveniment operattiv jiġi speċifikat jew li titneħħa l-applikazzjoni tiegħu, filwaqt li jitħarsu ċerti kriterji, b'mod partikolari dawk marbutin mal-ħeffa li biha jgħaddi ċ-ċaqliq tal-muniti. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċjali biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet monetarji eċċezzjonali li jinqalgħu jew fl-Unjoni jew fis-suq dinji u li jkunu jeħtieġu azzjoni immedjata biex ikun żgurat li l-arranġamenti stabbiliti skont il-PAK jaħdmu b'mod effettiv.

(64) Jenħtieġ li l-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-euro jkollhom l-għażla li jagħmlu l-pagamenti għan-nefqa li tkun ġejja mil-leġiżlazzjoni dwar il-PAK f'euro minflok fil-munita nazzjonali. Hemm bżonn ta' regoli speċifiċi biex ikun żgurat li din l-għażla ma twassalx għal xi vantaġġ mhux iġġustifikat għall-partijiet li jkunu qed jagħmlu jew li jkunu qed jirċievu l-pagamenti.

(65) Għall-ġbir tad-data personali min-naħa tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni sabiex iwettqu l-obbligi rispettivi tagħhom ta' ġestjoni, ta' kontroll, ta' awditjar, ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li tapplika l-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu tat-tali data, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23].

(66) Il-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-benefiċjarji tal-Fondi tipprovdi mezz kif jissaħħaħ il-kontroll pubbliku tal-użu tal-Fondi u hija meħtieġa sabiex ikun żgurat livell xieraq ta' ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dan jinkiseb parzjalment mill-effett preventiv u dissważiv tat-tali pubblikazzjoni, parzjalment billi l-benefiċjarji individwali jiġu skoraġġuti milli jaġixxu b'mod irregolari u parzjalment ukoll billi tissaħħaħ ir-responsabbiltà personali tal-bdiewa għall-użu tal-fondi pubbliċi li jirċievu.

---

[22] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

[23] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti hija konsistenti mal-każistika riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u wkoll mal-approċċ stabbilit fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

(67) F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġi rrikonoxxut kif xieraq ir-rwol li taqdi s-soċjetà ċivili, fost l-oħrajn permezz tal-mezzi tax-xandir u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tal-kontribut tagħhom għat-tisħiħ tal-qafas ta' kontroll tal-amministrazzjonijiet kontra l-frodi u kontra kull użu ħażin tal-fondi pubbliċi.

(68) Ir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni][24] jistabbilixxi regoli li jipprevedu t-trasparenza fl-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u fil-komunikazzjoni tal-programmi skont il-Fondi. Sabiex tkun żgurata l-koerenza, jenħtieġ li jiġi previst li dawk ir-regoli japplikaw ukoll għall-benefiċjarji tal-interventi tal-FAEG u tal-FAEŻR, meta dan ikun rilevanti.

(69) Jekk irid jintlaħaq l-għan li jkun hemm kontroll pubbliku tal-użu tal-flus mill-Fondi, trid titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ċerta informazzjoni dwar il-benefiċjarji. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni tinkludi data dwar l-identità tal-benefiċjarju, l-ammont li jkun ingħata u l-fond li minnu jkun ingħata, kif ukoll l-għan u n-natura tat-tip ta' intervent ikkonċernat jew tat-tip ta' miżura kkonċernata. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni tiġi ppubblikata b'tali mod li toħloq l-inqas interferenza possibbli mad-dritt tal-benefiċjarji li titħares il-ħajja privata tagħhom u li titħares id-data personali tagħhom – żewġ drittijiet li t-tnejn ġew irrikonoxxuti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(70) Il-pubblikazzjoni ta' dettalji dwar il-miżura jew dwar l-intervent li jintitolaw lill-bidwi jirċievi l-għajnuna u dwar in-natura u l-għan tal-għajnuna tipprovdi informazzjoni konkreta lill-pubbliku dwar l-attività ssussidjata u dwar l-għan li għalih tkun ingħatat l-għajnuna. L-għoti tat-tali sorveljanza lill-pubbliku jkollu effett preventiv u dissważiv u jgħin biex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(71) Il-pubblikazzjoni tat-tali informazzjoni flimkien mal-informazzjoni ġenerali prevista f'dan ir-Regolament ittejjeb it-trasparenza b'rabta mal-użu tal-Fondi tal-Unjoni fil-PAK, u b'hekk tikkontribwixxi għall-viżibbiltà ta' dik il-politika u għal fehim aħjar tagħha. Dan jippermetti liċ-ċittadini jieħdu sehem iktar mill-qrib fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jiggarantixxi li l-amministrazzjoni tkun tgawdi minn iktar leġittimità u tkun iktar effettiva u iktar responsabbli fil-konfront taċ-ċittadini. Dan jagħti wkoll liċ-ċittadini eżempji konkreti tal-forniment ta' "beni pubbliċi" permezz tal-biedja, u b'hekk isostni l-leġittimità tal-għajnuna mill-istat għas-settur agrikolu.

(72) Għaldaqstant, il-fatt li tiġi prevista l-pubblikazzjoni ġenerali tal-informazzjoni rilevanti ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ f'soċjetà demokratika fid-dawl tal-ħtieġa li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll tal-għan ġenerali tas-sorveljanza pubblika tal-użu tal-flus mill-Fondi.

(73) Sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-data, jenħtieġ li l-benefiċjarji tal-Fondi jiġu infurmati dwar il-pubblikazzjoni tad-data tagħhom qabel ma sseħħ dik il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li huma jiġu infurmati wkoll li dik id-data tista' tiġi pproċessata mill-korpi tal-awditjar u tal-investigazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-benefiċjarji jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u dwar il-proċeduri li japplikaw biex jeżerċitaw dawn id-drittijiet.

[24] Ir-Regolament (UE) Nru …/….

(74) Sabiex jiġu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat tiġi delegata lill-Kummissjoni. Hu tassew importanti li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(75) Sabiex jiġu ssupplimentati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat tiġi delegata lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dik is-setgħa tingħata b'rabta mal-akkreditament tal-aġenziji tal-pagamenti u tal-korpi ta' koordinazzjoni, mal-obbligi tal-aġenziji tal-pagamenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-intervent pubbliku, mar-regoli dwar il-kontenut tar-responsabbiltajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-aġenziji tal-pagamenti, mar-regoli dwar il-kalkolu tad-dixxiplina finanzjarja li l-Istati Membri jridu japplikaw għall-bdiewa, mat-tipi ta' miżuri li jridu jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni fil-kuntest tal-intervent pubbliku u mal-kundizzjonijiet għar-rimborż, mal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u mal-metodi tal-kalkolu abbażi tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-pagamenti jkunu osservaw fir-realtà jew abbażi ta' rati fissi stabbiliti mill-Kummissjoni, jew abbażi ta' ammonti b'rata fissa jew b'rata mhux fissa previsti fil-leġiżlazzjoni settorjali għall-agrikoltura, mal-valwazzjoni tal-ħidmiet b'rabta mal-intervent pubbliku u mal-miżuri li jridu jittieħdu f'każ ta' telf jew ta' taħsir fil-prodotti fil-kuntest tal-intervent pubbliku, u mal-istabbiliment tal-ammonti li jridu jiġu ffinanzjati. Jenħtieġ li dik is-setgħa tkun tkopri wkoll id-derogi min-nuqqas ta' eliġibbiltà tal-pagamenti li l-aġenziji tal-pagamenti jkunu għamlu lill-benefiċjarji qabel l-ewwel data possibbli għall-pagamenti jew wara l-aħħar data possibbli għalihom. Barra minn hekk, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun tkopri r-rata ta' sospensjoni tal-pagamenti b'rabta mal-approvazzjonijiet annwali, mar-rata ta' sospensjoni tal-pagamenti u mat-tul ta' żmien tat-tali sospensjoni u mal-kundizzjoni għar-rimborż jew għat-tnaqqis ta' dawk l-ammonti f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ pluriennali tal-prestazzjoni. Jenħtieġ li dik is-setgħa tkun tkopri wkoll l-interventi jew il-miżuri li għalihom l-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-pagamenti bil-quddiem u l-kundizzjonijiet li bihom iridu jiġu kkumpensati ċerta tip ta' nefqa u ċertu tip ta' dħul fil-kuntest tal-Fondi. Jenħtieġ li dik is-setgħa tkun tkopri wkoll il-metodi li japplikaw għall-impenji u għall-pagament tal-ammonti f'każ li l-baġit tal-Unjoni ma jkunx ġie adottat sal-bidu tas-sena finanzjarja jew f'każ li l-ammont totali tal-impenji skedati jkun jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 170(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Barra minn hekk, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun tkopri l-obbligi speċifiċi li l-Istati Membri jridu jħarsu b'rabta mal-verifiki u mal-aċċess għad-dokumenti u għall-informazzjoni, mal-kriterji għall-ġustifikazzjonijiet tal-Istati Membri u mal-kriterji u mal-metodoloġija biex jiġi applikat it-tnaqqis b'rabta mal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni u mal-kriterji u mal-metodoloġija biex jiġu applikati l-korrezzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità.

Meta l-ġestjoni t-tajba tas-sistema tkun titlob dan, jenħtieġ ukoll li dik is-setgħa tkun tkopri r-regoli dwar ir-rekwiżiti addizzjonali b'rabta mal-proċeduri doganali, u b'mod partikolari ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill[25], ir-regoli dwar il-garanziji li jiżguraw trattament mhux diskriminatorju, li jispeċifikaw il-parti responsabbli f'każ li ma jitħarisx xi obbligu, li jistabbilixxu s-sitwazzjonijiet speċifiċi li fihom l-awtorità kompetenti tista' tneħħi r-rekwiżit li tiġi ddepożitata garanzija, il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-garanzija li trid tiġi ddepożitata u għall-garanti, il-kundizzjonijiet biex tiġi ddepożitata dik il-garanzija u biex din tiġi rrilaxxata u l-kundizzjonijiet speċifiċi marbutin mal-garanzija li tkun ġiet iddepożitata b'rabta mal-pagamenti bil-quddiem, u r-regoli dwar l-istabbiliment tal-konsegwenzi tal-ksur tal-obbligi li għalihom tkun ġiet iddepożitata garanzija.

Barra minn hekk, b'rabta mas-sistema integrata, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun tkopri r-regoli dwar il-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba', tas-sistema għall-applikazzjonijiet ġeospazjali u tas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja, u d-definizzjonijiet, il-karatteristiċi bażiċi u r-regoli tas-sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba', tas-sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji u tas-sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-intitolamenti għall-pagamenti.

Jenħtieġ li dik is-setgħa tkun tkopri wkoll ir-regoli dwar l-interventi li huma esklużi mill-iskrutinju tat-tranżazzjonijiet, dwar l-avveniment operattiv u dwar ir-rata tal-kambju li l-Istati Membri li ma jużawx l-euro jridu jużaw, dwar ir-rata tal-kambju li tapplika meta jitħejjew id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u meta l-operazzjonijiet tal-ħżin pubbliku jiġu rreġistrati fil-kontijiet tal-aġenzija tal-pagamenti u dwar il-miżuri biex tiġi ssalvagwardjata l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jekk prattiki monetarji eċċezzjonali marbutin mal-munita nazzjonali x'aktarx ikunu se jheddu din l-applikazzjoni.

Sabiex jiġu emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-limitu li taħtu l-impriżi jenħtieġ li jsirilhom skrutinju biss għal raġunijiet speċifiċi.

(76) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikollhom x'jaqsmu mar-regoli dwar il-proċeduri għall-ħruġ, għall-irtirar u għar-reviżjoni tal-akkreditament tal-aġenziji tal-pagamenti u tal-korpi ta' koordinazzjoni, kif ukoll għas-superviżjoni tal-akkreditament tal-aġenziji tal-pagamenti, mar-regoli dwar il-ħidma u l-verifiki li jsiru b'rabta mad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tal-aġenziji tal-pagamenti, mar-regoli dwar il-funzjonament tal-korpi ta' koordinazzjoni u dwar in-notifika tal-informazzjoni mingħandhom għal għand il-Kummissjoni, mar-regoli dwar il-kompiti tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni, fosthom il-verifiki li jridu jitwettqu u l-korpi li jridu jsirulhom dawk il-verifiki, u mar-regoli dwar iċ-ċertifikati u r-rapporti li dawk il-korpi jridu jħejju, kif ukoll dwar id-dokumenti li jridu jintbagħtu magħhom.

[25] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(77) Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkopru wkoll il-prinċipji tal-awditjar li fuqhom jissejsu l-opinjonijiet tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni, fosthom valutazzjoni tar-riskji, il-kontrolli interni u l-livell tal-provi tal-awditjar li huwa meħtieġ, u l-metodi tal-awditjar li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jridu jużaw biex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom, filwaqt li jqisu l-istandards internazzjonali dwar l-awditjar.

(78) Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkopru wkoll l-istabbiliment tal-ammonti għall-finanzjament tal-miżuri ta' intervent pubbliku, ir-regoli dwar il-finanzjament tal-akkwist, min-naħa tal-Kummissjoni, tad-data mis-satelliti meħtieġa għas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja u tal-miżuri li l-Kummissjoni tieħu permezz tal-applikazzjonijiet ta' telerilevament li jintużaw għas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja, il-proċedura biex il-Kummissjoni takkwista dik id-data mis-satelliti u s-sistema ta' monitoraġġ tal-erja, il-qafas li jirregola l-akkwist, it-titjib u l-użu tal-immaġni mis-satelliti u tad-data meteoroloġika, u l-iskadenzi applikabbli.

(79) Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkopru wkoll l-istabbiliment tar-rata ta' aġġustament għall-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti u l-adattament tagħha, kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-approprjazzjonijiet riportati skont l-Artikolu 12(2)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] sabiex jiġu ffinanzjati l-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti fil-kuntest tal-proċedura tad-dixxiplina finanzjarja u, fil-kuntest tal-proċedura tad-dixxiplina baġitarja, l-istabbiliment provviżorju tal-ammont tal-pagamenti u t-tqassim provviżorju tal-baġit disponibbli fost l-Istati Membri, kif ukoll l-istabbiliment tal-pagamenti ta' kull xahar li hija tagħmel abbażi ta' dikjarazzjoni tan-nefqa.

(80) Barra minn hekk, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkopru wkoll l-istabbiliment tal-perjodu li matulu l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati jridu jistabbilixxu u jibagħtu lill-Kummissjoni d-dikjarazzjonijiet intermedji tan-nefqa marbuta mal-interventi għall-iżvilupp rurali, kif ukoll ir-regoli dwar il-proċedura u arranġamenti prattiċi oħrajn dwar il-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmu tal-iskadenzi għall-pagamenti, it-tnaqqis u s-sospensjoni tal-pagamenti interim jew tal-pagamenti ta' kull xahar lill-Istati Membri, kif ukoll ir-regoli dwar l-elementi tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-proċedura biex dawn jiġu stabbiliti. Jenħtieġ li dawn is-setgħat ikopru wkoll ir-regoli li jkun hemm bżonn u li jistgħu jiġu ġġustifikati meta jkun hemm emerġenza sabiex jiġu solvuti problemi speċifiċi b'rabta mal-perjodi tal-pagamenti, mal-pagament tal-pagamenti bil-quddiem u mad-dettalji dwar iż-żamma ta' kontijiet separati min-naħa tal-aġenziji tal-pagamenti, il-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-informazzjoni li trid tiddaħħal fil-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti, ir-regoli dwar il-finanzjament u l-kontabbiltà tal-miżuri ta' intervent fil-forma ta' ħżin pubbliku u ta' nefqa oħra ffinanzjata mill-Fondi, u t-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' diżimpenn awtomatiku.

(81) Barra minn hekk, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkopru wkoll il-proċeduri marbutin mal-obbligi ta' kooperazzjoni li l-Istati Membri jridu jħarsu f'dak li għandu x'jaqsam mal-verifiki li trid twettaq il-Kummissjoni u mal-aċċess għall-informazzjoni, il-kundizzjonijiet li bihom iridu jinżammu d-dokumenti ta' sostenn marbutin mal-pagamenti li jkunu saru, l-approvazzjoni finanzjarja annwali, fosthom il-miżuri li jridu jittieħdu b'rabta mal-adozzjoni u mal-implimentazzjoni ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, l-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni, fosthom il-miżuri li jridu jittieħdu b'rabta mal-adozzjoni u mal-implimentazzjoni ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, u l-iskambju tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, il-proċeduri u l-iskadenzi li jridu jitħarsu, il-proċedura tal-approvazzjoni tal-

konformità, fosthom il-miżuri li jridu jittieħdu b'rabta mal-adozzjoni u mal-implimentazzjoni ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, l-iskambju tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, l-iskadenzi li jridu jitħarsu u r-regoli dwar il-proċedura ta' konċiljazzjoni, l-esklużjoni tal-ammonti li jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni mill-finanzjament tal-Unjoni u l-forom tan-notifiki u tal-komunikazzjonijiet li l-Istati Membri jridu jibagħtu lill-Kummissjoni b'rabta mal-irkupri minħabba nuqqasijiet ta' konformità.

(82) Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkopru wkoll ir-regoli li jkollhom l-għan li jiġu applikati bl-istess mod l-obbligi tal-Istati Membri b'rabta mal-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u r-regoli meħtieġa li jkollhom l-għan li jiġu applikati bl-istess mod il-verifiki fl-Unjoni.

(83) Barra minn hekk, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkopru l-forma tal-garanziji li jridu jiġu ddepożitati u l-proċedura biex dawn jiġu ddepożitati, biex dawn jiġu aċċettati u biex jinbidlu l-garanziji oriġinali, il-proċeduri biex jiġu rrilaxxati l-garanziji u n-notifika li l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jridu jagħmlu b'rabta mal-garanziji.

(84) Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkopru wkoll ir-regoli dwar il-forma u l-kontenut tar-rapporti ta' valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba', tas-sistema għall-applikazzjonijiet ġeospazjali u tas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja, u dwar l-arranġamenti biex dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni jew jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha, ir-regoli dwar l-azzjonijiet ta' rimedju li l-Istati Membri jridu jimplimentaw b'rabta man-nuqqasijiet żvelati f'dawk is-sistemi, u l-karatteristiċi bażiċi tas-sistema għall-applikazzjonijiet ġeospazjali u tas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja kif ukoll ir-regoli dwar dawn is-sistemi.

(85) Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkopru wkoll ir-regoli li jkollhom l-għan li jiżguraw li r-regoli dwar l-iskrutinju tad-dokumenti kummerċjali jiġu applikati bl-istess mod. Jenħtieġ li dawn ikopru wkoll ir-regoli marbutin mal-komunikazzjoni tal-informazzjoni min-naħa tal-Istati Membri lill-Kummissjoni u l-miżuri biex tiġi ssalvagwardjata l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jekk prattiki monetarji eċċezzjonali marbutin mal-munita nazzjonali x'aktarx ikunu se jheddu din l-applikazzjoni.

(86) Barra minn hekk, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkopru r-regoli dwar il-forma u l-iskeda taż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-benefiċjarji tal-Fondi, l-applikazzjoni uniformi tal-obbligu li l-benefiċjarji jiġu infurmati dwar il-fatt li d-data tagħhom se tiġi ppubblikata, u l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-kuntest tal-pubblikazzjoni tal-benefiċjarji tal-Fondi.

(87) Għall-adozzjoni ta' ċerti atti ta' implimentazzjoni jenħtieġ li tintuża l-proċedura konsultattiva. F'dak li għandu x'jaqsam ma' atti ta' implimentazzjoni li jinvolvu l-kalkolu tal-ammonti mill-Kummissjoni, il-proċedura konsultattiva tippermetti lill-Kummissjoni tkun responsabbli għalkollox għall-ġestjoni tal-baġit u għandha l-għan li żżid l-effiċjenza, il-prevedibbiltà u l-ħeffa meta jkunu qed jitħarsu l-limiti taż-żmien u l-proċeduri baġitarji. F'dak li għandu x'jaqsam ma' atti ta' implimentazzjoni marbutin mal-pagamenti li jsiru lill-Istati Membri u mat-tħaddim tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet u tal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni, il-proċedura konsultattiva tippermetti lill-Kummissjoni tkun responsabbli għalkollox għall-ġestjoni tal-baġit u għall-verifika tal-kontijiet annwali tal-aġenziji nazzjonali tal-pagamenti bil-għan li taċċetta t-tali kontijiet jew, fil-każ ta' nefqa li ma tkunx saret skont ir-regoli tal-

Unjoni, li teskludi t-tali nefqa mill-finanzjament tal-Unjoni. Għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni l-oħrajn jenħtieġ li tintuża l-proċedura ta' eżami.

(88) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar l-istabbiliment tal-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG, dwar l-istabbiliment tal-pagamenti ta' kull xahar li jenħtieġ li tagħmel abbażi tad-dikjarazzjoni tan-nefqa li jibagħtulha l-Istati Membri u dwar il-pagamenti jew it-tnaqqis supplimentari fil-kuntest tal-proċedura tal-pagamenti ta' kull xahar, mingħajr ma tapplika r-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(89) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jitħassar.

(90) Sabiex ikun hemm tranżizzjoni bla xkiel mir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet tranżitorji.

(91) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat u adotta opinjoni[27].

(92) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba r-rabtiet tiegħu mal-istrumenti l-oħrajn tal-PAK u minħabba l-limiti tar-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba l-garanzija pluriennali ta' finanzjament mill-Unjoni u billi l-attenzjoni titpoġġa fuq il-prijoritajiet tiegħu, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

27 ĠU C , , p. […].. .

Titolu I
Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli, b'mod partikolari, dwar l-affarijiet li ġejjin:

(a) il-finanzjament tan-nefqa skont il-Politika Agrikola Komuni (il-PAK), fosthom tan-nefqa għall-iżvilupp rurali;

(b) is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li l-Istati Membri jridu jdaħħlu fis-seħħ;

(c) il-proċeduri tal-approvazzjoni u tal-konformità.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "irregolarità" tfisser irregolarità skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95;

(b) "sistemi ta' governanza" tfisser il-korpi ta' governanza li jissemmew fil-Kapitolu II tat-Titolu II ta' dan ir-Regolament u r-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], fosthom is-sistema tar-rappurtar stabbilita għall-għanijiet tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni li jissemma fl-Artikolu 121 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK];

(c) "rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni" tfisser ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] u f'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Eżenzjonijiet f'każijiet ta' forza maġġuri u f'ċirkustanzi eċċezzjonali

Għall-finijiet tal-finanzjament, tal-ġestjoni u tal-monitoraġġ tal-PAK, jistgħu jiġi rrikonoxxuti bħala "każijiet ta' forza maġġuri" u "ċirkustanzi eċċezzjonali" b'mod partikolari l-każijiet li ġejjin:

(a) diżastru naturali kbir li jolqot serjament lill-azjenda;

(b) il-qerda aċċidentali tal-bini tal-bhejjem fl-azjenda;

(c) marda epiżootika jew marda tal-pjanti li tolqot lill-bhejjem kollha jew lill-għelejjel kollha tal-benefiċjarju jew lil parti minnhom rispettivament;

(d) l-esproprjazzjoni tal-azjenda kollha jew ta' parti kbira minnha jekk dik l-esproprjazzjoni ma setgħetx tiġi antiċipata fid-data meta tkun saret l-applikazzjoni.

Titolu II
Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi agrikoli

KAPITOLU I
Fondi agrikoli

Artikolu 4
Fondi li jiffinanzjaw in-nefqa agrikola

Id-diversi interventi u miżuri fil-kuntest tal-PAK għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-baġit tal-Unjoni") permezz tal-Fondi li ġejjin:

(a) il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija ("l-FAEG"); u

(b) il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ("l-FAEŻR").

Artikolu 5
Nefqa tal-FAEG

1. L-FAEG għandu jiġi implimentat jew permezz tal-ġestjoni kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Unjoni jew direttament, kif stabbilit fil-paragrafi 2 u 3.

2. L-FAEG għandu jiffinanzja n-nefqa li ġejja fil-kuntest tal-ġestjoni kondiviża:

   (a) il-miżuri li jirregolaw lis-swieq agrikoli jew li jappoġġawhom, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013[28];

   (b) l-interventi settorjali kif imsemmi fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK];

   (c) l-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti lill-bdiewa skont il-Pjan Strateġiku tal-PAK li jissemmew fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK];

   (d) il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern tal-Unjoni u f'pajjiżi terzi li l-Istati Membri jieħdu u li jingħażlu mill-Kummissjoni;

   (e) il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 228/2013 u għall-miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 229/2013.

3. L-FAEG għandu jiffinanzja n-nefqa li ġejja fil-kuntest tal-ġestjoni diretta:

   (a) il-promozzjoni tal-prodotti agrikoli jew direttament min-naħa tal-Kummissjoni jew permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

[28] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

(b) il-miżuri li jittieħdu skont il-liġi tal-Unjoni sabiex jiġu żgurati l-konservazzjoni, il-karatterizzazzjoni, il-ġbir u l-użu tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura;

(c) l-istabbiliment u ż-żamma tas-sistemi ta' informazzjoni dwar il-kontabbiltà agrikola;

(d) is-sistemi ta' stħarriġ agrikolu, fosthom l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli.

Artikolu 6
Nefqa tal-FAEŻR

L-FAEŻR għandu jiġi implimentat permezz tal-ġestjoni kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Unjoni. Huwa għandu jiffinanzja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-interventi għall-iżvilupp rurali fil-kuntest tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li jissemmew fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

Artikolu 7
Nefqa oħra, fosthom l-assistenza teknika

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew f'isimha, kull Fond jista' jiffinanzja b'mod dirett l-attivitajiet ta' tħejjija, l-attivitajiet ta' monitoraġġ, l-attivitajiet amministrattivi u l-attivitajiet ta' appoġġ tekniku, u l-evalwazzjoni, l-awditjar u l-ispezzjoni meħtieġa biex tiġi implimentata l-PAK. Dawn għandhom jinkludu, b'mod partikolari, l-affarijiet li ġejjin:

(a) il-miżuri meħtieġa għall-analiżi, għall-ġestjoni, għall-monitoraġġ, għall-iskambju tal-informazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-PAK, kif ukoll miżuri marbutin mal-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll u mal-assistenza teknika u amministrattiva;

(b) l-akkwist, min-naħa tal-Kummissjoni, tad-data mis-satelliti meħtieġa għas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja skont l-Artikolu 22;

(c) l-azzjonijiet li l-Kummissjoni tieħu permezz tal-applikazzjonijiet ta' telerilevament li jintużaw għall-monitoraġġ tar-riżorsi agrikoli skont l-Artikolu 23;

(d) il-miżuri meħtieġa biex jinżammu u jiġu żviluppati metodi u mezzi tekniċi għall-informazzjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Fondi li jintużaw biex tiġi ffinanzjata l-PAK u għall-interkonnessjoni, għall-monitoraġġ u għall-kontroll ta' din il-ġestjoni;

(e) l-għoti ta' informazzjoni dwar il-PAK skont l-Artikolu 44;

(f) l-istudji dwar il-PAK u l-evalwazzjoni tal-miżuri ffinanzjati mill-Fondi, fosthom it-titjib tal-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni dwar il-prattiki fil-kuntest tal-PAK, kif ukoll l-istudji li jsiru flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investiment (il-BEI);

(g) meta dan ikun rilevanti, il-kontribuzzjoni għall-aġenziji eżekuttivi stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003[29] li jwettqu kompiti marbutin mal-PAK;

(h) il-kontribuzzjoni għall-miżuri marbutin mat-tixrid tal-informazzjoni, mas-sensibilizzazzjoni, mal-promozzjoni tal-kooperazzjoni u mal-iskambju tal-esperjenzi

[29] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

fil-livell tal-Unjoni, li jittieħdu fil-kuntest tal-interventi għall-iżvilupp rurali, fosthom in-netwerking tal-partijiet ikkonċernati;

(i) in-netwerks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, fosthom is-sistemi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni korporattivi meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-PAK;

(j) il-miżuri meħtieġa biex jiġu żviluppati, biex jiġu rreġistrati u biex jitħarsu l-logos fil-qafas tal-politiki tal-kwalità tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] u biex jitħarsu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali marbutin magħhom, kif ukoll l-iżviluppi meħtieġa fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni (l-IT).

KAPITOLU II
Korpi ta' governanza

Artikolu 8
Aġenziji tal-pagamenti u korpi ta' koordinazzjoni

1. L-aġenziji tal-pagamenti għandhom ikunu dipartimenti jew korpi tal-Istati Membri li jkunu responsabbli għall-ġestjoni u għall-kontroll tan-nefqa msemmija fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 6.

Ħlief għat-twettiq tal-pagamenti, l-eżekuzzjoni ta' dawk il-kompiti tista' tiġi ddelegata lil korpi jew lil organizzazzjonijiet oħrajn.

2. L-Istati Membri għandhom jakkreditaw bħala aġenziji tal-pagamenti lil dipartimenti jew korpi li jkollhom organizzazzjoni amministrattiva u sistema ta' kontroll intern li jkunu jipprovdu biżżejjed garanziji li l-pagamenti jkunu legali, regolari u kkontabilizzati kif xieraq. Għal dan il-għan, l-aġenziji tal-pagamenti għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet minimi għall-akkreditament f'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent intern, mal-attivitajiet ta' kontroll, mal-informazzjoni u mal-komunikazzjoni u mal-monitoraġġ stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(1)(a).

Kull Stat Membru għandu jillimita l-għadd ta' aġenziji tal-pagamenti tiegħu kif ġej:

(a) għal aġenzija waħda fil-livell nazzjonali jew, meta jkun japplika, għal aġenzija waħda għal kull reġjun; u

(b) għal aġenzija waħda għall-ġestjoni tan-nefqa kemm tal-FAEG kif ukoll tal-FAEŻR.

Madankollu, meta l-aġenziji tal-pagamenti jkunu stabbiliti fil-livell reġjonali, l-Istati Membri għandhom jakkreditaw ukoll aġenzija tal-pagamenti fil-livell nazzjonali għall-iskemi tal-għajnuna li, min-natura tagħhom, ikollhom jiġu amministrati fil-livell nazzjonali, jew inkella għandhom jgħaddu l-ġestjoni ta' dawn l-iskemi lill-aġenziji tal-pagamenti reġjonali tagħhom.

L-aġenziji tal-pagamenti li jkun ilhom tal-inqas tliet snin ma jamministraw in-nefqa tal-FAEG jew tal-FAEŻR għandhom jitilfu l-akkreditament tagħhom.

[30] Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

L-Istati Membri ma għandhom jaħtru l-ebda aġenzija addizzjonali ġdida tal-pagamenti wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 63(5) u (6) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/… [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju"), sal-15 ta' Frar tas-sena ta' wara s-sena finanzjarja kkonċernata, il-persuna responsabbli għall-aġenzija tal-pagamenti akkreditata għandha tħejji d-dokumenti li ġejjin u tibgħathom lill-Kummissjoni:

(a) il-kontijiet annwali tan-nefqa li tkun iġġarrbet huma u jitwettqu l-kompiti fdati lill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata tagħha, kif previst fl-Artikolu 63(5)(a) tar-Regolament Finanzjarju, flimkien mal-informazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 51;

(b) ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 52(1) li juri li n-nefqa saret skont l-Artikolu 35;

(c) dikjarazzjoni ta' ġestjoni, kif previst fl-Artikolu 63(6) tar-Regolament Finanzjarju, dwar l-affarijiet li ġejjin:

(i) il-fatt li l-informazzjoni tkun ġiet ippreżentata kif suppost u tkun kompluta u preċiża, kif previst fl-Artikolu 63(6)(a) tar-Regolament Finanzjarju;

(ii) il-funzjonament tajjeb tas-sistemi ta' governanza li jkunu ddaħħlu fis-seħħ, li jagħtu l-garanziji meħtieġa b'rabta mal-outputs irrappurtati fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni, kif previst fl-Artikolu 63(6)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju;

(iii) analiżi tan-natura tal-iżbalji u tan-nuqqasijiet li ġew identifikati fis-sistemi permezz tal-awditi u tal-kontrolli, u tal-estent tagħhom, kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu jew li se jittieħdu b'rabta magħhom, kif previst fl-Artikolu 63(5)(b) tar-Regolament Finanzjarju.

B'mod eċċezzjonali, il-Kummissjoni tista' testendi l-iskadenza tal-15 ta' Frar imsemmija fl-ewwel subparagrafu sal-1 ta' Marzu meta l-Istat Membru kkonċernat jitlob dan, kif previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 63(7) tar-Regolament Finanzjarju.

4. Meta jkun hemm iktar minn aġenzija waħda tal-pagamenti akkreditata, l-Istat Membru għandu jaħtar korp pubbliku ta' koordinazzjoni u għandu jassenjalu l-kompiti li ġejjin:

(a) li jiġbor l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni u li jibgħat dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni;

(b) li jibgħat ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 52(1);

(c) li jieħu azzjonijiet biex jissolva kull nuqqas ta' natura komuni jew jikkoordina t-tali azzjonijiet, u li jżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar kull segwitu għal dan;

(d) li jippromwovi l-applikazzjoni armonizzata tar-regoli tal-Unjoni u jiżgura dan.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ipproċessar tal-informazzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, il-korp ta' koordinazzjoni jrid jiġi akkreditat b'mod speċifiku mill-Istati Membri.

Ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni li l-korp ta' koordinazzjoni jipprovdi għandu jkun kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tal-opinjoni msemmija fl-Artikolu 11(1) u, meta jintbagħat, għandu jintbagħat flimkien ma' dikjarazzjoni ta' ġestjoni li tkun tkoprih kollu.

5. Meta aġenzija tal-pagamenti akkreditata ma tkunx tissodisfa xi wieħed mill-kriterji ta' akkreditament li jissemmew fil-paragrafu 2 jew iktar, jew ma jkunx għadha tissodisfahom, l-Istat Membru, li jaġixxi fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-Kummissjoni, għandu jirtira dak l-akkreditament sakemm l-aġenzija tal-pagamenti ma tagħmilx it-tibdiliet meħtieġa f'perjodu li għandha tistabbilih l-awtorità kompetenti skont kemm tkun gravi l-problema.

6. L-aġenziji tal-pagamenti għandhom jamministraw u jiżguraw il-kontroll tal-ħidmiet marbutin mal-intervent pubbliku li għalihom ikunu responsabbli u għandhom iżommu r-responsabbiltà ġenerali f'dak il-qasam.

Meta jingħata appoġġ permezz ta' strument finanzjarju implimentat mill-BEI jew minn istituzzjoni finanzjarja internazzjonali oħra li fiha Stat Membru jkun azzjonist, l-aġenzija tal-pagamenti għandha sserraħ fuq ir-rapport ta' kontroll li jappoġġa l-applikazzjonijiet għall-pagamenti li jkun bagħat il-BEI jew li tkun bagħtet l-istituzzjoni internazzjonali l-oħra.

Artikolu 9

Awtorità kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità fuq livell ministerjali li tkun responsabbli għall-affarijiet li ġejjin:

(a) għall-ħruġ, għar-reviżjoni u għall-irtirar tal-akkreditament tal-aġenziji tal-pagamenti msemmi fl-Artikolu 8(2);

(b) għall-akkreditament tal-korp ta' koordinazzjoni msemmi fl-Artikolu 8(4);

(c) għall-ħatra tal-korp taċ-ċertifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 11;

(d) għat-twettiq tal-kompiti li huma assenjati lill-awtorità kompetenti skont dan il-Kapitolu.

2. Permezz ta' att formali, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi li toħroġ akkreditament għall-aġenzija tal-pagamenti u għall-korp ta' koordinazzjoni jew li tirtirah wara reviżjoni, abbażi ta' eżami tal-kriterji ta' akkreditament li l-Kummissjoni għandha tadotta skont l-Artikolu 10(1)(a). L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-Kummissjoni dwar l-akkreditamenti u l-irtirar tagħhom mingħajr dewmien.

Artikolu 10

Setgħat tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar l-affarijiet li ġejjin:

(a) il-kundizzjonijiet minimi għall-akkreditament tal-aġenziji tal-pagamenti msemmijin fl-Artikolu 8(2) u għall-akkreditament tal-korpi ta' koordinazzjoni msemmijin fl-Artikolu 8(4); u

(b) l-obbligi tal-aġenziji tal-pagamenti b'rabta mal-intervent pubbliku u r-regoli dwar il-kontenut tar-responsabbiltajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli dwar:

(a) il-proċeduri għall-ħruġ, għall-irtirar u għar-reviżjoni tal-akkreditament tal-aġenziji tal-pagamenti u tal-korpi ta' koordinazzjoni, kif ukoll il-proċeduri għas-superviżjoni tal-akkreditament tal-aġenziji tal-pagamenti;

(b) il-ħidma u l-verifiki li jsiru b'rabta mad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tal-aġenziji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 8(3)(c);

(c) il-funzjonament tal-korp ta' koordinazzjoni u n-notifika tal-informazzjoni lill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8(4).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Artikolu 11
Korpi taċ-ċertifikazzjoni

1. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun korp tal-awditjar pubbliku jew privat li l-Istat Membru jaħtar għal perjodu minimu ta' tliet snin, mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali. Meta dan ikun korp tal-awditjar privat, u meta l-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni li tkun tapplika tkun teħtieġ dan, l-Istat Membru għandu jagħżlu permezz ta' proċedura ta' sejħa pubblika għall-offerti.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 63(7) tar-Regolament Finanzjarju, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jagħti opinjoni, li jħejjiha skont l-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment, li għandha tistabbilixxi l-affarijiet li ġejjin:

(a) jekk il-kontijiet jagħtux stampa ċara u ġusta jew le;

(b) jekk is-sistemi ta' governanza li l-Istati Membri jkunu daħħlu fis-seħħ ikunux qed jaħdmu tajjeb jew le;

(c) jekk ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni b'rabta mal-indikaturi tal-outputs għall-għanijiet tal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 52 u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni b'rabta mal-indikaturi tar-riżultati għall-monitoraġġ pluriennali tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 115 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], li juru li tħares l-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament, ikunux korretti jew le;

(d) jekk in-nefqa għall-miżuri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li għalihom il-Kummissjoni ntalbet għal rimborż tkunx legali u regolari jew le.

F'dik l-opinjoni, għandu jintqal ukoll jekk l-eżami jqajjimx dubji dwar id-dikjarazzjonijiet li saru fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 8(3)(c).

Meta jingħata appoġġ permezz ta' strument finanzjarju implimentat mill-BEI jew minn istituzzjoni finanzjarja internazzjonali oħra li fiha Stat Membru jkun azzjonist, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jserraħ fuq ir-rapport annwali tal-awditjar li l-awdituri esterni ta' dawk l-istituzzjonijiet ikunu ħejjew.

2. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jkollu l-għarfien espert tekniku meħtieġ. Huwa għandu jaħdem b'mod indipendenti mill-aġenzija tal-pagamenti u mill-korp ta' koordinazzjoni kkonċernati, kif ukoll mill-awtorità li tkun akkreditat lil dik l-aġenzija u lill-korpi li jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni u għall-monitoraġġ tal-PAK.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli dwar il-kompiti tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni, fosthom il-verifiki li jridu jitwettqu u l-korpi li jridu jsirulhom dawk il-verifiki, u r-regoli dwar iċ-ċertifikati u r-rapporti li dawk il-korpi jridu jħejju, kif ukoll dwar id-dokumenti li jridu jintbagħtu magħhom.

L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu wkoll l-affarijiet li ġejjin:

(a) il-prinċipji tal-awditjar li fuqhom jissejsu l-opinjonijiet tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni, fosthom valutazzjoni tar-riskji, il-kontrolli interni u l-livell tal-provi tal-awditjar li huwa meħtieġ;

(b) il-metodi tal-awditjar li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jridu jużaw biex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom, filwaqt li jqisu l-istandards internazzjonali dwar l-awditjar.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

TITOLU III
Ġestjoni finanzjarja tal-Fondi

KAPITOLU I
L-FAEG

TAQSIMA 1
DIXXIPLINA BAĠITARJA

Artikolu 12
Limitu massimu tal-baġit

1. Il-limitu massimu annwali għan-nefqa tal-FAEG għandu jkun magħmul mill-ammonti massimi stabbiliti għalih fir-Regolament (UE, Euratom) [COM(2018) 322 final].

2. F'każ li l-liġi tal-Unjoni tipprevedi somom li jkollhom jitnaqqsu mill-ammonti msemmijin fil-paragrafu 1 jew jiżdiedu magħhom, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG abbażi tad-data msemmija fil-liġi tal-Unjoni mingħajr ma tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 101.

Artikolu 13
Konformità mal-limitu massimu

1. Meta l-liġi tal-Unjoni tipprevedi limitu massimu finanzjarju f'euro għan-nefqa agrikola ta' Stat Membru, it-tali nefqa għandha tiġi rrimborżata sa dak il-limitu stabbilit f'euro u għandha tiġi aġġustata kif meħtieġ f'każ li japplikaw l-Artikoli 37 sa 40.

2. L-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għall-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti msemmijin fl-Artikolu 81 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], ikkoreġuti bl-aġġustamenti stabbiliti fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament, għandhom jitqiesu bħala limiti massimi finanzjarji f'euro.

Artikolu 14
Riżerva għall-agrikoltura

1. Fil-bidu ta' kull sena għandha tiġi stabbilita riżerva fl-FAEG li tkun maħsuba biex tipprovdi appoġġ addizzjonali għas-settur agrikolu għall-finijiet tal-ġestjoni jew tal-istabbilizzazzjoni tas-suq jew f'każ ta' kriżijiet li jolqtu lill-produzzjoni jew lid-distribuzzjoni agrikola (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-riżerva għall-agrikoltura").

L-approprjazzjonijiet għar-riżerva għall-agrikoltura għandhom jiddaħħlu direttament fil-baġit tal-Unjoni.

Il-fondi tar-riżerva għall-agrikoltura għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-miżuri li jittieħdu skont l-Artikoli 8 sa 21 u l-Artikoli 219, 220 u 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għas-sena jew għas-snin li għalihom ikun hemm bżonn jingħata l-appoġġ addizzjonali.

2. Ir-riżerva għall-agrikoltura għandha tkun ta' mill-inqas EUR 400 miljun fi prezzijiet kurrenti fil-bidu ta' kull sena matul il-perjodu mill-2021 sal-2027. Meta dan ikun xieraq minħabba l-iżviluppi tas-suq jew il-prospetti tul is-sena attwali jew għas-sena ta' wara, il-Kummissjoni tista' taġġusta l-ammont tar-riżerva għall-agrikoltura matul is-sena filwaqt li tqis l-approprjazzjonijiet disponibbli fil-kuntest tal-FAEG.

B'deroga mill-Artikolu 12(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet mhux impenjati tar-riżerva għall-agrikoltura għandhom jiġu riportati mingħajr limitu taż-żmien biex jiffinanzjaw lil din ir-riżerva fis-snin finanzjarji ta' wara.

Barra minn hekk, b'deroga mill-Artikolu 12(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju, l-ammont kollu tar-riżerva għall-kriżijiet li ma jkunx intuża u li jkun disponibbli fi tmiem l-2020 għandu jiġi riportat għall-2021 mingħajr ma jerġa' jiddaħħal fil-linji baġitarji li jkopru l-azzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 5(2)(c) u għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-finanzjament tar-riżerva għall-agrikoltura.

Artikolu 15

Dixxiplina finanzjarja

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rata ta' aġġustament għall-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti msemmijin fl-Artikolu 5(2)(c) ta' dan ir-Regolament u għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-miżuri speċifiċi msemmija fl-Artikolu 5(2)(f) ta' dan ir-Regolament u mogħtija skont il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 u l-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-rata ta' aġġustament"), meta l-previżjonijiet għall-finanzjament tal-interventi u tal-miżuri ffinanzjati skont dak is-sottolimitu għal sena finanzjarja partikolari jkunu juru li jkunu se jinqabżu l-limiti massimi annwali applikabbli.

Sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja li għaliha tkun se tapplika r-rata ta' aġġustament, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rata ta' aġġustament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).

2. Sal-1 ta' Diċembru tas-sena kalendarja li għaliha tkun tapplika r-rata ta' aġġustament, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jadattaw ir-rata ta' aġġustament stabbilita skont il-paragrafu 1 abbażi ta' informazzjoni ġdida. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).

3. Meta tkun ġiet applikata d-dixxiplina finanzjarja, l-approprjazzjonijiet riportati skont l-Artikolu 12(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju għandhom jintużaw biex tiġi ffinanzjata n-nefqa skont l-Artikolu 5(2)(c) ta' dan ir-Regolament sal-punt li jkun hemm bżonn biex jiġi evitat li terġa' tiġi applikata d-dixxiplina finanzjarja.

Meta jkun għad hemm disponibbli approprjazzjonijiet li għandhom jiġu riportati kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu, għal kull Stat Membru, l-ammonti tal-approprjazzjonijiet mhux impenjati li għandhom jiġu rrimborżati lill-benefiċjarji aħħarin sakemm l-ammont kollu tal-approprjazzjonijiet mhux impenjati li jkun disponibbli għar-rimborż ma jkunx jirrappreżenta inqas minn 0,2 % tal-limitu massimu annwali għan-nefqa tal-FAEG.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).

4. L-Istati Membri għandhom jirrimborżaw l-ammonti li l-Kummissjoni tistabbilixxi skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 lill-benefiċjarji aħħarin skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limitu minimu għall-ammonti tar-rimborż għal kull benefiċjarju aħħari.

Ir-rimborż imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għall-benefiċjarji aħħarin f'dawk l-Istati Membri li fihom kienet tapplika d-dixxiplina finanzjarja fis-sena finanzjarja ta' qabel.

5. Minħabba l-introduzzjoni gradwali tal-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti prevista fl-Artikolu 140(2) tar-Regolament …/… [li jittratta l-introduzzjoni gradwali tal-pagamenti diretti fil-Kroazja fil-kuntest tal-Pjan Strateġiku tal-PAK], id-dixxiplina finanzjarja għandha tibda tapplika għall-Kroazja mill-1 ta' Jannar 2022.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar il-kalkolu tad-dixxiplina finanzjarja li l-Istati Membri jridu japplikaw għall-bdiewa.

Artikolu 16
Proċedura tad-dixxiplina baġitarja

1. Meta, huwa u jitħejja l-abbozz tal-baġit għas-sena finanzjarja N, ikun jidher li hemm ir-riskju li jinqabeż l-ammont imsemmi fl-Artikolu 12 għas-sena finanzjarja N, il-Kummissjoni għandha tipproponi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew lill-Kunsill il-miżuri meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità ma' dak l-ammont.

2. Jekk, fi kwalunkwe ħin, il-Kummissjoni tqis li jkun hemm ir-riskju li jinqabeż l-ammont imsemmi fl-Artikolu 12 u li hija ma tistax tieħu l-miżuri x-xierqa biex tirranġa din is-sitwazzjoni, hija għandha tipproponi miżuri oħrajn biex tiżgura l-konformità ma' dak l-ammont. Dawk il-miżuri jiġu adottati mill-Kunsill meta l-bażi legali tal-miżuri rilevanti tkun l-Artikolu 43(3) tat-Trattat jew mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill meta l-bażi legali tal-miżuri rilevanti tkun l-Artikolu 43(2) tat-Trattat.

3. Meta, fi tmiem is-sena finanzjarja N, it-talbiet għar-rimborż min-naħa tal-Istati Membri jkunu jaqbżu l-ammont imsemmi fl-Artikolu 12, jew x'aktarx ikunu se jaqbżuh, il-Kummissjoni għandha tagħmel dan li ġej:

   (a) għandha tqis it-talbiet li jkunu bagħtu l-Istati Membri fuq bażi *pro rata* skont il-baġit disponibbli u għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu b'mod provviżorju l-ammont tal-pagamenti għax-xahar ikkonċernat;

   (b) għandha tistabbilixxi, fit-28 ta' Frar tas-sena finanzjarja N+1 jew qabel, il-qagħda tal-Istati Membri kollha b'rabta mal-finanzjament tal-Unjoni għas-sena finanzjarja N;

   (c) għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ammont totali ta' finanzjament mill-Unjoni għal kull Stat Membru, abbażi ta' rata unika ta' finanzjament mill-Unjoni u skont il-baġit li kien disponibbli għall-pagamenti ta' kull xahar;

   (d) għandha tagħti kull kumpens li jrid jingħata lill-Istati Membri sa mhux aktar tard minn meta jsiru l-pagamenti ta' kull xahar għax-xahar ta' Marzu tas-sena N+1.

L-atti ta' implimentazzjoni previsti fil-punti (a) u (c) tal-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).

Artikolu 17

Sistema ta' twissija bikrija u ta' monitoraġġ

Sabiex ikun żgurat li l-limitu massimu tal-baġit imsemmi fl-Artikolu 12 ma jinqabiżx, il-Kummissjoni għandha timplimenta sistema ta' twissija bikrija u ta' monitoraġġ ta' kull xahar għan-nefqa tal-FAEG.

Għal dak il-għan, fil-bidu ta' kull sena finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-profili tan-nefqa ta' kull xahar abbażi tan-nefqa medja ta' kull xahar matul it-tliet snin ta' qabel, fejn dan ikun xieraq.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'mod perjodiku, li jkun fih analiżi tal-iżvilupp tan-nefqa li tkun saret meta mqabbla mal-profili u li jkun fih valutazzjoni tal-implimentazzjoni prevista għas-sena finanzjarja kurrenti.

TAQSIMA 2
FINANZJAMENT TAN-NEFQA

Artikolu 18

Pagamenti ta' kull xahar

1. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed l-approprjazzjonijiet meħtieġa biex tiġi ffinanzjata n-nefqa msemmija fl-Artikolu 5(2) għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri fil-forma ta' pagamenti ta' kull xahar, abbażi tan-nefqa li l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati jkunu għamlu matul perjodu ta' referenza.

2. Sakemm il-Kummissjoni tagħmel it-trasferimenti tal-pagamenti ta' kull xahar, l-Istati Membri għandhom jimmobilizzaw ir-riżorsi meħtieġa biex issir in-nefqa skont il-ħtiġijiet tal-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tagħhom.

Artikolu 19

Proċedura tal-pagamenti ta' kull xahar

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 51, 52 u 53, il-Kummissjoni għandha tagħmel il-pagamenti ta' kull xahar għan-nefqa li l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati jkunu għamlu matul ix-xahar ta' referenza.

2. Il-pagamenti ta' kull xahar għandhom isiru lil kull Stat Membru fit-tielet jum tax-xogħol tat-tieni xahar wara dak li fih issir in-nefqa jew qabel dak il-jum, filwaqt li jitqiesu t-tnaqqis jew is-sospensjonijiet li jsiru skont l-Artikoli 37 sa 40 u kull korrezzjoni oħra. In-nefqa li l-Istati Membri jagħmlu bejn l-1 u l-15 ta' Ottubru għandha titqies bħala nefqa li tkun saret fix-xahar ta' Ottubru. In-nefqa li tkun saret bejn is-16 u l-31 ta' Ottubru għandha titqies bħala nefqa li tkun saret fix-xahar ta' Novembru.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-pagamenti ta' kull xahar li hija tagħmel abbażi ta' dikjarazzjoni tan-nefqa min-naħa tal-Istati Membri u abbażi tal-informazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 88(1).

4. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istati Membri minnufih meta dawn jaqbżu l-limiti massimi finanzjarji.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-pagamenti ta' kull xahar imsemmijin fil-paragrafu 3 mingħajr ma tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 101.

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-pagamenti jew it-tnaqqis supplimentari li jaġġustaw il-pagamenti li jkunu saru skont il-paragrafu 3 mingħajr ma tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 101.

Artikolu 20

Spejjeż amministrattivi u tal-persunal

In-nefqa li jagħmlu l-Istati Membri u l-benefiċjarji tal-għajnuna mill-FAEG b'rabta mal-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal ma għandhiex titħallas mill-Fond.

Artikolu 21

Nefqa marbuta mal-intervent pubbliku

1. Meta, fil-qafas tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq, ma tkunx stabbilita somma għal kull unità b'rabta ma' intervent pubbliku, l-FAEG għandu jiffinanzja l-miżura kkonċernata abbażi ta' ammonti standard uniformi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' fondi li joriġinaw fl-Istati Membri u li jintużaw għax-xiri sfurzat tal-prodotti, għall-ħidmiet materjali li jiġu mill-ħżin u, fejn ikun xieraq, għall-ipproċessar tal-prodotti li jkunu eliġibbli għall-intervent, kif imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar l-affarijiet li ġejjin:

   (a) it-tip ta' miżuri li huma eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni u l-kundizzjonijiet għar-rimborż; u

   (b) il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u l-metodi tal-kalkolu abbażi tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-pagamenti jkunu osservaw fir-realtà jew abbażi ta' rati fissi stabbiliti mill-Kummissjoni, jew abbażi ta' ammonti b'rata fissa jew b'rata mhux fissa previsti fil-leġiżlazzjoni settorjali għall-agrikoltura.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar il-valwazzjoni tal-ħidmiet b'rabta mal-intervent pubbliku, bil-miżuri li jridu jittieħdu f'każ ta' telf jew ta' taħsir fil-prodotti fil-kuntest tal-intervent pubbliku u bl-istabbiliment tal-ammonti li jridu jiġu ffinanzjati.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ammonti msemmijin fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).

Artikolu 22

Akkwist tad-data mis-satelliti

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaqblu fuq il-lista tad-data mis-satelliti li hija meħtieġa għas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja msemmija fl-Artikolu 64(1)(c) skont l-ispeċifikazzjoni li kull Stat Membru jħejji.

Skont l-Artikolu 7(b), il-Kummissjoni għandha tgħaddi, mingħajr ħlas, dik id-data mis-satelliti lill-awtoritajiet kompetenti għas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja jew lill-fornituri tas-servizzi li dawk il-korpi jkunu awtorizzaw biex jirrappreżentawhom.

Il-Kummissjoni għandha tibqa' s-sid tad-data mis-satelliti u għandha teħodha lura malli jitlesta x-xogħol.

Il-Kummissjoni tista' tqabbad lil entitajiet speċjalizzati jwettqu kompiti marbutin mat-tekniki jew mal-metodi ta' ħidma b'rabta mas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja msemmija fl-Artikolu 64(1)(c).

Artikolu 23

Monitoraġġ tar-riżorsi agrikoli

L-azzjonijiet iffinanzjati skont l-Artikolu 7(c) għandu jkollhom l-għan li jagħtu lill-Kummissjoni l-mezzi biex:

(a) tamministra s-swieq agrikoli tal-Unjoni f'kuntest globali;

(b) tiżgura l-monitoraġġ agroekonomiku u agroambjentali u klimatiku tal-użu tar-raba' u tat-tibdil fl-użu tar-raba', fosthom tal-agroforestrija, u l-monitoraġġ tal-kundizzjoni tal-għelejjel sabiex ikunu jistgħu jsiru stimi, b'mod partikolari dwar ir-rendimenti, dwar il-produzzjoni agrikola u dwar l-impatti ta' ċirkustanzi eċċezzjonali fuq l-agrikoltura;

(c) taqsam l-aċċess għat-tali stimi f'kuntest internazzjonali, bħal fil-kuntest tal-inizjattivi kkoordinati minn organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-ħolqien ta' inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (l-UNFCCC), jew fil-kuntest ta' inizjattivi kkoordinati minn aġenziji internazzjonali oħrajn;

(d) tikkontribwixxi għat-trasparenza fis-swieq dinjin;

(e) tiżgura segwitu teknoloġiku tas-sistema agrometeoroloġika.

Skont l-Artikolu 7(c), il-Kummissjoni għandha tiffinanzja l-azzjonijiet marbutin mal-ġbir jew max-xiri tad-data li hija meħtieġa biex tiġi implimentata l-PAK u biex din tiġi mmonitorjata, fosthom id-data mis-satelliti, id-data ġeospazjali u d-data meteoroloġika, il-ħolqien ta' infrastruttura tad-data spazjali u ta' sit web, it-twettiq ta' studji speċifiċi dwar il-kundizzjonijiet klimatiċi, it-telerilevament użat biex jgħin fil-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija u tat-tibdil fl-użu tar-raba' u l-aġġornament tal-mudelli agrometeoroloġiċi u ekonometriċi. Meta jkun hemm bżonn, dawk l-azzjonijiet għandhom jitwettqu b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u ma' laboratorji u korpi nazzjonali jew bl-involviment tas-settur privat.

Artikolu 24

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu:

(a) ir-regoli marbutin mal-finanzjament skont l-Artikolu 7(b) u (c);

(b) il-proċedura li biha l-miżuri msemmijin fl-Artikoli 22 u 23 għandhom jitwettqu biex jintlaħqu l-għanijiet assenjati;

(c) il-qafas li jirregola l-akkwist, it-titjib u l-użu tad-data mis-satelliti u tad-data meteoroloġika, u l-iskadenzi applikabbli.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Kapitolu II
L-FAEŻR

TAQSIMA 1
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-FAEŻR

Artikolu 25
Dispożizzjonijiet li japplikaw għall-pagamenti kollha

1. Il-pagamenti tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR imsemmija fl-Artikolu 6 li l-Kummissjoni tagħmel ma għandhomx jaqbżu l-impenji baġitarji.

   Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 32(1), dawk il-pagamenti għandhom jiġu assenjati lill-impenn baġitarju li jkun infetaħ l-ewwel.

2. Għandu japplika l-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

TAQSIMA 2
FINANZJAMENT TAL-FAEŻR FIL-KUNTEST TAL-PJAN STRATEĠIKU TAL-PAK

Artikolu 26
Kontribuzzjoni finanzjarja tal-FAEŻR

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FAEŻR għan-nefqa li ssir fil-kuntest tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandha tiġi stabbilita għal kull Pjan Strateġiku tal-PAK fil-limiti massimi stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni għall-appoġġ li l-FAEŻR jagħti lill-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Artikolu 27
Impenji baġitarji

1. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li biha jiġi adottat Pjan Strateġiku tal-PAK għandha tkun deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament Finanzjarju u, ladarba l-Istat Membru kkonċernat jiġi mgħarraf biha, impenn legali skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. Din id-deċiżjoni għandha tispeċifika l-kontribuzzjoni fis-sena.

2. L-impenji baġitarji tal-Unjoni għal kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandhom isiru bħala pagamenti akkont annwali bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027.

   Għal kull Pjan Strateġiku tal-PAK, l-impenji baġitarji għall-ewwel pagament parzjali għandhom isiru wara li l-Kummissjoni tadotta l-Pjan Strateġiku tal-PAK.

   Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-impenji baġitarji għall-pagamenti parzjali ta' wara qabel l-1 ta' Mejju ta' kull sena abbażi tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, ħlief meta jkun japplika l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju.

TAQSIMA 3
KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA GĦALL-INTERVENTI GĦALL-IŻVILUPP RURALI

Artikolu 28
Dispożizzjonijiet li japplikaw għall-pagamenti għall-interventi għall-iżvilupp rurali

1. L-approprjazzjonijiet meħtieġa biex tiġi ffinanzjata n-nefqa msemmija fl-Artikolu 6 għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri fil-forma ta' prefinanzjament, ta' pagamenti interim u ta' pagament tal-bilanċ, kif deskritt f'din it-Taqsima.

2. It-total tal-prefinanzjament u tal-pagamenti interim meħudin flimkien ma għandux jaqbeż il-95 % tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR għal kull Pjan Strateġiku tal-PAK.

   Meta jintlaħaq il-limitu massimu ta' 95 %, l-Istati Membri għandhom ikomplu jibagħtu t-talbiet għall-pagamenti lill-Kummissjoni.

Artikolu 29
Arranġamenti dwar il-prefinanzjament

1. Wara li tiddeċiedi li tapprova l-Pjan Strateġiku tal-PAK, il-Kummissjoni għandha tħallas lill-Istat Membru ammont inizjali ta' prefinanzjament għall-perjodu kollu li matulu jdum għaddej il-Pjan Strateġiku tal-PAK. Dan l-ammont inizjali ta' prefinanzjament għandu jitħallas f'pagamenti parzjali kif ġej:

   (a) fl-2021: 1 % tal-ammont tal-appoġġ mill-FAEŻR previst għall-perjodu kollu li matulu jdum għaddej il-Pjan Strateġiku tal-PAK;

   (b) fl-2022: 1 % tal-ammont tal-appoġġ mill-FAEŻR previst għall-perjodu kollu li matulu jdum għaddej il-Pjan Strateġiku tal-PAK;

   (c) fl-2023: 1 % tal-ammont tal-appoġġ mill-FAEŻR previst għall-perjodu kollu li matulu jdum għaddej il-Pjan Strateġiku tal-PAK.

   Jekk Pjan Strateġiku tal-PAK jiġi adottat fl-2022 jew wara, il-pagamenti parzjali ta' qabel għandhom jitħallsu mingħajr dewmien wara t-tali adozzjoni.

2. L-ammont kollu mħallas bħala prefinanzjament għandu jiġi rrimborżat lill-Kummissjoni jekk ma tkun saret l-ebda nefqa u jekk ma tintbagħat l-ebda dikjarazzjoni tan-nefqa għall-Pjan Strateġiku tal-PAK fi żmien 24 xahar mid-data meta l-Kummissjoni tkun ħallset l-ewwel pagament parzjali tal-ammont ta' prefinanzjament. Dan il-prefinanzjament għandu jitpaċa mal-ewwel nefqa ddikjarata għall-Pjan Strateġiku tal-PAK.

3. Ma għandu jsir jew jiġi rkuprat l-ebda pagament addizzjonali ta' prefinanzjament meta jkun seħħ trasferiment lejn l-FAEŻR jew minnu skont l-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

4. L-imgħax li joħroġ mill-prefinanzjament għandu jintuża għall-Pjan Strateġiku tal-PAK ikkonċernat u għandu jitnaqqas mill-ammont tan-nefqa pubblika indikata fid-dikjarazzjoni finali tan-nefqa.

5. L-ammont kollu tal-prefinanzjament għandu jiġi approvat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 51 qabel ma jingħalaq il-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Artikolu 30

Pagamenti interim

1. Għandhom isiru pagamenti interim għal kull Pjan Strateġiku tal-PAK. Dawn għandhom jiġu kkalkulati billi tiġi applikata r-rata ta' kontribuzzjoni għal kull tip ta' intervent għan-nefqa pubblika li ssir u li jkollha x'taqsam miegħu kif imsemmi fl-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

2. Skont id-disponibbiltà tar-riżorsi u filwaqt li tqis it-tnaqqis jew is-sospensjonijiet li jsiru skont l-Artikoli 37 sa 40, il-Kummissjoni għandha tagħmel pagamenti interim sabiex tirrimborża n-nefqa li l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati jkunu għamlu huma u jimplimentaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

3. Meta l-istrumenti finanzjarji jiġu implimentati skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], id-dikjarazzjoni tan-nefqa għandu jkun fiha l-ammonti totali li l-awtorità ta' ġestjoni tkun ħallset lill-benefiċjarji aħħarin jew, fil-każ tal-garanziji, l-ammonti li hija tkun warrbet kif maqbul fil-kuntratti tal-garanziji, kif imsemmi [fl-Artikolu 74(5)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) …/… – ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK, li jittratta r-regoli dwar l-eliġibbiltà jew l-istrumenti finanzjarji].

4. Meta l-istrumenti finanzjarji jiġu implimentati skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jkun fihom in-nefqa marbuta mal-istrumenti finanzjarji għandhom jitressqu bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-ammont inkluż fl-ewwel dikjarazzjoni tan-nefqa jrid ikun tħallas qabel lill-istrument finanzjarju u jista' jkun sa 25 % tal-ammont kollu tal-kontribuzzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li tkun ġiet allokata għall-istrumenti finanzjarji skont il-ftehim ta' finanzjament rilevanti;

   (b) l-ammont inkluż fid-dikjarazzjonijiet sussegwenti tan-nefqa li jitressqu matul il-perjodu tal-eliġibbiltà kif iddefinit fl-Artikolu 80(3) tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] għandu jinkludi n-nefqa eliġibbli kif imsemmi [fl-Artikolu 74(5) tar-Regolament dwar il-pjan tal-PAK, li jittratta r-regoli dwar l-eliġibbiltà jew l-istrumenti finanzjarji].

5. L-ammont inkluż fl-ewwel dikjarazzjoni tan-nefqa, imsemmi fil-paragrafu 4(a), għandu jiġi approvat mill-Kummissjoni fil-kontijiet tagħha l-iktar tard meta jiġu approvati l-kontijiet annwali tal-aħħar sena ta' eżekuzzjoni tal-Pjan Strateġiku rilevanti tal-PAK.

6. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-pagamenti interim meta jkun hemm konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

   (a) meta tintbagħtilha dikjarazzjoni tan-nefqa ffirmata mill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata skont l-Artikolu 88(1)(c);

   (b) meta ma tkunx inqabżet il-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għal kull tip ta' intervent għall-perjodu kollu kopert mill-Pjan Strateġiku tal-PAK ikkonċernat;

   (c) meta jintbagħtulha d-dokumenti li għandhom jitressqu skont l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 11(1);

   (d) meta jintbagħtulha l-kontijiet annwali.

7. F'każ li ma jintlaħaqx xi wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6, il-Kummissjoni għandha tgħarraf minnufih lill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata jew lill-korp ta' koordinazzjoni, jekk ikun inħatar wieħed, b'dan. F'każ li ma jintlaħaqx xi wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6(a), (c) u (d), id-dikjarazzjoni tan-nefqa għandha titqies li mhijiex ammissibbli.

8. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 51, 52 u 53, il-Kummissjoni għandha tagħmel il-pagamenti interim fi żmien 45 jum minn meta tiġi rreġistrata dikjarazzjoni tan-nefqa li tkun tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

9. L-aġenziji tal-pagamenti akkreditati għandhom jistabbilixxu dikjarazzjonijiet interim tan-nefqa marbutin mal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u jibagħtuhom lill-Kummissjoni, jew direttament jew inkella permezz tal-korp ta' koordinazzjoni, jekk ikun inħatar wieħed, fil-perjodi taż-żmien li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-perjodi li matulhom l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati jridu jistabbilixxu u jibagħtulha dawk id-dikjarazzjonijiet intermedji tan-nefqa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa għandhom ikopru n-nefqa li l-aġenziji tal-pagamenti jkunu għamlu matul kull wieħed mill-perjodi kkonċernati. Madankollu, f'każijiet fejn in-nefqa msemmija fl-Artikolu 107(8) tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] ma tkunx tista' tiġi ddikjarata lill-Kummissjoni fil-perjodu kkonċernat minħabba li l-Kummissjoni tkun għad trid tapprova emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, din tista' tiġi ddikjarata fil-perjodi ta' wara.

Id-dikjarazzjonijiet interim tan-nefqa għan-nefqa li tkun saret mis-16 ta' Ottubru 'l quddiem għandhom jiddaħħlu fil-baġit tas-sena ta' wara.

10. Meta l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'sottodelega jkun jeħtieġ iktar verifiki minħabba li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx kompluta jew ma tkunx ċara jew minħabba li jkun hemm nuqqas ta' qbil, differenzi fl-interpretazzjoni jew inkonsistenzi oħrajn marbutin ma' dikjarazzjoni tan-nefqa għal perjodu ta' referenza, li jkunu ġejjin b'mod partikolari min-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa skont ir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] u skont l-atti tal-Kummissjoni adottati skont dak ir-Regolament, fuq talba tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'sottodelega, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi informazzjoni addizzjonali fi żmien perjodu li jkun stabbilit f'dik it-talba skont kemm tkun gravi l-problema.

Jista' jiġi interrott il-limitu taż-żmien għall-pagamenti interim stabbilit fil-paragrafu 8 għall-ammont kollu li għalih issir it-talba għall-pagament, jew għal parti minnu, għal perjodu massimu ta' sitt xhur li jibda mid-data meta tintbagħat it-talba għall-informazzjoni u li jintemm meta tintbagħat l-informazzjoni meħtieġa li tkun titqies li hija sodisfaċenti. L-Istat Membru jista' jaqbel li jtawwal dan il-perjodu ta' interruzzjoni bi tliet xhur.

Meta l-Istat Membru kkonċernat jonqos milli jwieġeb għat-talba għal informazzjoni addizzjonali fil-perjodu taż-żmien stabbilit f'dik it-talba jew meta t-tweġiba tiegħu titqies li mhijiex sodisfaċenti jew tkun tindika li ma tħarsux ir-regoli applikabbli jew li l-Fondi tal-Unjoni intużaw ħażin, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagamenti jew tnaqqashom skont l-Artikoli 37 sa 40 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 31
Pagament tal-bilanċ u għeluq tal-interventi għall-iżvilupp rurali fil-kuntest tal-Pjan Strateġiku tal-PAK

1. Wara li tirċievi l-aħħar rapport annwali dwar il-prestazzjoni b'rabta mal-implimentazzjoni ta' Pjan Strateġiku tal-PAK, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ, dejjem jekk ikun hemm ir-riżorsi disponibbli, abbażi tal-pjan finanzjarju li jkun fis-seħħ fil-livell tat-tipi ta' interventi tal-FAEŻR, tal-kontijiet annwali tal-aħħar sena ta' eżekuzzjoni tal-Pjan Strateġiku rilevanti tal-PAK u tad-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni li jikkorrispondu magħhom. Dawk il-kontijiet għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-aħħar data ta' eliġibbiltà tan-nefqa prevista fl-Artikolu 80(3) tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] u għandhom ikopru n-nefqa li l-aġenzija tal-pagamenti tkun għamlet sal-aħħar data ta' eliġibbiltà tan-nefqa.

2. Il-bilanċ għandu jitħallas sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data meta l-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni u d-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1 huma ammissibbli u jkun ġie approvat l-aħħar kont annwali. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 32(5), l-ammonti li jkun għadhom impenjati wara li jkun tħallas il-bilanċ għandhom jiġu diżimpenjati mill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur.

3. Jekk, sal-limitu taż-żmien stabbilit fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni jkun għadha ma rċevitx l-aħħar rapport annwali dwar il-prestazzjoni u d-dokumenti meħtieġa għall-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aħħar sena ta' eżekuzzjoni tal-Pjan, il-bilanċ għandu jiġi diżimpenjat b'mod awtomatiku skont l-Artikolu 32.

Artikolu 32
Diżimpenn awtomatiku għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK

1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja b'mod awtomatiku kull parti minn impenn baġitarju għall-interventi għall-iżvilupp rurali fil-kuntest ta' Pjan Strateġiku tal-PAK li ma tkunx intużat għall-prefinanzjament jew biex isiru l-pagamenti interim jew li dwarha ma tkun intbagħtitilha l-ebda dikjarazzjoni tan-nefqa li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 30(3) b'rabta man-nefqa magħmula sal-31 ta' Diċembru tat-tieni sena wara dik tal-impenn baġitarju.

2. Dik il-parti tal-impenji baġitarji li jkun għadha miftuħa fl-aħħar data ta' eliġibbiltà tan-nefqa kif imsemmi fl-Artikolu 80(3) tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] jew li dwarha ma tkun saret l-ebda dikjarazzjoni tan-nefqa fi żmien sitt xhur minn dik id-data għandha tiġi diżimpenjata b'mod awtomatiku.

3. F'każ li jkun hemm proċedimenti legali jew appell amministrattiv li jkollhom effett sospensiv, il-perjodu għad-diżimpenn awtomatiku msemmi fil-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2 għandu jiġi interrott, għall-ammont marbut mal-ħidmiet ikkonċernati, għall-perjodu li matulu jdumu għaddejjin dawk il-proċedimenti jew dak l-appell amministrattiv, dejjem jekk il-Kummissjoni tirċievi notifika motivata mingħand l-Istat Membru dwar dan sal-31 ta' Jannar tas-sena N+3.

4. L-affarijiet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tad-diżimpenn awtomatiku:

   (a) dik il-parti tal-impenji baġitarji li dwarha tkun saret dikjarazzjoni tan-nefqa iżda li r-rimborż tagħha jkun tnaqqas jew ikun ġie sospiż mill-Kummissjoni fil-31 ta' Diċembru tas-sena N+2;

(b) dik il-parti tal-impenji baġitarji li aġenzija tal-pagamenti ma setgħetx tiżborża minħabba każ ta' forza maġġuri li jkun laqat b'mod serju l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. L-awtoritajiet nazzjonali li jsostnu li kien hemm każ ta' forza maġġuri għandhom juru l-konsegwenzi diretti li dan kellu fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku kollu tal-PAK jew ta' parti minnu.

Sal-31 ta' Jannar, l-Istat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu marbutin mal-ammonti ddikjarati sal-aħħar tas-sena ta' qabel.

5. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri fil-ħin jekk ikun hemm ir-riskju ta' diżimpenn awtomatiku. Hija għandha tgħarrafhom dwar l-ammont involut kif indikat mill-informazzjoni li jkollha fil-pussess tagħha. L-Istati Membri għandu jkollhom xahrejn minn meta jirċievu din l-informazzjoni biex jaqblu mal-ammont ikkonċernat jew biex jibagħtu l-kummenti tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tagħmel id-diżimpenn awtomatiku sa mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-aħħar limitu taż-żmien li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3.

6. F'każ ta' diżimpenn awtomatiku, il-kontribuzzjoni tal-FAEŻR għall-Pjan Strateġiku tal-PAK ikkonċernat għas-sena kkonċernata għandha titnaqqas bl-ammont li jkun ġie diżimpenjat b'mod awtomatiku. L-Istat Membru għandu jħejji pjan ta' finanzjament rivedut li fih iqassam it-tnaqqis tal-għajnuna fost it-tipi ta' interventi differenti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Jekk ma jagħmilx dan, il-Kummissjoni għandha tnaqqas l-ammonti allokati għal kull tip ta' intervent fuq bażi *pro rata*.

KAPITOLU III
Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 33

Sena finanzjarja agrikola

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċjali dwar id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u tad-dħul marbutin mal-intervent pubbliku stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 45(3), is-sena finanzjarja agrikola għandha tkopri n-nefqa li tkun saret u d-dħul li jkun hemm li l-aġenziji tal-pagamenti jdaħħlu fil-kontijiet tal-baġit tal-Fondi għas-sena finanzjarja "N" li tibda fis-16 ta' Ottubru tas-sena "N-1" u li tintemm fil-15 ta' Ottubru tas-sena "N".

Artikolu 34

Ebda finanzjament doppju

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-nefqa ffinanzjata mill-FAEG jew mill-FAEŻR ma tiġi ffinanzjata bl-ebda mod ieħor mill-baġit tal-Unjoni.

Fil-kuntest tal-FAEŻR, ħidma partikolari tista' tirċievi forom differenti ta' appoġġ mill-Pjan Strateġiku tal-PAK u minn Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") oħrajn jew minn strumenti oħrajn tal-Unjoni biss jekk l-ammont kollu tal-għajnuna mogħtija permezz tal-forom differenti ta' appoġġ, meħud f'daqqa, ma jaqbiżx l-ogħla intensità tal-għajnuna jew l-ogħla ammont tal-għajnuna li japplika għal dak it-tip ta' intervent kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK]. Fit-tali każijiet, l-Istati Membri ma għandhomx jiddikjaraw in-nefqa lill-Kummissjoni għall-affarijiet li ġejjin:

(a) l-appoġġ minn Fond Strutturali u ta' Investiment Ewropew ieħor jew minn strument ieħor tal-Unjoni; jew

(b) l-appoġġ mill-istess Pjan Strateġiku tal-PAK.

L-ammont tan-nefqa li jrid jiddaħħal fid-dikjarazzjoni tan-nefqa jista' jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata* skont id-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

Artikolu 35

Eliġibbiltà tan-nefqa tal-aġenziji tal-pagamenti

In-nefqa msemmija fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 6 tista' tiġi ffinanzjata mill-Unjoni biss jekk:

(a) tkun saret minn aġenziji tal-pagamenti akkreditati;

(b) tkun saret skont ir-regoli tal-Unjoni applikabbli; jew

(c) għat-tipi ta' interventi li jissemmew fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK]:

  (i) tkun taqbel ma' output irrappurtat li jkun jikkorrispondi magħha; u

  (ii) tkun saret skont is-sistemi ta' governanza applikabbli, li ma jkoprux il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-benefiċjarji individwali stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tal-PAK.

Il-punt (c)(i) tal-ewwel paragrafu ma għandux japplika għall-pagamenti bil-quddiem li jsiru lill-benefiċjarji għat-tipi ta' interventi li jissemmew fir-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

Artikolu 36

Konformità mal-iskadenzi għall-pagamenti

Meta l-liġi tal-Unjoni tistabbilixxi l-iskadenzi għall-pagamenti, kull pagament li l-aġenziji tal-pagamenti jagħmlu lill-benefiċjarji qabel l-ewwel data possibbli għall-pagamenti u wara l-aħħar data possibbli għalihom ma għandux ikun eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar iċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet li fihom il-pagamenti li jissemmew fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jistgħu jitqiesu bħala pagamenti eliġibbli, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità.

Artikolu 37

Tnaqqis tal-pagamenti interim u tal-pagamenti ta' kull xahar

1. Meta, abbażi tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa jew tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 88, il-Kummissjoni tistabbilixxi li nqabżu l-limiti massimi finanzjarji stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, hija għandha tnaqqas il-pagamenti interim jew il-pagamenti ta' kull xahar lill-Istat Membru kkonċernat fil-qafas tal-atti ta' implimentazzjoni dwar il-pagamenti ta' kull xahar imsemmijin fl-Artikolu 19(3) jew fil-qafas tal-pagamenti interim imsemmijin fl-Artikolu 30.

2. Meta, abbażi tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa jew tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 88, il-Kummissjoni tistabbilixxi li ma tħarsux l-iskadenzi għall-pagamenti msemmijin fl-Artikolu 36, l-Istat Membru għandu jingħata ċ-ċans jibgħat il-kummenti tiegħu fi żmien perjodu li ma għandux ikun ta' inqas minn 30 jum. Meta l-Istat Membru jonqos milli jibgħat il-kummenti tiegħu f'dak il-perjodu jew meta l-

Kummissjoni tqis li t-tweġiba tiegħu ma kinetx sodisfaċenti, hija tista' tnaqqas il-pagamenti interim jew il-pagamenti ta' kull xahar lill-Istat Membru kkonċernat fil-qafas tal-atti ta' implimentazzjoni dwar il-pagamenti ta' kull xahar imsemmijin fl-Artikolu 19(3) jew fil-qafas tal-pagamenti interim imsemmijin fl-Artikolu 30.

3. It-tnaqqis li jsir skont dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 51.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu iktar regoli dwar il-proċedura u dwar arranġamenti prattiċi oħrajn għall-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 36. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Artikolu 38

Sospensjoni tal-pagamenti b'rabta mal-approvazzjoni annwali

1. Meta l-Istati Membri ma jibagħtux id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 8(3) u fl-Artikolu 11(1) sal-iskadenzi, kif previst fl-Artikolu 8(3), il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jissospendu l-ammont totali tal-pagamenti ta' kull xahar imsemmijin fl-Artikolu 19(3). Il-Kummissjoni għandha tirrimborża l-ammonti sospiżi meta tirċievi d-dokumenti neqsin mingħand l-Istat Membru kkonċernat, dejjem jekk ma tirċevihomx iktar minn sitt xhur wara l-iskadenza.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-pagamenti interim imsemmijin fl-Artikolu 30, id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa għandhom jitqiesu li mhumiex ammissibbli skont il-paragrafu 6 ta' dak l-Artikolu.

2. Meta, fil-kuntest tal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 52, il-Kummissjoni tistabbilixxi li jkun hemm differenza ta' iktar minn 50 % bejn in-nefqa ddikjarata u l-ammont li jikkorrispondi mal-output rilevanti rrappurtat u l-Istat Membru ma jkunx jista' jiġġustifika dan kif xieraq, hija tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jissospendu l-pagamenti ta' kull xahar imsemmijin fl-Artikolu 19(3) jew il-pagamenti interim imsemmijin fl-Artikolu 30.

Is-sospensjoni għandha ssir fuq in-nefqa rilevanti għall-interventi li jkun sarilhom it-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 52(2) u l-ammont li jrid jiġi sospiż ma għandux jaqbeż il-perċentwal li jikkorrispondi mat-tnaqqis li jkun sar skont l-Artikolu 52(2). Il-Kummissjoni għandha tirrimborża l-ammonti sospiżi lill-Istati Membri jew tnaqqashom b'mod permanenti permezz tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 52.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar ir-rata ta' sospensjoni tal-pagamenti.

3. L-atti ta' implimentazzjoni previsti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).

Qabel ma tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat li hija jkun beħsiebha tagħmel dan u għandha tagħtih iċ-ċans jibgħat il-kummenti tiegħu fi żmien perjodu li ma għandux ikun ta' inqas minn 30 jum.

L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-pagamenti ta' kull xahar imsemmijin fl-Artikolu 19(3) jew il-pagamenti interim imsemmijin fl-Artikolu 30 għandhom iqisu l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan il-paragrafu.

Artikolu 39

Sospensjoni tal-pagamenti b'rabta mal-monitoraġġ pluriennali tal-prestazzjoni

1. F'każ ta' dewmien fil-progress lejn il-miri stabbiliti fil-Pjan Strateġiku nazzjonali tal-PAK u mmonitorjati skont l-Artikoli 115 u 116 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], jew f'każ fejn ma jkunx sar biżżejjed progress biex dawn jintlaħqu, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat jimplimenta l-azzjonijiet meħtieġa ta' rimedju skont pjan ta' azzjoni li jkun fih indikaturi ċari dwar il-progress u li jrid jiġi stabbilit b'konsultazzjoni magħha.

   Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu iktar regoli dwar l-elementi tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-proċedura biex dawn jiġu stabbiliti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

2. Meta l-Istat Membru jonqos milli jibgħat il-pjan ta' azzjoni msemmi fil-paragrafu 1 jew milli jimplimentah, jew meta jkun ċar li dak il-pjan ta' azzjoni ma jkunx biżżejjed biex titranġa s-sitwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jissospendu l-pagamenti ta' kull xahar imsemmijin fl-Artikolu 19(3) jew il-pagamenti interim imsemmijin fl-Artikolu 30.

   Is-sospensjoni għandha ssir fuq in-nefqa rilevanti marbuta mal-interventi li kellu jkopri dak il-pjan ta' azzjoni, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża l-ammonti sospiżi meta, abbażi tar-rieżami tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 121 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], ikun sar progress sodisfaċenti lejn l-ilħiq tal-miri. Jekk is-sitwazzjoni ma titranġax sa meta jingħalaq il-Pjan Strateġiku nazzjonali tal-PAK, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jnaqqas b'mod definittiv l-ammont sospiż għall-Istat Membru kkonċernat.

   Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar ir-rata ta' sospensjoni tal-pagamenti u t-tul ta' żmien tat-tali sospensjoni u l-kundizzjoni għar-rimborż jew għat-tnaqqis ta' dawk l-ammonti f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ pluriennali tal-prestazzjoni.

3. L-atti ta' implimentazzjoni previsti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).

   Qabel ma tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat li hija jkun beħsiebha tagħmel dan u għandha titolbu jwieġeb għal dan fi żmien perjodu li ma għandux ikun ta' inqas minn 30 jum.

Artikolu 40

Sospensjoni tal-pagamenti b'rabta ma' nuqqasijiet fis-sistemi ta' governanza

1. F'każ ta' nuqqasijiet serji fil-funzjonament tas-sistemi ta' governanza, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat jimplimenta l-azzjonijiet meħtieġa ta' rimedju skont pjan ta' azzjoni li jkun fih indikaturi ċari dwar il-progress u li jrid jiġi stabbilit b'konsultazzjoni magħha.

   Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu iktar regoli dwar l-elementi tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-proċedura biex dawn jiġu stabbiliti. Dawk

l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

2. Meta l-Istat Membru jonqos milli jibgħat il-pjan ta' azzjoni msemmi fil-paragrafu 1 jew milli jimplimentah, jew meta jkun ċar li dak il-pjan ta' azzjoni ma jkunx biżżejjed biex titranġa s-sitwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jissospendu l-pagamenti ta' kull xahar imsemmijin fl-Artikolu 19(3) jew il-pagamenti interim imsemmijin fl-Artikolu 30.

Is-sospensjoni għandha ssir fuq in-nefqa rilevanti li l-Istat Membru jkun għamel fl-oqsma fejn ikun hemm in-nuqqasijiet, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, u għandha tkun għal perjodu li jrid jiġi stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu u li ma għandux ikun ta' iktar minn tnax-il xahar. Jekk jibqgħu jintlaħqu l-kundizzjonijiet għas-sospensjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jtawlu dak il-perjodu għal perjodi oħrajn li b'kollox ma jkunux ta' iktar minn tnax-il xahar. L-ammonti sospiżi għandhom jitqiesu meta jiġu adottati l-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fl-Artikolu 53.

3. L-atti ta' implimentazzjoni previsti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).

Qabel ma tadotta l-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat li hija jkun beħsiebha tagħmel dan u għandha titolbu jwieġeb għal dan fi żmien perjodu li ma għandux ikun ta' inqas minn 30 jum.

L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-pagamenti ta' kull xahar imsemmijin fl-Artikolu 19(3) jew il-pagamenti interim imsemmijin fl-Artikolu 30 għandhom iqisu l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 41
Żamma ta' kontijiet separati

Kull aġenzija tal-pagamenti għandha żżomm sett ta' kontijiet separati għall-approprjazzjonijiet li jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni għall-Fondi.

Artikolu 42
Pagamenti lill-benefiċjarji

1. Ħlief meta jkun previst b'mod espliċitu ieħor fil-liġi tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pagamenti marbutin mal-finanzjament previst f'dan ir-Regolament jitħallsu għalkollox lill-benefiċjarji.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pagamenti li jsiru fil-kuntest tal-interventi u tal-miżuri msemmijin fl-Artikolu 63(2) isiru bejn l-1 ta' Diċembru u t-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu:

(a) jagħmlu pagamenti bil-quddiem, fil-każ tal-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, li jkunu jkopru sa 50 % ta' dawk l-interventi qabel l-1 ta' Diċembru iżda mhux qabel is-16 ta' Ottubru;

(b) jagħmlu pagamenti bil-quddiem, fil-każ tal-appoġġ mogħti fil-kuntest tal-interventi għall-iżvilupp rurali, kif imsemmi fl-Artikolu 63(2), li jkunu jkopru sa 75 % ta' dak l-appoġġ qabel l-1 ta' Diċembru.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu pagamenti bil-quddiem li jkunu jkopru sa 50 % tal-interventi msemmijin fl-Artikoli 68 u 71 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar l-interventi jew il-miżuri li għalihom l-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-pagamenti bil-quddiem.

5. F'każ ta' emerġenza, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex issolvi problemi speċifiċi b'rabta mal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jidderogaw mill-paragrafu 2, iżda biss sal-punt u għall-perjodu li huma strettament meħtieġa.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Artikolu 43
Assenjazzjoni tad-dħul

1. Dan li ġej għandu jkun "dħul assenjat" skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju:

(a) f'dak li għandu x'jaqsam man-nefqa kemm fil-kuntest tal-FAEG kif ukoll fil-kuntest tal-FAEŻR, is-somom skont l-Artikoli 36, 52 u 53 ta' dan ir-Regolament u skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 li japplika skont l-Artikolu 102 ta' dan ir-Regolament u, f'dak li għandu x'jaqsam man-nefqa fil-kuntest tal-FAEG, is-somom skont l-Artikoli 51 u 54 ta' dan ir-Regolament li jridu jitħallsu lill-baġit tal-Unjoni, inkluż l-imgħax fuqhom;

(b) f'dak li għandu x'jaqsam man-nefqa fil-kuntest tal-FAEG, l-ammonti li jikkorrispondu mal-penali applikati skont ir-regoli dwar il-kundizzjonalità kif imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK];

(c) kull titolu, depożitu jew garanzija pprovduti skont il-liġi tal-Unjoni adottata fil-qafas tal-PAK, minbarra l-interventi għall-iżvilupp rurali, li l-jedd għalihom sussegwentement ikun intilef. Madankollu, l-Istati Membri għandhom iżommu l-garanziji li l-jedd għalihom ikun intilef u li jkunu ġew iddepożitati meta nħarġu l-liċenzji tal-esportazzjoni jew tal-importazzjoni jew skont proċedura ta' sejħa għall-offerti biss sabiex ikun żgurat li l-offerenti jagħmlu offerti ġenwini;

(d) is-somom li jkunu tnaqqsu b'mod definittiv skont l-Artikolu 39(2).

2. Is-somom imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jitħallsu lill-baġit tal-Unjoni u, f'każ li jintużaw mill-ġdid, għandhom jintużaw biss biex jiffinanzjaw in-nefqa tal-FAEG jew tal-FAEŻR.

3. Dan ir-Regolament għandu japplika *mutatis mutandis* għad-dħul assenjat imsemmi fil-paragrafu 1.

4. F'dak li għandu x'jaqsam mal-FAEG, l-Artikolu 113 tar-Regolament Finanzjarju għandu japplika *mutatis mutandis* għaż-żamma tal-kontijiet tad-dħul assenjat imsemmi f'dan ir-Regolament.

Artikolu 44
Miżuri ta' informazzjoni

1. L-għoti ta' informazzjoni ffinanzjat skont l-Artikolu 7(e) għandu jkollu l-għan, b'mod partikolari, li jgħin fit-tifsir, fl-implimentazzjoni u fl-iżvilupp tal-PAK u li jżid l-għarfien tal-pubbliku dwar il-kontenut u l-għanijiet tagħha, li jerġa' jrawwem il-kunfidenza tal-konsumaturi wara l-kriżijiet permezz ta' kampanji tal-informazzjoni, li jinforma lill-bdiewa u lil partijiet oħrajn attivi f'żoni rurali dwar il-PAK u li jippromwovi l-mudell Ewropew tal-agrikoltura u jgħin liċ-ċittadini jifhmuh.

   Permezz tiegħu għandha tingħata informazzjoni koerenti, oġġettiva u komprensiva kemm fl-Unjoni kif ukoll 'il barra minnha.

2. Il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu magħmulin minn dan li ġej:

   (a) programmi ta' ħidma annwali jew miżuri speċifiċi oħrajn ippreżentati minn partijiet terzi;

   (b) attivitajiet implimentati fuq inizjattiva tal-Kummissjoni.

   Dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa skont il-liġi jew dawk il-miżuri li diġà jkunu qed jiġu ffinanzjati fil-kuntest ta' azzjoni oħra tal-Unjoni għandhom jiġu esklużi.

   Sabiex timplimenta l-attivitajiet imsemmijin fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' tkun megħjuna minn esperti esterni.

   Il-miżuri msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawk il-prijoritajiet ikunu marbutin mal-għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament.

3. Darba fis-sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika sejħa għall-proposti li tkun tħares il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.

4. Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 101(1) għandu jiġi mgħarraf bil-miżuri previsti u meħudin skont dan l-Artikolu.

5. Kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 45
Setgħat tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'rabta mal-kundizzjonijiet li bihom iridu jiġu kkumpensati ċerta tip ta' nefqa u ċertu tip ta' dħul fil-kuntest tal-Fondi.

   F'każ li l-baġit tal-Unjoni ma jkunx ġie adottat sal-bidu tas-sena finanzjarja jew f'każ li l-ammont totali tal-impenji skedati jkun jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar il-metodi li japplikaw għall-impenji u għall-pagament tal-ammonti.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu iktar regoli dwar l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 41 u l-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-informazzjoni li trid tiddaħħal fil-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:

(a) il-finanzjament u l-kontabbiltà tal-miżuri ta' intervent fil-forma ta' ħżin pubbliku u ta' nefqa oħra ffinanzjata mill-Fondi;

(b) it-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' diżimpenn awtomatiku.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Kapitolu IV
Approvazzjoni tal-kontijiet

TAQSIMA 1
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 46
Approċċ ta' awditu uniku

Għall-finijiet tal-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju, ix-xogħol tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni msemmijin fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament għandu jservi ta' garanzija għall-Kummissjoni, sakemm hija ma tkunx avżat lill-Istati Membri li ma tistax toqgħod fuq ix-xogħol tal-korp taċ-ċertifikazzjoni għal sena finanzjarja partikolari, u dan ix-xogħol għandha tqisu fil-valutazzjoni tar-riskju tagħha dwar il-ħtieġa li tagħmel awditi fl-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 47
Verifiki min-naħa tal-Kummissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki li l-Istati Membri jagħmlu skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali jew skont l-Artikolu 287 tat-Trattat, jew għal kull verifika li tiġi organizzata skont l-Artikolu 322 tat-Trattat jew abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96, il-Kummissjoni tista' torganizza verifiki fl-Istati Membri sabiex tivverifika, b'mod partikolari, l-affarijiet li ġejjin:

(a) il-konformità tal-prattiki amministrattivi mar-regoli tal-Unjoni;

(b) jekk hemmx output li jikkorrispondi man-nefqa li tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(2) u tal-Artikolu 6 u li tikkorrispondi mal-interventi msemmijin fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], kif irrappurtat fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni;

(c) jekk ix-xogħol tal-korp taċ-ċertifikazzjoni jsirx skont l-Artikolu 11 u għall-finijiet tat-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu jew le;

(d) jekk aġenzija tal-pagamenti tkunx konformi mal-kriterji ta' akkreditament stabbiliti fl-Artikolu 8(2) u jekk l-Istat Membru japplikax l-Artikolu 8(5) sewwa jew le.

Il-persuni li l-Kummissjoni tkun awtorizzat biex jagħmlu l-verifiki f'isimha jew l-aġenti tal-Kummissjoni li jkunu qed jaġixxu fl-ambitu tas-setgħat li jkunu ngħatawlhom għandu jkollhom aċċess għall-kotba u għad-dokumenti l-oħrajn kollha li jkollhom x'jaqsmu man-nefqa ffinanzjata mill-FAEG jew mill-FAEŻR, fosthom

id-dokumenti u l-metadata li jkunu tħejjew fuq medium elettroniku jew li jkunu waslu u ġew irreġistrati fuq it-tali medium.

Is-setgħat għat-twettiq tal-verifiki ma għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirriżervaw ċerti atti għall-aġenti li jinħatru b'mod speċifiku għal dan il-għan mil-liġi nazzjonali. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u tar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, il-persuni li l-Kummissjoni tkun awtorizzat biex jaġixxu f'isimha ma għandhomx jieħdu sehem, fost l-oħrajn, fiż-żjajjar fid-djar jew fl-interrogatorji formali tal-persuni li jsiru abbażi tal-liġi tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, huma għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni li tinkiseb b'dan il-mod.

2. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istat Membru kkonċernat jew lill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun se ssir il-verifika biżżejjed minn qabel dwar il-fatt li tkun se ssir verifika, filwaqt li tqis l-impatt amministrattiv fuq l-aġenziji tal-pagamenti meta tkun qed torganizza l-verifiki. F'dawn il-verifiki jistgħu jieħdu sehem aġenti mill-Istat Membru kkonċernat.

Fuq talba tal-Kummissjoni u bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat, il-korpi kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom iwettqu verifiki jew inkjesti addizzjonali dwar il-ħidmiet li dan ir-Regolament ikopri. L-aġenti tal-Kummissjoni jew il-persuni li l-Kummissjoni tkun awtorizzat biex jaġixxu f'isimha jistgħu jieħdu sehem fit-tali verifiki.

Sabiex ittejjeb il-verifiki, bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni tista' titlob l-għajnuna tal-awtoritajiet ta' dawk l-Istati Membri għal ċerti verifiki jew għal ċerti inkjesti.

Artikolu 48
Aċċess għall-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Fondi jitħaddmu bla xkiel u għandhom jieħdu l-miżuri x-xierqa kollha biex jiffaċilitaw il-verifiki li l-Kummissjoni tqis li huma xierqa b'rabta mal-ġestjoni tal-finanzjament tal-Unjoni.

2. Meta l-Kummissjoni titlobhom jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jibagħtulha l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jkunu adottaw biex jimplimentaw l-atti legali tal-Unjoni marbutin mal-PAK meta dawk l-atti jkollhom impatt finanzjarju fuq l-FAEG jew l-FAEŻR.

3. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni dwar l-irregolaritajiet skont it-tifsira tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95, l-informazzjoni dwar każijiet oħrajn ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet li l-Istati Membri jistabbilixxu fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-informazzjoni dwar il-każijiet ta' frodi ssuspettata li jkunu nnutaw u l-informazzjoni dwar il-passi li jkunu ħadu skont it-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu biex jirkupraw il-pagamenti mhux dovuti li jkunu saru b'rabta ma' dawk l-irregolaritajiet u ma' dawk il-każijiet ta' frodi.

Artikolu 49
Aċċess għad-dokumenti

L-aġenziji tal-pagamenti akkreditati għandhom iżommu d-dokumenti ta' sostenn marbutin mal-pagamenti li jkunu saru u d-dokumenti marbutin mat-twettiq tal-verifiki li jkunu meħtieġa skont il-liġi tal-Unjoni, u għandhom iqiegħdu dawk id-dokumenti u dik l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.

Dawk id-dokumenti ta' sostenn jistgħu jinżammu f'forma elettronika bil-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 50(2).

Meta dawk id-dokumenti jinżammu minn awtorità li tkun qed taġixxi fuq delega li aġenzija tal-pagamenti tkun tatha, u li tkun responsabbli biex tawtorizza n-nefqa, dik l-awtorità għandha tibgħat rapporti lill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata dwar l-għadd ta' verifiki li tkun għamlet, dwar il-kontenut tagħhom u dwar il-miżuri li tkun ħadet abbażi tar-riżultati tagħhom.

Dan l-Artikolu għandu japplika *mutatis mutandis* għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

Artikolu 50
Setgħat tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament bl-obbligi speċifiċi li l-Istati Membri jridu jħarsu skont dan il-Kapitolu u b'regoli, b'mod partikolari, dwar il-kriterji biex jiġu stabbiliti l-irregolaritajiet skont it-tifsira tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u l-każijiet l-oħrajn ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet li l-Istati Membri jistabbilixxu fil-Pjan Strateġiku tal-PAK li jridu jiġu rrappurtati u d-data li trid tintbagħat dwarhom.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:

   (a) il-proċeduri marbutin mal-obbligi ta' kooperazzjoni li l-Istati Membri jridu jħarsu biex jiġu implimentati l-Artikoli 47 u 48;

   (b) il-kundizzjonijiet li bihom iridu jinżammu d-dokumenti ta' sostenn imsemmijin fl-Artikolu 49, fosthom il-forma tagħhom u t-tul ta' żmien li matulu jridu jinżammu.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

TAQSIMA 2
APPROVAZZJONI

Artikolu 51
Approvazzjoni finanzjarja annwali

1. Qabel il-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara s-sena baġitarja kkonċernata u abbażi tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(3)(a) u (c), il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkun fihom id-deċiżjoni tagħha dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti akkreditati b'rabta man-nefqa msemmija fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 6.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikopru l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali mressqin u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju

għall-kontenut tal-atti ta' implimentazzjoni adottati sussegwentement skont l-Artikoli 52 u 53.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet prevista fil-paragrafu 1 f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri li jridu jittieħdu b'rabta mal-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 u mal-implimentazzjoni tagħhom, fosthom l-iskambju tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-iskadenzi li jridu jitħarsu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Artikolu 52

Approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni

1. Meta ma jkunx hemm output li jikkorrispondi man-nefqa msemmija fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 6 u li tikkorrispondi mal-interventi msemmijin fit-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], kif irrappurtat fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni, qabel il-15 ta' Ottubru tas-sena ta' wara s-sena baġitarja kkonċernata, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ammonti li jridu jitnaqqsu mill-finanzjament tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kontenut tal-atti ta' implimentazzjoni adottati sussegwentement skont l-Artikolu 53 ta' dan ir-Regolament.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ammonti li jridu jitnaqqsu abbażi tad-differenza bejn in-nefqa annwali ddikjarata għal intervent u l-ammont li jikkorrispondi mal-output rilevanti rrappurtat skont il-Pjan Strateġiku nazzjonali tal-PAK, filwaqt li tqis il-ġustifikazzjonijiet li l-Istat Membru jkun ipprovda.

3. Qabel ma tadotta l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tagħti ċ-ċans lill-Istat Membru jibgħat il-kummenti tiegħu u jiġġustifika kull differenza li jkun hemm.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar il-kriterji għall-ġustifikazzjonijiet tal-Istat Membru kkonċernat u dwar il-kriterji u l-metodoloġija biex jiġi applikat it-tnaqqis.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli dwar il-miżuri li jridu jittieħdu b'rabta mal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 u mal-implimentazzjoni tiegħu, fosthom l-iskambju tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, il-proċedura u l-iskadenzi li jridu jitħarsu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Artikolu 53
Proċedura tal-konformità

1. Meta l-Kummissjoni ssib li n-nefqa msemmija fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 6 ma tkunx saret skont il-liġi tal-Unjoni, għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ammonti li jridu jiġu esklużi mill-finanzjament tal-Unjoni.

Madankollu, għat-tipi ta' interventi li jissemmew fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], l-esklużjonijiet mill-finanzjament tal-Unjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw biss f'każ li jkun hemm nuqqasijiet serji fil-funzjonament tas-sistemi ta' governanza tal-Istati Membri.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-benefiċjarji individwali stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tal-PAK u fir-regoli nazzjonali.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ammonti li jridu jiġu esklużi abbażi tal-gravità tan-nuqqasijiet li jkunu nstabu.

3. Qabel ma jiġi adottat l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, is-sejbiet tal-Kummissjoni u t-tweġibiet tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jintbagħtu lil xulxin bil-miktub, u wara dan iż-żewġ partijiet għandhom jippruvaw jilħqu ftehim dwar l-azzjoni li trid tittieħed b'rabta ma' dan. Wara dan, l-Istat Membru għandu jingħata ċ-ċans juri li, fir-realtà, in-nuqqas ta' konformità mhuwiex gravi daqskemm jidher li hu mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

Jekk ma jintlaħaqx ftehim, l-Istat Membru jista' jitlob li tinfetaħ proċedura bil-għan li, fi żmien erba' xhur, tiġi rrikonċiljata l-pożizzjoni ta' kull parti. Għandu jintbagħat rapport dwar l-eżitu tal-proċedura lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport qabel ma tiddeċiedi li tirrifjuta l-finanzjament u, jekk tiddeċiedi li ma ssegwix dawk ir-rakkomandazzjonijiet, għandha tiġġustifika dan.

4. Il-finanzjament ma għandux jiġi rrifjutat għan-nefqa li ġejja:

(a) in-nefqa kif indikat fl-Artikolu 5(2) li tkun saret iktar minn 24 xahar qabel ma l-Kummissjoni tgħarraf lill-Istat Membru bil-miktub bis-sejbiet tagħha;

(b) in-nefqa għall-interventi pluriennali li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(2) jew fil-kamp ta' applikazzjoni tal-interventi għall-iżvilupp rurali kif imsemmi fl-Artikolu 6, li għaliha l-aħħar obbligu tal-benefiċjarju jkun seħħ iktar minn 24 xahar qabel ma l-Kummissjoni tgħarraf lill-Istat Membru bil-miktub bis-sejbiet tagħha;

(c) in-nefqa għall-interventi għall-iżvilupp rurali kif imsemmi fl-Artikolu 6, minbarra dawk li jissemmew fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu, li għalihom l-aġenzija tal-pagamenti tkun għamlet il-pagament jew l-aħħar pagament, skont il-każ, iktar minn 24 xahar qabel ma l-Kummissjoni tgħarraf lill-Istat Membru bil-miktub bis-sejbiet tagħha.

5. Il-paragrafu 4 ma għandux japplika fil-każijiet li ġejjin:

(a) fil-każ ta' għajnuniet li Stat Membru jkun ta u li dwarhom il-Kummissjoni tkun nediet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat jew fil-każ ta' ksur li

l-Kummissjoni tkun avżat lill-Istat Membru kkonċernat dwaru permezz ta' opinjoni motivata skont l-Artikolu 258 tat-Trattat;

(b) fil-każ ta' ksur min-naħa tal-Istati Membri tal-obbligi tagħhom skont il-Kapitolu III tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament, dejjem jekk il-Kummissjoni tavża lill-Istat Membru kkonċernat bil-miktub bis-sejbiet tagħha fi żmien 12-il xahar minn meta tirċievi r-rapport tal-Istat Membru dwar ir-riżultati tal-verifiki tiegħu fuq in-nefqa kkonċernata.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar il-kriterji u l-metodoloġija biex jiġu applikati l-korrezzjonijiet finanzjarji.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli dwar il-miżuri li jridu jittieħdu b'rabta mal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 u mal-implimentazzjoni tiegħu, fosthom l-iskambju tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, l-iskadenzi li jridu jitħarsu u l-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fil-paragrafu 3, fosthom it-twaqqif tal-korp ta' konċiljazzjoni u l-kompiti, il-kompożizzjoni u l-arranġamenti ta' ħidma tiegħu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

TAQSIMA 3
IRKUPRI MINĦABBA NUQQASIJIET TA' KONFORMITÀ

Artikolu 54
Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-FAEG

Is-somom li l-Istati Membri jirkupraw wara li jkun hemm irregolaritajiet jew wara li l-benefiċjarji jonqsu milli jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-interventi msemmijin fil-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-imgħax fuqhom għandhom jingħaddew lill-aġenzija tal-pagamenti li trid iddaħħalhom fil-kontijiet bħala dħul assenjat lill-FAEG fix-xahar li fih tirċevihom fir-realtà.

Meta l-baġit tal-Unjoni jiġi kkreditat kif imsemmi fl-ewwel paragrafu, l-Istat Membru jista' jżomm 20 % mill-ammonti korrispondenti bħala spejjeż ta' rkupru b'rata fissa, ħlief f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità li jkunu jistgħu jiġu attribwiti lill-awtoritajiet amministrattivi tiegħu stess jew lil korpi uffiċjali oħrajn tiegħu stess.

Artikolu 55
Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-FAEŻR

1. Meta jiġu nnutati irregolaritajiet u każijiet oħrajn ta' nuqqas ta' konformità tal-benefiċjarji mal-kundizzjonijiet tal-interventi għall-iżvilupp rurali msemmijin fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aġġustamenti finanzjarji billi jikkanċellaw, b'mod parzjali jew għalkollox, il-finanzjament tal-Unjoni kkonċernat. L-Istati Membri għandhom iqisu n-natura tan-nuqqasijiet ta' konformità li jkunu nstabu u l-gravità tagħhom, kif ukoll il-livell tat-telf finanzjarju għall-FAEŻR.

L-ammonti tal-finanzjament tal-Unjoni fil-kuntest tal-FAEŻR li jkunu ġew ikkanċellati u l-ammonti li jkunu ġew irkuprati, kif ukoll l-imgħax fuqhom, għandhom jiġu riallokati għal interventi oħrajn għall-iżvilupp rurali fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jerġgħu jużaw il-Fondi tal-

Unjoni li jkunu ġew ikkanċellati jew li jkunu ġew irkuprati biss għal ħidma tal-iżvilupp rurali fil-kuntest tal-Pjan Strateġiku nazzjonali tal-PAK u dejjem jekk dawn il-fondi ma jiġux riallokati għal ħidmiet tal-iżvilupp rurali li jkun sarilhom aġġustament finanzjarju.

2. Fil-każ ta' kontribuzzjoni għal interventi għall-iżvilupp rurali li jirċievu għajnuna mill-istrumenti finanzjarji kif imsemmi fir-Regolament (UE) …/… [l-Artikolu 52 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] li tiġi kkanċellata minħabba nuqqas ta' konformità individwali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dik il-kontribuzzjoni tista' terġa' tintuża fl-istess strument finanzjarju kif ġej:

(a) meta n-nuqqas ta' konformità li jkun wassal biex tiġi kkanċellata l-kontribuzzjoni jiġi nnutat fil-livell tal-benefiċjarju aħħari msemmi [fl-Artikolu 2(17) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] tar-Regolament (UE) …/…, biss għall-benefiċjarji aħħarin l-oħrajn tal-istess strument finanzjarju;

(b) meta n-nuqqas ta' konformità li jkun wassal biex tiġi kkanċellata l-kontribuzzjoni jiġi nnutat fil-livell tal-Fond speċifiku kif imsemmi [fl-Artikolu 2(21) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] tar-Regolament (UE) …/… f'fond ta' parteċipazzjoni kif imsemmi [fl-Artikolu 2(20) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] tar-Regolament (UE) …/…, biss għall-Fondi speċifiċi l-oħrajn.

Artikolu 56
Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli dwar il-forom tan-notifiki u tal-komunikazzjonijiet li l-Istati Membri jridu jibagħtu lill-Kummissjoni b'rabta mal-obbligi stabbiliti f'din it-Taqsima.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

TITOLU IV
Sistemi ta' kontroll u penali

Kapitolu I
Regoli ġenerali

Artikolu 57
Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Fil-qafas tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi kollha u jieħdu l-miżuri l-oħrajn kollha meħtieġa biex jiżguraw li jitħarsu b'mod effettiv l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dawk id-dispożizzjonijiet u l-miżuri għandhom ikunu marbutin, b'mod partikolari, mal-affarijiet li ġejjin:

   (a) mal-verifika tal-legalità u tar-regolarità tal-ħidmiet iffinanzjati mill-Fondi;

   (b) mal-iżgurar ta' prevenzjoni effettiva tal-frodi, l-aktar f'oqsma b'livell ogħla ta' riskju, li se sservi wkoll ta' deterrent, filwaqt li jqisu l-ispejjeż u l-benefiċċji kif ukoll il-proporzjonalità tal-miżuri;

   (c) mal-prevenzjoni, mas-sejba u mal-korrezzjoni tal-irregolaritajiet u tal-frodi;

   (d) mal-imposta ta' penali li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati skont il-liġi tal-Unjoni jew, jekk ma jkunx hemm it-tali dispożizzjonijiet, skont il-liġi nazzjonali, u mat-tnedija ta' proċedimenti legali għal dan il-għan, skont il-bżonn;

   (e) mal-irkupru tal-pagamenti mhux dovuti flimkien mal-imgħax fuqhom u mat-tnedija ta' proċedimenti legali għal dan il-għan, skont il-bżonn.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi effiċjenti ta' ġestjoni u ta' kontroll sabiex jiżguraw li jkun hemm konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-interventi tal-Unjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-prekawzjonijiet ix-xierqa biex jiżguraw li l-penali li jiġu imposti kif imsemmi fil-paragrafu 1(d) ikunu proporzjonati u jkunu mqassmin skont il-gravità, l-estent, it-tul ta' żmien u l-okkorrenza mill-ġdid tan-nuqqas ta' konformità li jkun instab.

   L-arranġamenti li jistabbilixxu l-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li ma jiġu imposti l-ebda penali fil-każijiet li ġejjin:

   (a) meta n-nuqqas ta' konformità jkun ġej minħabba każ ta' forza maġġuri;

   (b) meta n-nuqqas ta' konformità jkun ġej minħabba żball tal-awtorità kompetenti jew ta' awtorità oħra u l-persuna milquta mill-penali amministrattiva ma setgħetx tinduna b'dan l-iżball b'mod raġonevoli;

   (c) meta l-persuna kkonċernata tkun tista' turi, b'mod li jissodisfa lill-awtorità kompetenti, li hija mhijiex ħatja għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi msemmijin fil-paragrafu 1 jew meta l-awtorità kompetenti tkun issodisfata b'xi mod ieħor li l-persuna kkonċernata mhijiex ħatja.

Meta n-nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna jkun ġej minħabba każ ta' forza maġġuri, il-benefiċjarju ma għandux jitlef id-dritt tiegħu li jirċievi l-għajnuna.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti biex jiżguraw li l-ilmenti dwar il-Fondi jiġu analizzati b'mod effettiv u, fuq talba tal-Kummissjoni, għandhom janalizzaw l-ilmenti li jkunu ntbagħtu lill-Kummissjoni u li jkunu jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dawk l-analiżi.

5. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet li jkunu ġew adottati u bil-miżuri li jkunu ttieħdu skont il-paragrafi 1 u 2.

Kull kundizzjoni li l-Istati Membri jistabbilixxu biex jissupplimentaw il-kundizzjonijiet stabbiliti bir-regoli tal-Unjoni biex wieħed jirċievi l-appoġġ iffinanzjat mill-FAEG jew mill-FAEŻR għandha tkun tista' tiġi vverifikata.

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli li huma meħtieġa biex dan l-Artikolu jiġi applikat b'mod uniformi b'rabta mal-affarijiet li ġejjin:

(a) il-proċeduri, l-iskadenzi u l-iskambju tal-informazzjoni b'rabta mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2;

(b) in-notifiki u l-komunikazzjonijiet li l-Istati Membri jridu jibagħtu lill-Kummissjoni b'rabta mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Artikolu 58
Regoli dwar il-verifiki li jridu jitwettqu

1. Is-sistema li l-Istati Membri jistabbilixxu skont l-Artikolu 57(2) għandha tinkludi verifiki sistematiċi li għandu jkollhom fil-mira wkoll l-oqsma fejn hemm l-ogħla riskju ta' żbalji.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm il-livell ta' verifiki meħtieġ biex ikun hemm ġestjoni effettiva tar-riskji.

2. Il-verifiki tal-ħidmiet li jirċievu għajnuna mill-istrumenti finanzjarji kif imsemmi [fl-Artikolu 52 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] tar-Regolament (UE) …/… għandhom jitwettqu biss fil-livell tal-korpi li jkunu qed jimplimentaw dawk l-istrumenti finanzjarji.

Il-verifiki ma għandhomx jitwettqu fil-livell tal-BEI jew fil-livell ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn li fihom Stat Membru jkun azzjonist.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar ir-rekwiżiti addizzjonali b'rabta mal-proċeduri doganali, u b'mod partikolari ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, meta l-ġestjoni t-tajba ta' dik is-sistema tkun titlob dan.

4. F'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri msemmijin fil-leġiżlazzjoni settorjali għall-agrikoltura minbarra r-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li

jistabbilixxu r-regoli li huma meħtieġa biex dan l-Artikolu jiġi applikat b'mod uniformi u, b'mod partikolari, l-affarijiet li ġejjin:

(a) fil-każ tal-qanneb, kif imsemmi fl-Artikolu 4(c) tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], regoli dwar il-miżuri speċifiċi ta' kontroll u l-metodi biex jiġu stabbiliti l-livelli ta' tetraidrokannabinol;

(b) fil-każ tal-qoton, kif imsemmi fis-sottotaqsima 2 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], sistema għall-verifiki tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali approvati;

(c) fil-każ tal-inbid, kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, regoli dwar il-kejl tal-erja, dwar il-verifiki u dwar ir-regoli li jirregolaw il-proċeduri finanzjarji speċifiċi għat-titjib tal-verifiki;

(d) it-testijiet u l-metodi li jridu jiġu applikati sabiex tiġi stabbilita l-eliġibbiltà tal-prodotti għall-intervent pubbliku u għall-ħżin privat, u l-użu tal-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti kemm għall-intervent pubbliku kif ukoll għall-ħżin privat;

(e) regoli oħrajn dwar il-verifiki li l-Istati Membri jridu jwettqu b'rabta mal-miżuri stabbiliti fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 u fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 rispettivament.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Artikolu 59
Nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku

Meta n-nuqqas ta' konformità jkun marbut mar-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parti tal-għajnuna li ma għandhiex titħallas jew li għandha tiġi rtirata tiġi stabbilita abbażi tal-gravità tan-nuqqas ta' konformità u skont il-prinċipju tal-proporzjonalità.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjoni jintlaqtu biss sal-livell tal-parti tal-għajnuna li ma għandhiex titħallas jew li għandha tiġi rtirata.

Artikolu 60
Klawżola ta' ċirkomvenzjoni

Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi u proporzjonati biex jevitaw li jkun hemm ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni u biex jiżguraw, b'mod partikolari, li l-ebda vantaġġ previst fil-leġiżlazzjoni settorjali għall-agrikoltura ma jingħata lil persuna fiżika jew ġuridika li dwarha jkun ġie stabbilit li l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jinkisbu t-tali vantaġġi jkunu nħolqu b'mod artifiċjali, għall-kuntrarju tal-għanijiet ta' dik il-leġiżlazzjoni.

Artikolu 61
Kompatibbiltà tal-interventi għall-finijiet tal-verifiki fis-settur tal-inbid

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-interventi fis-settur tal-inbid kif imsemmi fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' amministrazzjoni u ta' kontroll li jiġu applikati għal dawk l-

interventi jkunu kompatibbli mas-sistema integrata msemmija fil-Kapitolu II ta' dan it-Titolu f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi li ġejjin:

(a) is-sistemi għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba';

(b) il-verifiki.

Artikolu 62

Garanziji

1. Meta l-leġiżlazzjoni settorjali għall-agrikoltura tipprevedi dan, l-Istati Membri għandhom jitolbu li tiġi ddepożitata garanzija li tiżgura li titħallas somma flus lil awtorità kompetenti jew li jintilef il-jedd għal dik is-somma flus jekk ma jiġix issodisfat obbligu partikolari skont il-leġiżlazzjoni settorjali għall-agrikoltura.

2. Ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri, il-jedd għall-garanzija għandu jintilef għalkollox jew b'mod parzjali meta xi obbligu partikolari ma jitwettaqx jew jitwettaq biss b'mod parzjali.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar l-affarijiet li ġejjin:

(a) l-iżgurar ta' trattament mhux diskriminatorju, ta' trattament ugwali u tal-ħarsien tal-proporzjonalità meta tiġi ddepożitata garanzija;

(b) l-ispeċifikazzjoni tal-parti responsabbli f'każ li ma jitħarisx obbligu;

(c) l-istabbiliment tas-sitwazzjonijiet speċifiċi li fihom l-awtorità kompetenti tista' tneħħi r-rekwiżit li tiġi ddepożitata garanzija;

(d) l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet li japplikaw għall-garanzija li trid tiġi ddepożitata u għall-garanti u tal-kundizzjonijiet biex tiġi ddepożitata dik il-garanzija u biex din tiġi rrilaxxata;

(e) l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet speċifiċi marbutin mal-garanzija li tkun ġiet iddepożitata b'rabta mal-pagamenti bil-quddiem;

(f) l-istabbiliment tal-konsegwenzi tal-ksur tal-obbligi li għalihom tkun ġiet iddepożitata garanzija, kif previst fil-paragrafu 1, fosthom it-telf tal-jedd għall-garanziji u r-rata ta' tnaqqis li trid tiġi applikata meta jiġu rrilaxxati l-garanziji għar-rifużjonijiet, għal-liċenzji, għall-offerti, għall-offerti ta' prezzijiet jew għal applikazzjonijiet speċifiċi u meta obbligu kopert minn dik il-garanzija ma jkunx tħares għalkollox jew b'mod parzjali, filwaqt li jitqiesu n-natura tal-obbligu, il-kwantità li għaliha l-obbligu jkun inkiser, il-perjodu taż-żmien li jaqbeż il-limitu taż-żmien sa meta l-obbligu kellu jintlaħaq u ż-żmien sa meta tingħata l-evidenza li dak l-obbligu jkun intlaħaq.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:

(a) il-forma tal-garanzija li trid tiġi ddepożitata u l-proċedura biex din tiġi ddepożitata, biex din tiġi aċċettata u biex tinbidel il-garanzija oriġinali;

(b) il-proċeduri biex tiġi rrilaxxata garanzija;

(c) in-notifiki li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jridu jagħmlu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Kapitolu II
Is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll

Artikolu 63

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jħaddem sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-sistema integrata").

2. Is-sistema integrata għandha tapplika għall-interventi bbażati fuq l-erja u għall-interventi bbażati fuq l-annimali mniżżlin fil-Kapitoli II u IV tat-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] u għall-miżuri msemmijin fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 228/2013[31] u fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 229/2013[32] rispettivament.

3. Safejn ikun hemm bżonn, is-sistema integrata għandha tintuża wkoll għall-ġestjoni u għall-kontroll tal-kundizzjonalità u tal-miżuri fis-settur tal-inbid kif stabbilit fit-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

4. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

   (a) "applikazzjoni ġeospazjali" tfisser formola ta' applikazzjoni elettronika li tinkludi applikazzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni bbażata fuq sistema ta' informazzjoni ġeografika li tippermetti lill-benefiċjarji jiddikjaraw, mil-lat spazjali, il-bċejjeċ tar-raba' tal-azjenda u ż-żoni mhux agrikoli li għalihom qed jitolbu pagament;

   (b) "sistema ta' monitoraġġ tal-erja" tfisser proċedura ta' osservazzjoni, traċċar u valutazzjoni regolari u b'mod sistematiku tal-attivitajiet agrikoli u tal-metodi użati fiż-żoni agrikoli permezz tad-data mis-satelliti Sentinels ta' Copernicus jew ta' data oħra li tkun tal-inqas ta' valur ekwivalenti għaliha;

   (c) "sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-annimali" tfisser is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] jew is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali ovini u kaprini stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004[34];

---

[31] Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

[32] Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41).

[33] Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

[34] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttiva 91/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

(d) “biċċa raba’” tfisser unità ta’ art li tirrappreżenta żona agrikola kif iddefinita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK];

(e) “sistema ta’ informazzjoni ġeografika” tfisser sistema tal-kompjuter li tkun kapaċi tiġbor, taħżen, tanalizza u turi informazzjoni referenzjata b’mod ġeografiku;

(f) “sistema mingħajr talbiet” tfisser sistema għall-applikazzjonijiet għall-interventi bbażati fuq l-erja jew għall-interventi bbażati fuq l-annimali li fiha d-data neċessarja li l-amministrazzjoni għandha bżonn tal-inqas fuq l-erjas jew fuq l-annimali individwali li għalihom qed tintalab l-għajnuna tinsab fid-databases kompjuterizzati uffiċjali li l-Istat Membru jamministra.

Artikolu 64

Elementi tas-sistema integrata

1. Is-sistema integrata għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:

(a) sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba’;

(b) sistema għall-applikazzjonijiet ġeospazjali u sistema għall-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-annimali;

(c) sistema ta’ monitoraġġ tal-erja;

(d) sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-interventi u tal-miżuri msemmijin fl-Artikolu 63(2);

(e) sistema ta’ kontroll u penali;

(f) meta jkun applikabbli, sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-intitolamenti għall-pagamenti;

(g) meta jkun applikabbli, sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-annimali.

2. Is-sistema integrata għandha titħaddem abbażi ta’ databases elettroniċi u ta’ sistemi ta’ informazzjoni ġeografika u għandha tippermetti li tiġi skambjata d-data bejn id-databases elettroniċi u s-sistemi ta’ informazzjoni ġeografika u li tiġi integrata d-data ta’ ġo fihom.

3. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri li jimplimentaw u japplikaw is-sistema integrata, il-Kummissjoni tista’ titlob l-għajnuna ta’ korpi jew ta’ persuni speċjalizzati biex tiffaċilita l-istabbiliment, il-monitoraġġ u t-tħaddim tas-sistema integrata u b’mod partikolari biex tagħti pariri tekniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jistabbilixxu u jħaddmu sewwa s-sistema integrata u għandhom jgħinu lil xulxin b’mod reċiproku għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu.

Artikolu 65

Żamma tad-data u kondiviżjoni tagħha

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw u jżommu d-data u d-dokumentazzjoni kollha b’rabta mal-outputs annwali rrappurtati fil-kuntest tal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 52 u mal-progress irrappurtat fl-ilħiq tal-miri

stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK u mmonitorjati skont l-Artikolu 115 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

Id-data u d-dokumentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu li jkollhom x'jaqsmu mas-sena kalendarja jew mas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni attwali u mal-għaxar snin kalendarji jew snin ta' kummerċjalizzazzjoni ta' qabel għandhom ikunu aċċessibbli permezz tad-databases diġitali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, l-Istati Membri li saru membri tal-Unjoni fl-2013 jew wara għandhom ikunu obbligati jiżguraw biss li jkollhom data disponibbli li tkun tista' tiġi kkonsultata sa mis-sena tal-adeżjoni tagħhom.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jiżguraw biss li d-data u d-dokumentazzjoni marbutin mas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja msemmija fl-Artikolu 64(1)(c) tkun disponibbli għall-konsultazzjoni mid-data tal-implimentazzjoni ta' dik is-sistema ta' monitoraġġ tal-erja.

2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 fil-livell reġjonali, dejjem jekk dawk ir-rekwiżiti u l-proċeduri amministrattivi għar-reġistrazzjoni tad-data u għall-aċċess għaliha jkunu mfasslin b'tali mod li jkunu uniformi fit-territorju kollu tal-Istat Membru u jkunu jippermettu li d-data tiġi aggregata fuq livell nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-settijiet tad-data li jinġabru permezz tas-sistema integrata li jkunu rilevanti għall-finijiet tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35] jew li jkunu rilevanti biex jiġu mmonitorjati l-politiki tal-Unjoni jinqasmu mingħajr ħlas bejn l-awtoritajiet pubbliċi tagħhom u jiġu ppubblikati f'livell nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jagħtu wkoll aċċess lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni għal dawk is-settijiet tad-data.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-settijiet tad-data li jinġabru permezz tas-sistema integrata u li jkunu rilevanti biex tinħoloq l-istatistika Ewropea kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 223/2009[36] jinqasmu mingħajr ħlas mal-awtorità tal-istatistika tal-Komunità, mal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u ma' awtoritajiet nazzjonali oħrajn li jkunu responsabbli għall-ħolqien tal-istatistika Ewropea meta jkun hemm bżonn.

5. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-aċċess tal-pubbliku għas-settijiet tad-data msemmijin fil-paragrafi 3 u 4 meta t-tali aċċess ikun se jolqot ħażin il-kunfidenzjalità tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

---

35 Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

36 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

Artikolu 66
Sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba'

1. Is-sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba' għandha tkun sistema ta' informazzjoni ġeografika li l-Istati Membri jistabbilixxu u jaġġornaw b'mod regolari abbażi ta' ortofotografija mill-ajru jew mill-ispazju, bi standard uniformi li jiżgura livell ta' preċiżjoni li jkun tal-inqas ekwivalenti għal dak tal-kartografija bi skala ta' 1:5 000.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba':

   (a) tidentifika b'mod uniku kull biċċa raba' u kull unità tal-art li jkun fiha żoni mhux agrikoli li l-Istati Membri jqisu li huma eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna għall-interventi msemmijin fit-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK];

   (b) ikun fiha valuri aġġornati dwar l-erjas li l-Istati Membri jqisu li huma eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna għall-interventi msemmijin fl-Artikolu 63(2);

   (c) tippermetti li jiġu lokalizzati sewwa l-bċejjeċ tar-raba' u ż-żoni mhux agrikoli li għalihom qed jintalab il-pagament;

   (d) ikun fiha informazzjoni li tkun rilevanti għar-rappurtar dwar l-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

3. Ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-kwalità tas-sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba' skont il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni.

   Meta dik il-valutazzjoni tiżvela nuqqasijiet fis-sistema, l-Istati Membri għandhom jadottaw l-azzjonijiet ix-xierqa ta' rimedju jew għandhom jintalbu jistabbilixxu pjan ta' azzjoni skont l-Artikolu 40.

   Sal-15 ta' Frar ta' wara s-sena kalendarja kkonċernata, lill-Kummissjoni għandhom jintbagħtulha rapport ta' valutazzjoni u, fejn ikun xieraq, l-azzjonijiet ta' rimedju u l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

Artikolu 67
Sistema għall-applikazzjonijiet ġeospazjali u sistema għall-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-annimali

1. Fil-każ tal-għajnuna għall-interventi bbażati fuq l-erja msemmijin fl-Artikolu 63(2) li jiġu implimentati skont il-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li titressaq applikazzjoni billi tintuża l-applikazzjoni ġeospazjali li l-awtorità kompetenti tipprovdi biex jitressqu l-applikazzjonijiet.

2. Fil-każ tal-għajnuna għall-interventi bbażati fuq l-annimali msemmijin fl-Artikolu 63(2) li jiġu implimentati skont il-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li titressaq applikazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jimlew minn qabel l-applikazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 bl-informazzjoni mis-sistemi msemmijin fl-Artikolu 64(1)(g) u fl-Artikoli 66, 68, 69 u 71 jew minn kull database pubblika rilevanti oħra.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li applikazzjoni waħda jew iktar imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi koperta minn sistema mingħajr talbiet.

5. Ta’ kull sena, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-kwalità tas-sistema għall-applikazzjonijiet ġeospazjali skont il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni.

Meta dik il-valutazzjoni tiżvela nuqqasijiet fis-sistema, l-Istati Membri għandhom jadottaw l-azzjonijiet ix-xierqa ta’ rimedju jew għandhom jintalbu mill-Kummissjoni jistabbilixxu pjan ta’ azzjoni skont l-Artikolu 40.

Sal-15 ta’ Frar ta’ wara s-sena kalendarja kkonċernata, lill-Kummissjoni għandhom jintbagħtulha rapport ta’ valutazzjoni u, fejn ikun xieraq, l-azzjonijiet ta’ rimedju u l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

Artikolu 68

Sistema ta’ monitoraġġ tal-erja

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jħaddmu sistema ta’ monitoraġġ tal-erja.

2. Ta’ kull sena, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-kwalità tas-sistema ta’ monitoraġġ tal-erja skont il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni.

Meta dik il-valutazzjoni tiżvela nuqqasijiet fis-sistema, l-Istati Membri għandhom jadottaw l-azzjonijiet ix-xierqa ta’ rimedju jew għandhom jintalbu jistabbilixxu pjan ta’ azzjoni skont l-Artikolu 40.

Sal-15 ta’ Frar ta’ wara s-sena kalendarja kkonċernata, lill-Kummissjoni għandhom jintbagħtulha rapport ta’ valutazzjoni u, fejn ikun xieraq, l-azzjonijiet ta’ rimedju u l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

Artikolu 69

Sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji

Is-sistema għar-reġistrazzjoni tal-identità ta’ kull benefiċjarju tal-interventi u tal-miżuri msemmijin fl-Artikolu 63(2) għandha tiżgura li l-applikazzjonijiet kollha li jibgħat l-istess benefiċjarju jkunu jistgħu jiġu identifikati bħala tali.

Artikolu 70

Sistema ta’ kontroll u penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta’ kontroll u penali għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 63.

L-Artikolu 57(1) sa (5) għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 71

Sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-intitolamenti għall-pagamenti

Is-sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-intitolamenti għall-pagamenti għandha tippermetti li l-intitolamenti jiġu vverifikati mal-applikazzjonijiet u mas-sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba’.

Artikolu 72

Setgħat delegati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b’rabta mal-affarijiet li ġejjin:

(a) iktar regoli dwar il-valutazzjoni tal-kwalità msemmija fl-Artikoli 66, 67 u 68;

(b) iktar definizzjonijiet, karatteristiċi bażiċi u regoli tas-sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba', tas-sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji u tas-sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-intitolamenti għall-pagamenti msemmijin fl-Artikoli 66, 69 u 71.

Artikolu 73

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:

(a) il-forma u l-kontenut tal-affarijiet li ġejjin u l-arranġamenti biex dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni jew biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha:

(i) ir-rapporti ta' valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejjeċ tar-raba', tas-sistema għall-applikazzjonijiet ġeospazjali u tas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja;

(ii) l-azzjonijiet ta' rimedju li l-Istati Membri jridu jimplimentaw kif imsemmi fl-Artikoli 66, 67 u 68;

(b) il-karatteristiċi bażiċi tas-sistema għall-applikazzjonijiet ġeospazjali u tas-sistema ta' monitoraġġ tal-erja msemmijin fl-Artikoli 67 u 68, u r-regoli dwar dawn is-sistemi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Kapitolu III
Skrutinju tat-tranżazzjonijiet

Artikolu 74

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar l-iskrutinju tad-dokumenti kummerċjali ta' dawk l-entitajiet li jirċievu jew li jagħmlu pagamenti li jkunu marbutin, b'mod dirett jew indirett, mas-sistema ta' finanzjament tal-FAEG, jew tar-rappreżentanti tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħin "impriżi"), biex jiġi stabbilit jekk it-tranżazzjonijiet li jagħmlu parti mis-sistema ta' finanzjament tal-FAEG ikunux twettqu fir-realtà u jkunux saru b'mod korrett jew le.

2. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għall-interventi koperti mis-sistema integrata msemmija fil-Kapitolu II ta' dan it-Titolu u mill-Kapitolu III tat-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK]. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu lista ta' interventi li, minħabba l-istruttura u r-rekwiżiti ta' kontroll tagħhom, mhumiex adattati biex isirulhom kontrolli *ex post* addizzjonali għall-iskrutinju tad-dokumenti kummerċjali u, għalhekk, ma għandux isirilhom it-tali skrutinju skont dan il-Kapitolu.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "dokument kummerċjali" tfisser il-kotba kollha, ir-reġistri kollha, il-kupuni kollha u d-dokumenti kollha ta' sostenn, il-kontijiet kollha, ir-reġistri kollha tal-produzzjoni u tal-kwalità, il-korrispondenza kollha marbuta mal-attività kummerċjali tal-impriża u d-data kummerċjali kollha, tkun f'liema forma tkun,

inkluża d-data maħżuna b'mod elettroniku, sakemm dawk id-dokumenti u dik id-data jkunu marbutin, b'mod dirett jew indirett, mat-tranżazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1;

(b) "parti terza" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li jkollha x'taqsam, b'mod dirett jew indirett, mat-tranżazzjonijiet imwettqin fil-kuntest tas-sistema ta' finanzjament tal-FAEG.

Artikolu 75

Skrutinju min-naħa tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu skrutinju sistematiku tad-dokumenti kummerċjali tal-impriżi filwaqt li jqisu n-natura tat-tranżazzjonijiet li jrid isirilhom skrutinju. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għażla tal-impriżi għall-iskrutinju tagħti l-aħjar assigurazzjoni possibbli tal-effettività tal-miżuri biex jiġu evitati l-irregolaritajiet u biex dawn jiġu nnutati. Fil-proċess tal-għażla għandhom jitqiesu, fost l-oħrajn, l-importanza finanzjarja tal-impriżi f'dik is-sistema u fatturi tar-riskju oħrajn.

2. Fejn ikun xieraq, l-iskrutinju previst fil-paragrafu 1 għandu jiġi estiż għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi li magħhom ikunu assoċjati l-impriżi u għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi l-oħrajn li jistgħu jkunu rilevanti biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 76.

3. L-iskrutinju li jitwettaq skont dan il-Kapitolu ma għandux jippreġudika l-verifiki li jitwettqu skont l-Artikoli 47 u 48.

Artikolu 76

Kontroverifiki

1. Il-preċiżjoni tad-data primarja li tkun qed tiġi eżaminata għandha tiġi vverifikata b'għadd ta' kontroverifiki li jkunu adattati għall-grad tar-riskju ppreżentat – fosthom, meta jkun hemm bżonn, permezz tad-dokumenti kummerċjali ta' partijiet terzi, inklużi l-kontroverifiki li ġejjin:

(a) it-tqabbil mad-dokumenti kummerċjali tal-fornituri, tal-klijenti, tat-trasportaturi u ta' partijiet terzi oħrajn;

(b) il-verifiki fiżiċi tal-kwantità tal-istokkijiet u tan-natura tagħhom, fejn dan ikun xieraq;

(c) it-tqabbil mar-reġistri tal-flussi finanzjarji li jwasslu għat-tranżazzjonijiet imwettqin fil-kuntest tas-sistema ta' finanzjament tal-FAEG jew li huma konsegwenza tagħhom;

(d) verifiki b'rabta maż-żamma tal-kotba jew mar-reġistri tal-movimenti finanzjarji li juru, meta jsir l-iskrutinju, li d-dokumenti li l-aġenzija tal-pagamenti żżomm bħala ġustifikazzjoni għall-pagament tal-għajnuna lill-benefiċjarju huma preċiżi.

2. Meta l-impriżi jkunu obbligati jżommu reġistri tal-kotba partikolari tal-istokkijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni jew id-dispożizzjonijiet nazzjonali, f'każijiet xierqa, l-iskrutinju ta' dawk ir-reġistri għandu jkun jinkludi t-tqabbil mad-dokumenti kummerċjali u mal-kwantitajiet attwali tal-istokk fejn dan ikun xieraq.

3. Huma u jingħażlu t-tranżazzjonijiet li jridu jiġu vverifikati, għandu jitqies għalkollox il-grad tar-riskju ppreżentat.

Artikolu 77
Aċċess għad-dokumenti kummerċjali

1. Il-persuni responsabbli għall-impriża, jew parti terza, għandhom jiżguraw li d-dokumenti kummerċjali kollha u l-informazzjoni addizzjonali kollha jingħataw lill-uffiċjali responsabbli għall-iskrutinju jew lill-persuni li huma awtorizzati jwettqu l-iskrutinju f'isimhom. Id-data maħżuna b'mod elettroniku għandha tingħata fuq medium ta' appoġġ tad-data adattat.

2. L-uffiċjali responsabbli għall-iskrutinju jew il-persuni li huma awtorizzati jwettqu l-iskrutinju f'isimhom jistgħu jitolbu li jingħataw kopji tad-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1 jew li jingħataw siltiet minnhom.

3. Meta, waqt skrutinju mwettaq skont dan il-Kapitolu, jitqies li d-dokumenti kummerċjali li l-impriża żżomm ma jkunux adegwati għall-finijiet tal-iskrutinju, l-impriża għandha tintalab iżżomm, fil-ġejjieni, ir-reġistri li l-Istat Membru li jkun responsabbli għall-iskrutinju jkun jeħtieġ, mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti f'Regolamenti oħrajn li jkunu marbutin mas-settur ikkonċernat.

   L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-data minn meta għandhom jiġu stabbiliti t-tali reġistri.

   Meta d-dokumenti kummerċjali kollha li jkollu jsirilhom skrutinju skont dan il-Kapitolu, jew parti minnhom, ikunu jinsabu f'impriża li tkun tifforma parti mill-istess grupp kummerċjali, mill-istess sħubija jew mill-istess assoċjazzjoni ta' impriżi li tkun titmexxa b'mod unifikat flimkien mal-impriża li jkun qed isirilha l-iskrutinju, kemm jekk din tkun tinsab fit-territorju tal-Unjoni kif ukoll jekk tkun tinsab 'il barra minnu, l-impriża li jkun qed isirilha l-iskrutinju għandha tqiegħed dawk id-dokumenti kummerċjali għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali responsabbli għall-iskrutinju f'post u żmien li għandhom jistabbilixxu l-Istati Membri li jkunu responsabbli għat-twettiq tal-iskrutinju.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċjali responsabbli għall-iskrutinju jkunu intitolati jaqbdu d-dokumenti kummerċjali jew jaraw li dawn jinqabdu. Dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat filwaqt li jitqiesu kif xieraq id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti u għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli li jirregolaw il-proċedimenti f'materji kriminali dwar il-qbid tad-dokumenti.

Artikolu 78
Għajnuna reċiproka

1. L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin biex iwettqu l-iskrutinju previst f'dan il-Kapitolu fil-każijiet li ġejjin:

   (a) meta impriża jew parti terza tkun stabbilita fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih sar jew wasal il-pagament tal-ammont ikkonċernat jew li fih kellu jsir jew kellu jasal dan il-pagament;

   (b) meta impriża jew parti terza tkun stabbilita fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih ikunu jinsabu d-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa għall-iskrutinju.

   Il-Kummissjoni tista' tikkoordina azzjonijiet konġunti li jkunu jinvolvu l-għajnuna reċiproka bejn żewġ Stati Membri jew aktar.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni lista tal-impriżi stabbiliti f'pajjiż terz li għalihom ikun sar jew ikun wasal il-pagament tal-ammont ikkonċernat f'dak l-Istat Membru jew li għalihom kellu jsir jew kellu jasal dan il-pagament.

3. Jekk ikun hemm bżonn ta' informazzjoni addizzjonali fi Stat Membru ieħor bħala parti mill-iskrutinju ta' impriża skont l-Artikolu 75 u, b'mod partikolari, bħala parti mill-kontroverifiki mwettqin skont l-Artikolu 76, jistgħu jsiru talbiet speċifiċi għall-iskrutinju li fihom jingħataw ir-raġunijiet għat-talba.

It-talba għall-iskrutinju għandha tintlaqa' sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tasal u r-riżultati tal-iskrutinju għandhom jintbagħtu mingħajr dewmien lill-Istat Membru li jkun għamel it-talba.

Artikolu 79
Programmazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu programmi biex, matul il-perjodu ta' skrutinju li jkun imiss, jitwettaq l-iskrutinju skont l-Artikolu 75.

2. Ta' kull sena, qabel il-15 ta' April, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-programm tagħhom imsemmi fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni u għandhom jispeċifikaw:

(a) l-għadd ta' impriżi li jkun se jsirilhom skrutinju u kif inhuma mqassmin skont is-settur abbażi tal-ammonti marbutin magħhom;

(b) il-kriterji li jkunu adottaw biex ifasslu l-programm tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-programmi li jkunu stabbilixxew u li jkunu bagħtu lill-Kummissjoni, jekk, fi żmien tmien ġimgħat, il-Kummissjoni ma tkunx għarrfithom bil-kummenti tagħha dwarhom.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-emendi li l-Istati Membri jagħmlu fil-programmi tagħhom.

5. Il-Kummissjoni tista' titlob li tiddaħħal kategorija partikolari ta' impriżi fil-programm ta' Stat Membru fi kwalunkwe stadju.

6. L-impriżi li kellhom irċevuti jew pagamenti li, b'kollox, kienu jammontaw għal inqas minn EUR 40 000 għandu jsirilhom skrutinju skont dan il-Kapitolu għal raġunijiet speċifiċi biss li l-Istati Membri għandhom jagħtu fil-programm annwali tagħhom imsemmi fil-paragrafu 1 jew li l-Kummissjoni għandha tagħti f'kull emenda li tipproponi għal dak il-programm.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 101 li jemendaw il-limitu stabbilit fl-ewwel subparagrafu.

Artikolu 80
Dipartimenti speċjali

1. F'kull Stat Membru, dipartiment speċjali għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu. B'mod partikolari, dawk id-dipartimenti għandhom ikunu responsabbli għall-affarijiet li ġejjin:

(a) għat-twettiq tal-iskrutinju previst f'dan il-Kapitolu minn uffiċjali li jkunu impjegati diretti tagħhom; jew

(b) għall-koordinazzjoni tal-iskrutinju li jwettqu uffiċjali li jkunu ġejjin minn dipartimenti oħrajn u għas-sorveljanza ġenerali ta' dan l-iskrutinju.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll li l-iskrutinju li għandu jitwettaq skont dan il-Kapitolu jinqasam bejn id-dipartiment speċjali u dipartimenti nazzjonali oħrajn, dejjem jekk id-dipartiment speċjali jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tiegħu.

2. Id-dipartiment jew id-dipartimenti li jkunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jkunu indipendenti mid-dipartimenti jew mill-friegħi tad-dipartimenti li jkunu responsabbli għall-pagamenti u għall-verifiki li jitwettqu qabel il-pagament b'rabta mal-iskrutinju.

3. Id-dipartiment speċjali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex iwettaq il-kompiti msemmijin f'dan il-Kapitolu u l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħtih is-setgħat kollha meħtieġa biex jagħmel dan.

4. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri x-xierqa biex jippenalizzaw lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jonqsu milli jħarsu l-obbligi tagħhom skont dan il-Kapitolu.

Artikolu 81

Rapporti

1. Qabel l-1 ta' Jannar, wara l-perjodu ta' skrutinju, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport iddettaljat dwar l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jagħti ħarsa ġenerali wkoll lejn it-talbiet speċifiċi għall-iskrutinju msemmijin fl-Artikolu 78(3) u lejn ir-riżultati tal-iskrutinju li jkun sar wara li jkunu waslu dawk it-talbiet.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiskambjaw b'mod regolari l-fehmiet tagħhom bejniethom dwar l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 82

Aċċess għall-informazzjoni u skrutinju min-naħa tal-Kummissjoni

1. F'konformità mal-liġijiet nazzjonali rilevanti, l-uffiċjali tal-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess għad-dokumenti kollha li jitħejjew għal skrutinju organizzat skont dan il-Kapitolu jew wara dak l-iskrutinju, u għad-data miżmuma, inkluża dik maħżuna fis-sistemi tal-ipproċessar tad-data. Dik id-data għandha tingħata fuq medium ta' appoġġ tad-data adattat, meta jintalab dan.

2. L-uffiċjali tal-Istati Membri għandhom iwettqu l-iskrutinju msemmi fl-Artikolu 75. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'dak l-iskrutinju. Huma ma jistgħux jeżerċitaw is-setgħat ta' skrutinju mogħtija lill-uffiċjali nazzjonali. Madankollu, huma għandu jkollhom aċċess għall-istess bini u għall-istess dokumenti li jkollhom aċċess għalihom l-uffiċjali tal-Istati Membri.

3. Fil-każ ta' skrutinju li jitwettaq skont l-Artikolu 78, bi qbil mal-Istat Membru li jkun intalab jagħmel dak l-iskrutinju, l-uffiċjali tal-Istat Membru li jkun għamel it-talba għall-iskrutinju jistgħu jkunu preżenti waqt dak l-iskrutinju fl-Istat Membru li jkun intalab jagħmlu u għandu jkollhom aċċess għall-istess bini u għall-istess dokumenti li jkollhom aċċess għalihom l-uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

L-uffiċjali tal-Istat Membru li jkun għamel it-talba għall-iskrutinju li jkunu preżenti waqt l-iskrutinju fl-Istat Membru li jkun intalab jagħmlu għandhom ikunu jistgħu jipprovdu prova tal-kariga uffiċjali tagħhom fi kwalunkwe mument. L-iskrutinju għandhom jagħmluh dejjem l-uffiċjali tal-Istat Membru li jkun intalab jagħmlu.

4. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95, tar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 u tar-Regolament (UE) 2017/1939, meta d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-proċeduri kriminali jirriżervaw ċerti atti għall-uffiċjali li jinħatru b'mod speċifiku għal dan il-għan mil-liġi nazzjonali, la l-uffiċjali tal-Kummissjoni u lanqas l-uffiċjali tal-Istat Membru msemmijin fil-paragrafu 3 ma għandhom jieħdu sehem f'dawk l-atti. Fi kwalunkwe każ, huma ma għandhomx jieħdu sehem, b'mod partikolari, fiż-żjajjar fid-djar jew fl-interrogatorji formali tal-persuni li jsiru fil-kuntest tad-dritt penali tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, huma għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni li tinkiseb b'dan il-mod.

Artikolu 83

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli li huma meħtieġa biex dan il-Kapitolu jiġi applikat b'mod uniformi u, b'mod partikolari, ir-regoli dwar l-affarijiet li ġejjin:

(a) it-twettiq tal-iskrutinju msemmi fl-Artikolu 75 f'dak li għandu x'jaqsam mal-għażla tal-impriżi, mar-rata tal-iskrutinju u mal-iskeda taż-żmien tiegħu;

(b) il-konservazzjoni tad-dokumenti kummerċjali u t-tipi ta' dokumenti li għandhom jinżammu jew ta' data li għandha tiġi rreġistrata;

(c) it-twettiq tal-azzjonijiet konġunti msemmijin fl-Artikolu 78(1) u l-koordinazzjoni tagħhom;

(d) id-dettalji u l-ispeċifikazzjonijiet b'rabta mal-kontenut u mal-forma tat-talbiet u mal-mezz biex dawn jitressqu, mal-kontenut, mal-forma u mal-mezz tan-notifiki u mat-tressiq tal-informazzjoni meħtieġa skont dan il-Kapitolu u mal-iskambju tagħha;

(e) il-kundizzjonijiet u l-mezzi ta' pubblikazzjoni jew ir-regoli u l-kundizzjonijiet speċifiċi biex il-Kummissjoni xxerred l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew biex din tqiegħedha għad-dispożizzjoni tagħhom;

(f) ir-responsabbiltajiet tad-dipartiment speċjali msemmi fl-Artikolu 80;

(g) il-kontenut tar-rapporti msemmijin fl-Artikolu 81 u ta' kull notifika oħra meħtieġa skont dan il-Kapitolu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Kapitolu IV
Is-sistema ta' kontroll u l-penali b'rabta mal-kundizzjonalità

Artikolu 84

Sistema ta' kontroll tal-kundizzjonalità

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' kontroll biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] u fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 u fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 rispettivament

iħarsu l-obbligi msemmijin fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

L-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistemi ta' kontroll u l-istrutturi amministrattivi eżistenti tagħhom biex jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar il-kundizzjonalità.

Dawk is-sistemi għandhom ikunu kompatibbli mas-sistema ta' kontroll imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom janalizzaw is-sistema ta' kontroll imsemmija fl-ewwel subparagrafu abbażi tar-riżultati li jkunu nkisbu.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "rekwiżit" tfisser kull rekwiżit individwali statutorju ta' ġestjoni skont il-liġi tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] f'att speċifiku, li jvarja fis-sustanza tiegħu minn kull rekwiżit ieħor tal-istess att;

(b) "att" tfisser kull Direttiva u kull Regolament individwali msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

3. Fis-sistemi ta' kontroll tagħhom imsemmijin fil-paragrafu 1, l-Istati Membri:

(a) għandhom jinkludu verifiki fuq il-post biex jivverifikaw li l-benefiċjarji jħarsu l-obbligi msemmijin fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK];

(b) skont ir-rekwiżiti, l-istandards, l-atti jew l-oqsma ta' kundizzjonalità kkonċernati, jistgħu jiddeċiedu li jużaw il-verifiki li jitwettqu fil-kuntest tas-sistemi ta' kontroll applikabbli għar-rekwiżiti, għall-istandards, għall-atti jew għall-oqsma ta' kundizzjonalità rispettivi, dejjem jekk dawk il-verifiki jkunu effettivi tal-inqas bl-istess mod bħall-verifiki fuq il-post imsemmijin fil-punt (a);

(c) jistgħu jużaw it-telerilevament jew is-sistema ta' monitoraġġ tal-erja biex iwettqu l-verifiki fuq il-post imsemmijin fil-punt (a), fejn dan ikun xieraq;

(d) għandhom jistabbilixxu l-kampjun ta' kontroll għall-verifiki msemmijin fil-punt (a) li għandhom jitwettqu ta' kull sena abbażi ta' analiżi tar-riskju u li għandu jkun fih komponent aleatorju u għandhom jiżguraw li dan il-kampjun ta' kontroll ikun ikopri tal-inqas 1 % mill-benefiċjarji li jirċievu l-għajnuna prevista fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

Artikolu 85

Sistema ta' penali amministrattivi b'rabta mal-kundizzjonalità

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema li tipprevedi l-applikazzjoni ta' penali amministrattivi fuq il-benefiċjarji msemmijin fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] li, fi kwalunkwe ħin matul is-sena kalendarja kkonċernata, ma jikkonformawx mar-regoli dwar il-kundizzjonalità kif stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III ta' dak ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-sistema ta' penali").

F'dik is-sistema, il-penali amministrattivi msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw biss meta n-nuqqas ta' konformità jkun ġej minn att jew

ommissjoni li jkunu jistgħu jiġu attribwiti b'mod dirett lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tintlaħaq xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) meta n-nuqqas ta' konformità jkun marbut mal-attività agrikola tal-benefiċjarju;

(b) meta minnu tintlaqat iż-żona tal-azjenda tal-benefiċjarju.

Madankollu, fil-każ taż-żoni tal-foresti, il-penali amministrattivi msemmijin fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx japplikaw meta ma jintalab l-ebda appoġġ għaż-żona kkonċernata skont l-Artikoli 65 u 66 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

2. Fis-sistemi ta' penali tagħhom imsemmijin fil-paragrafu 1, l-Istati Membri:

(a) għandhom jinkludu regoli dwar l-applikazzjoni tal-penali amministrattivi f'każijiet meta jkun hemm trasferiment tal-art matul is-sena kalendarja jew is-snin kalendarji kkonċernati. Dawn ir-regoli għandhom jissejsu fuq allokazzjoni ġusta u ekwa tar-responsabbiltà għan-nuqqasijiet ta' konformità fost iċ-ċedenti u ċ-ċessjonarji.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, "trasferiment" tfisser kull tip ta' tranżazzjoni li permezz tagħha r-raba' ma jibqax għad-dispożizzjoni taċ-ċedent;

(b) minkejja l-paragrafu 1, jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx penali għal kull benefiċjarju u għal kull sena kalendarja meta l-ammont tal-penali jkun ta' EUR 100 jew inqas. Il-benefiċjarju għandu jiġi mgħarraf bis-sejba u bl-obbligu li jieħu azzjoni ta' rimedju;

(c) għandhom jipprevedu li ma tiġi imposta l-ebda penali amministrattiva meta n-nuqqas ta' konformità jkun ġej minħabba każ ta' forza maġġuri.

3. L-applikazzjoni ta' penali amministrattiva ma għandhiex taffettwa l-legalità u r-regolarità tan-nefqa li għaliha tkun tapplika.

Artikolu 86

Kalkolu tal-penali

1. Il-penali amministrattivi previsti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] għandhom jiġu applikati billi jitnaqqas l-ammont totali tal-pagamenti mniżżlin f'dik it-Taqsima ta' dak ir-Regolament li jkunu ngħataw jew li jkunu se jingħataw lill-benefiċjarju kkonċernat għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna li huwa jkun bagħat matul is-sena kalendarja tas-sejba jew li huwa jkun se jibgħat matul dik is-sena, jew billi jiġi eskluż dak l-ammont.

Biex jiġu kkalkulati dak it-tnaqqis u dawk l-esklużjonijiet, għandhom jitqiesu l-gravità, l-estent, it-tul ta' żmien, l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità li jkun instab. Il-penali li jiġu imposti għandhom ikunu dissważivi u proporzjonati u jkunu jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità li jseħħ minħabba negliġenza, bħala regola ġenerali, it-tnaqqis għandu jkun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu sistema ta' twissija bikrija li tkun tapplika għall-każijiet individwali ta' nuqqas ta' konformità li jseħħu għall-ewwel darba u li,

minħabba li ma jkunux gravi, li jkollhom estent limitat u li jseħħu għal tul ta' żmien limitat, ma għandhomx iwasslu għal tnaqqis jew għal esklużjoni. Meta, waqt verifika sussegwenti li ssir fi żmien tliet snin kalendarji konsekuttivi, jiġi stabbilit li ma tranġatx is-sitwazzjoni b'rabta man-nuqqas ta' konformità, għandu jiġi applikat b'mod retroattiv it-tnaqqis skont l-ewwel subparagrafu.

Madankollu, il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità li jikkostitwixxu riskju dirett għas-saħħa pubblika jew għas-saħħa tal-annimali dejjem għandhom iwasslu għal tnaqqis jew għal esklużjoni.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu taħriġ obbligatorju għall-benefiċjarji li jkunu rċevew twissija bikrija fil-kuntest tas-sistema ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli prevista fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

3. Fil-każ ta' okkorrenza mill-ġdid, il-perċentwal ta' tnaqqis għandu jkun ogħla minn dak li għandu jiġi applikat fil-każ ta' nuqqas ta' konformità li jseħħ minħabba negliġenza u li għalih tkun qed tiġi imposta penali għall-ewwel darba.

4. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, il-perċentwal għandu jkun ogħla minn dak li jiġi applikat fil-każ ta' okkorrenza mill-ġdid skont il-paragrafu 3 u jista' jwassal saħansitra għall-esklużjoni totali mill-pagamenti u jista' japplika għal sena kalendarja waħda jew iktar.

5. Sabiex ikun żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri differenti u li s-sistema ta' penali tkun effettiva u tkun isservi ta' deterrent, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'iktar regoli dwar l-applikazzjoni u l-kalkolu tal-penali.

Artikolu 87
Ammonti li jkunu ġejjin mill-penali amministrattivi b'rabta mal-kundizzjonalità

L-Istati Membri jistgħu jżommu 20 % mill-ammonti li jkunu ġejjin mill-applikazzjoni tat-tnaqqis u tal-esklużjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 86.

Titolu V
Dispożizzjonijiet komuni

KAPITOLU I
Trażmissjoni tal-informazzjoni

Artikolu 88
Komunikazzjoni tal-informazzjoni

1. Minbarra d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni, id-dikjarazzjonijiet u d-dokumenti li ġejjin:

(a) għall-aġenziji tal-pagamenti akkreditati u għall-korpi ta' koordinazzjoni akkreditati:

(i) id-dokument tal-akkreditament tagħhom;

(ii) il-funzjoni tagħhom (aġenzija tal-pagamenti akkreditata jew korp ta' koordinazzjoni akkreditat);

(iii) l-irtirar tal-akkreditament tagħhom meta dan ikun rilevanti;

(b) għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni:

(i) isimhom;

(ii) l-indirizz tagħhom;

(c) għall-miżuri marbutin mal-ħidmiet iffinanzjati mill-Fondi:

(i) id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa, li jservu wkoll bħala talbiet għall-pagamenti, iffirmati mill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata jew mill-korp ta' koordinazzjoni akkreditat u li jkollhom magħhom l-informazzjoni meħtieġa;

(ii) l-istimi dwar il-ħtiġijiet finanzjarji tagħhom b'rabta mal-FAEG u aġġornament tal-istimi tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jkunu se jintbagħtu matul is-sena u l-istimi tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa għas-sena finanzjarja ta' wara b'rabta mal-FAEŻR;

(iii) id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u l-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-pagamenti akkreditati.

Il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-pagamenti akkreditati marbutin man-nefqa tal-FAEŻR għandhom jitressqu fil-livell ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'mod regolari dwar l-applikazzjoni tas-sistema integrata msemmija fil-Kapitolu II tat-Titolu IV. Il-Kummissjoni għandha torganizza skambji tal-fehmiet dwar dan is-suġġett mal-Istati Membri.

Artikolu 89
Kunfidenzjalità

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tkun intbagħtet jew li tkun inkisbet waqt il-miżuri ta' spezzjoni u tal-approvazzjoni tal-kontijiet implimentati skont dan ir-Regolament.

   Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 għandhom japplikaw għal dik l-informazzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali marbutin mal-proċedimenti legali, l-informazzjoni li tinġabar waqt skrutinju kif previst fil-Kapitolu III tat-Titolu IV għandha titħares bis-segretezza professjonali. Din ma għandha tingħata lill-ebda persuna minbarra dawk li, minħabba dmirijiethom fl-Istati Membri jew fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ikollhom bżonn ikunu jafu biha għall-qadi ta' dmirijiethom.

Artikolu 90
Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:

(a) il-forma u l-kontenut tal-affarijiet li ġejjin u l-intervalli taż-żmien, l-iskadenzi u l-arranġamenti biex dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni jew biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha:

   (i) id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u l-istimi tan-nefqa u l-aġġornamenti tagħhom, fosthom id-dħul assenjat;

   (ii) id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u l-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-pagamenti;

   (iii) ir-rapporti dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet;

   (iv) l-ismijiet u d-dettalji tal-aġenziji tal-pagamenti akkreditati, tal-korpi ta' koordinazzjoni akkreditati u tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni;

   (v) l-arranġamenti biex titqies in-nefqa ffinanzjata mill-Fondi u biex din titħallas;

   (vi) in-notifiki dwar l-aġġustamenti finanzjarji li l-Istati Membri jagħmlu b'rabta mal-interventi għall-iżvilupp rurali;

   (vii) l-informazzjoni dwar il-miżuri li jittieħdu skont l-Artikolu 57;

(b) l-arranġamenti li jirregolaw l-iskambji tal-informazzjoni u tad-dokumenti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni, fosthom it-tip ta' data li dawn is-sistemi għandhom jipproċessaw u l-format u l-kontenut tagħha, kif ukoll ir-regoli korrispondenti dwar il-ħżin tad-data;

(c) in-notifiki li l-Istati Membri jridu jibagħtu lill-Kummissjoni dwar l-informazzjoni, id-dokumenti, l-istatistika u r-rapporti, kif ukoll l-iskadenzi għal dawn in-notifiki u l-metodi kif dawn għandhom jintbagħtu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Kapitolu II
Użu tal-euro

Artikolu 91
Prinċipji ġenerali

1. L-ammonti mogħtija fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li bihom jiġu adottati l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, l-ammonti tal-impenji u tal-pagamenti min-naħa tal-Kummissjoni, l-ammonti tan-nefqa kkonfermati jew iċċertifikati u l-ammonti fid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa tal-Istati Membri għandhom jingħataw f'euro u għandhom jitħallsu f'dik il-munita.

2. Il-prezzijiet u l-ammonti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni settorjali għall-agrikoltura għandhom jingħataw f'euro.

   Huma għandhom jingħataw f'euro u jinġabru f'dik il-munita fl-Istati Membri li jkunu adottaw l-euro u fil-munita nazzjonali fl-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-euro.

Artikolu 92
Rata tal-kambju u avveniment operattiv

1. Fl-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-euro, il-prezzijiet u l-ammonti msemmijin fl-Artikolu 91(2) għandhom jinqalbu għall-munita nazzjonali bl-użu ta' rata tal-kambju.

2. L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun dan li ġej:

   (a) fil-każ tal-ammonti li jinġabru jew li jingħataw waqt il-kummerċ ma' pajjiżi terzi, it-tlestija tal-formalitajiet doganali tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni;

   (b) fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-avveniment li permezz tiegħu jinkiseb l-għan ekonomiku tal-operazzjoni.

3. Meta jsir pagament dirett, kif previst fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], lil benefiċjarju f'munita li ma tkunx l-euro, l-Istati Membri għandhom jaqilbu l-ammont tal-għajnuna mogħti f'euro fil-munita nazzjonali abbażi tar-rata tal-kambju l-iktar riċenti li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun stabbilixxa qabel l-1 ta' Ottubru tas-sena li għaliha tingħata l-għajnuna.

   B'deroga mill-ewwel subparagrafu, f'każijiet iġġustifikati kif xieraq, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jaqilbu l-ammont abbażi tar-rata medja tar-rati tal-kambju li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun stabbilixxa fix-xahar ta' qabel l-1 ta' Ottubru tas-sena li għaliha tingħata l-għajnuna. L-Istati Membri li jagħżlu dik l-għażla għandhom jistabbilixxu u jippubblikaw dik ir-rata medja qabel l-1 ta' Diċembru ta' dik is-sena.

4. F'dak li għandu x'jaqsam mal-FAEG, huma u jħejju d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa tagħhom, l-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-euro għandhom jużaw l-istess rata tal-kambju li jkunu użaw biex jagħmlu l-pagamenti lill-benefiċjarji jew biex jirċievu d-dħul, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar dawk l-avvenimenti operattivi u dwar ir-rata tal-kambju li għandha tintuża. L-avveniment operattiv speċifiku għandu jiġi stabbilit billi jitqiesu l-kriterji li ġejjin:

(a) l-applikabbiltà fir-realtà u malajr kemm jista' jkun tal-aġġustamenti fir-rata tal-kambju;

(b) kemm ikunu simili l-avvenimenti operattivi għall-ħidmiet simili li jitwettqu fil-kuntest tal-organizzazzjoni tas-suq;

(c) il-koerenza tal-avvenimenti operattivi għad-diversi prezzijiet u għad-diversi ammonti marbutin mal-organizzazzjoni tas-suq;

(d) kemm ikunu prattiċi u effettivi l-verifiki fuq l-applikazzjoni ta' rati tal-kambju adattati.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar ir-rata tal-kambju li tapplika meta jitħejjew id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u meta l-operazzjonijiet tal-ħżin pubbliku jiġu rreġistrati fil-kontijiet tal-aġenzija tal-pagamenti.

Artikolu 93

Miżuri ta' salvagwardja u derogi

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jissalvagwardjaw l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jekk prattiki monetarji eċċezzjonali marbutin mal-munita nazzjonali x'aktarx ikunu se jheddu din l-applikazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jidderogaw mir-regoli eżistenti biss għall-perjodu taż-żmien li jkun strettament meħtieġ.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom jiġu mgħarrfin minnufih bil-miżuri msemmijin fl-ewwel subparagrafu.

2. Meta prattiki monetarji eċċezzjonali marbutin ma' munita nazzjonali x'aktarx ikunu se jheddu l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 100 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'derogi minn dan il-Kapitolu fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta pajjiż juża tekniki mhux normali tal-kambju bħal diversi rati tal-kambju jew juża ftehimiet ta' tpartit;

(b) meta pajjiżi jkollhom muniti li ma jkunux ikkwotati fis-swieq uffiċjali tal-muniti barranin jew meta x-xejra fit-tali muniti x'aktarx tkun se tfixkel il-kummerċ.

Artikolu 94

Użu tal-euro minn Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro

1. Jekk Stat Membru li ma jkunx adotta l-euro jiddeċiedi li jħallas in-nefqa li tkun ġejja mil-leġiżlazzjoni settorjali għall-agrikoltura fl-euro minflok fil-munita nazzjonali tiegħu, huwa għandu jieħu miżuri biex jiżgura li l-użu tal-euro ma joħloqx vantaġġ sistematiku meta mqabbel mal-użu tal-munita nazzjonali.

2. L-Istat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-miżuri ppjanati qabel ma dawn jidħlu fis-seħħ. Il-miżuri ma jistgħux jidħlu fis-seħħ qabel ma l-Kummissjoni tkun għarrfitu li taqbel magħhom.

Kapitolu III
Rappurtar

Artikolu 95

Rapport finanzjarju annwali

Sal-aħħar ta' Settembru ta' kull sena wara s-sena baġitarja, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport finanzjarju dwar l-amministrazzjoni tal-Fondi matul is-sena finanzjarja ta' qabel u għandha tibagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Kapitolu IV
Trasparenza

Artikolu 96

Pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarji

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ta' kull sena jippubblikaw, *ex post*, il-benefiċjarji tal-Fondi skont [l-Artikolu 44(3) sa (5) tar-Regolament (UE) …/… – ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u skont il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2. [L-Artikolu 44(3) sa (5) tar-Regolament (UE) …/… – ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] għandu japplika għall-benefiċjarji tal-FAEG u tal-FAEŻR meta dan ikun rilevanti; madankollu, l-ammonti li jikkorrispondu mal-kontribuzzjoni nazzjonali u mar-rata ta' kofinanzjament, kif previst fl-Artikolu 44(3)(h) u (i) ta' dak ir-Regolament, ma għandhomx japplikaw għall-FAEG.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

   – "ħidma" tfisser miżura jew intervent;

   – "post" tfisser il-muniċipalità fejn ikun joqgħod il-benefiċjarju jew fejn ikun irreġistrat u, meta dan ikun disponibbli, il-kodiċi postali li jidentifika l-muniċipalità jew il-parti minnu li tidentifikaha.

4. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(3) sa (5) ta' dak ir-Regolament għandha tkun disponibbli fuq sit web wieħed għal kull Stat Membru. Din għandha tibqa' disponibbli għal sentejn minn meta tiġi ppubblikata għall-ewwel darba.

   L-Istati Membri ma għandhomx jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(3)(a) u (b) tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] jekk l-ammont tal-għajnuna li benefiċjarju jirċievi f'sena jkun ta' EUR 1 250 jew inqas.

Artikolu 97

Għoti ta' informazzjoni lill-benefiċjarji dwar il-fatt li se tiġi ppubblikata d-data dwarhom

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-benefiċjarji li d-data dwarhom se tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 96 u li d-data tista' tiġi pproċessata mill-korpi tal-awditjar u tal-investigazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/679, f'dak li għandu x'jaqsam mad-data personali, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-benefiċjarji bid-drittijiet tagħhom skont dak ir-Regolament u bil-proċeduri li japplikaw biex jeżerċitaw dawk id-drittijiet.

Artikolu 98
Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli dwar:

(a) il-forma tal-pubblikazzjoni prevista fl-Artikoli 96 u 97, fosthom il-mod kif din se tiġi ppreżentata skont il-miżura jew l-intervent, u l-iskeda taż-żmien tat-tali pubblikazzjoni;

(b) l-applikazzjoni uniformi tal-Artikolu 97;

(c) il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 101(3).

Kapitolu V
Ħarsien tad-data personali

Artikolu 99
Ipproċessar tad-data personali u ħarsien ta' dik id-data

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 96 sa 98, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiġbru d-data personali sabiex iwettqu l-obbligi rispettivi tagħhom ta' ġestjoni, ta' kontroll, ta' awditjar, ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni skont dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, dawk stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Titolu II, fil-Kapitoli III u IV tat-Titolu III, fit-Titolu IV u fil-Kapitolu III tat-Titolu V, kif ukoll għall-finijiet tal-istatistika, u ma għandhomx jipproċessaw din id-data b'mod li ma jkunx kompatibbli ma' dawk l-għanijiet.

2. Meta d-data personali tiġi pproċessata għall-finijiet tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK], kif ukoll għall-finijiet tal-istatistika, din għandha ssir anonima u għandha tiġi pproċessata biss f'forma aggregata.

3. Id-data personali għandha tiġi pproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u skont ir-Regolament (UE) 2016/679. B'mod partikolari, it-tali data ma għandhiex tinħażen f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal iktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom tkun inġabret dik id-data jew li għalihom tkun ġiet ipproċessata iktar, filwaqt li jitqiesu l-perjodi minimi taż-żamma stabbiliti fil-liġi nazzjonali u fil-liġi tal-Unjoni applikabbli.

4. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lis-suġġetti tad-data li l-korpi nazzjonali u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jipproċessaw id-data personali tagħhom skont il-paragrafu 1 u li, f'dan ir-rigward, huma jgawdu mid-drittijiet ta' protezzjoni tad-data previsti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u fir-Regolament (UE) 2016/679.

Titolu VI
Atti delegati u atti ta' implimentazzjoni

Artikolu 100

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmijin fl-Artikoli 10, 15, 21, 36, 38, 39, 42, 45, 50, 52, 53, 58, 62, 72, 74, 79, 86, 92, 93 u 103 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' seba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' seba' snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi taż-żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għat-tali estensjoni sa mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 10, 15, 21, 36, 38, 39, 42, 45, 50, 52, 53, 58, 62, 72, 74, 79, 86, 92, 93 u 103 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10, 15, 21, 36, 38, 39, 42, 45, 50, 52, 53, 58, 62, 72, 74, 79, 86, 92, 93 u 103 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kif ukoll il-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 101

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat imsejjaħ "il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli". Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għall-finijiet tal-Artikoli 10, 11, 15, 16, 19, 21, 24, 30, 37, 38, 39, 40, 42, 45, 50, 51, 52, 53, 56, 57, 58, 62, 73, 83, 90, 93 u 98, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli, mill-Kumitat tal-Politika Agrikola Komuni stabbilit bir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] u mill-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli stabbilit bir-

Regolament (UE) Nru 1308/2013 rispettivament f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjonijiet marbutin mal-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, mal-interventi għall-iżvilupp rurali u mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Titolu VII
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 102
Tħassir

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jitħassar.

Madankollu:

(a) l-Artikolu 5, l-Artikolu 7(3), l-Artikoli 9 u 34, l-Artikolu 35(4) u l-Artikoli 36, 37, 38, 43, 51, 52, 54, 110 u 111 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u r-regoli ta' implimentazzjoni u r-regoli delegati rilevanti għandhom jibqgħu japplikaw għan-nefqa li tkun iġġarrbet u għall-pagamenti li jkunu saru matul is-sena finanzjarja agrikola tal-2020 u qabel fil-każ tal-FAEG, u għan-nefqa li tkun iġġarrbet u għall-pagamenti li jkunu saru għall-programmi tal-iżvilupp rurali li l-Kummissjoni tkun approvat skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fil-każ tal-FAEŻR;

(b) l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għandu jibqa' japplika għan-nefqa li tkun iġġarrbet u għall-pagamenti li jkunu saru għall-ħidmiet implimentati skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u għall-programmi tal-iżvilupp rurali li l-Kummissjoni tkun approvat skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u għal miżuri oħrajn tal-PAK stabbiliti fil-Kapitolu I tat-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 li jkunu ġew implimentati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] u tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 kif emendat bir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37].

2. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness.

Artikolu 103
Miżuri tranżitorji

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 101 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'derogi mir-regoli previsti fih u b'żidiet magħhom meta jkun hemm bżonn.

Artikolu 104
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

2. Madankollu, l-Artikoli 7, 10, 18, 19, 35, 36, 37, 38, 39, 40, 43, 51, 52, 53 u 54 għandhom japplikaw għan-nefqa li ssir mis-16 ta' Ottubru 2020 'il quddiem fil-każ

[37] Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' […][…] (ĠU L […], […], p. […]).

tal-FAEG u għan-nefqa li ssir fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] fil-każ tal-FAEŻR.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Il-President*	*Għall-Kunsill* *Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5. Durata u impatt finanzjarju

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

1. QAFAS TAL-PROPOSTA

1.1. Titolu tal-proposta

(a) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013;
(b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
(c) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat, ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

Ir-raggruppament ta' programmi nru 8 - Il-Politika Agrikola u Marittima taħt l-Intestatura 3 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (il-QFP) għall-2021 sal-2027 – Ir-riżorsi naturali u l-ambjent

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

☐ azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja[38]

☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni (il-PAK) stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom l-għan: (a) li jżidu l-produttività agrikola (fosthom permezz tal-progress tekniku u tal-aħjar użu possibbli tal-fatturi tal-produzzjoni); (b) li jiżguraw b'dan il-mod livell ġust ta' għajxien għall-komunità agrikola (fosthom billi jżidu l-qligħ); (c) li jagħmlu s-swieq stabbli; (d) li jiżguraw id-disponibbiltà tal-provvisti; u (e) li jiżguraw prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.

38 Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Dawk l-għanijiet huma aġġustati u adattati għall-isfidi msemmijin fit-Taqsima 1.4.2 ta' hawn taħt sabiex l-enfasi titpoġġa fuq l-għaxar prijoritajiet tal-Kummissjoni għall-2015 sal-2019 u fuq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u sabiex jiġu ssodisfati l-proposti ta' hawn fuq li għandhom l-għan li jistabbilixxu l-qafas leġiżlattiv għall-Politika Agrikola Komuni għall-2021 sal-2027, jiġifieri li jkun hemm PAK li tkun iktar sempliċi, iktar intelliġenti, moderna u iktar sostenibbli.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

In-natura globali u transfruntiera tal-isfidi ewlenin li jħabbtu wiċċhom magħhom l-agrikoltura u ż-żoni rurali tal-UE teħtieġ politika komuni fil-livell tal-UE. Il-PAK tindirizza dawk l-isfidi permezz tal-affarijiet li ġejjin:

- billi tiżgura suq uniku u kundizzjonijiet ekwi permezz ta' sistema ta' appoġġ komuni bħala xibka ta' sikurezza għall-introjtu li ssaħħaħ is-sigurtà tal-ikel u tevita d-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni;
- billi tappoġġa r-reżiljenza tas-settur tal-biedja tal-UE meħtieġa biex tiġi sfruttata l-globalizzazzjoni; u
- billi tagħti riżultati b'rabta mad-dimensjonijiet ewlenin tal-isfidi tas-sostenibbiltà bħal, pereżempju, it-tibdil fil-klima, l-użu tal-ilma, il-kwalità tal-arja u l-bijodiversità permezz tal-istruttura ambjentali tal-PAK.

F'oqsma oħrajn, dimensjoni b'saħħitha fl-UE kollha trid tingħaqad ma' iktar sussidjarjetà. Dawn l-oqsma jinkludu s-sikurezza tal-ikel (pereżempju l-armonizzazzjoni tal-istandards), l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom iż-żoni rurali (li fl-Istati Membri differenti għandhom differenzi kbar fil-livelli tal-qagħad tagħhom), infrastruttura u servizzi rurali ta' kwalità baxxa, dgħufijiet fl-oqsma tar-riċerka u tal-innovazzjoni u problemi marbutin mal-kwalità tal-ikel, mas-saħħa pubblika u man-nutrizzjoni. Tweġiba xierqa fil-livell tal-UE għal dawn l-isfidi tippermetti azzjoni iktar effettiva u effiċjenti meta tingħaqad ma' aktar flessibbiltà fil-livell tal-Istati Membri.

1.4.3. *Tagħlimiet meħudin minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Abbażi tal-evalwazzjoni tal-qafas tal-politika attwali, ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati kif ukoll ta' analiżi tal-isfidi u tal-ħtiġijiet tal-ġejjieni, twettqet valutazzjoni komprensiva tal-impatt. Iktar dettalji dwar dan jinsabu fil-valutazzjoni tal-impatt u fil-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw lil dawn il-proposti legali.

1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Fil-biċċa l-kbira fir-rigward tal-PAK, se jinkisbu sinerġiji u effetti ta' simplifikazzjoni sinifikanti billi l-implimentazzjoni tal-interventi ffinanzjati mill-FAEG u mill-FAEŻR tiddaħħal f'qafas strateġiku wieħed tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Għandhom jinżammu l-istrutturi li diġà huma fis-seħħ fl-Istati Membri, filwaqt li r-regoli dwar il-ġestjoni u dwar il-kontroll għandhom jiġu ssimplifikati u jiġu adattati għall-interventi speċifiċi li l-Istati Membri jimplimentaw.

Il-PAK iżżomm sinerġiji b'saħħithom mal-politiki dwar il-klima u dwar l-ambjent, mal-kwistjonijiet marbutin mas-sikurezza tal-ikel u mas-saħħa, mal-aġenda diġitali fiż-żoni rurali u mal-bijoekonomija, mat-tkabbir tal-għarfien u tal-innovazzjoni u mal-politika tal-viċinat, mal-politika kummerċjali u mal-politika tal-iżvilupp, kif ukoll mal-programm "Erasmus+".

Il-PAK se taħdem f'sinerġija u b'mod kumplimentari mal-politiki u mal-fondi l-oħrajn tal-UE bħal, pereżempju, l-azzjonijiet implimentati fil-kuntest tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-fond "InvestEU", id-disa' Programm Qafas għar-Riċerka, u l-politiki marbutin mal-ambjent u mal-klima. Fejn dan ikun xieraq, se jiġu stabbiliti regoli komuni sabiex jintlaħaq l-ikbar livell ta' konsistenza u ta' kumplimentarjetà possibbli bejn il-fondi, filwaqt li jiġi żgurat li jitħarsu l-ispeċifiċitajiet ta' dawn il-politiki.

Is-sinerġiji mal-Programm Qafas (FP) għar-Riċerka se jiġu żgurati fir-raggruppament tal-FP9 dwar "L-ikel u r-riżorsi naturali", li għandu l-għan li jagħmel l-agrikoltura u s-sistemi tal-ikel kompletament sikuri, sostenibbli, reżiljenti, ċirkulari, varjati u innovattivi. Billi ddaħħal il-bijoekonomija bħala waħda mill-prijoritajiet tagħha, il-PAK se toħloq rabtiet iktar b'saħħithom mal-politika tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni. Fir-raggruppament dwar "L-ikel u r-riżorsi naturali", qed issir enfasi wkoll fuq il-fatt li jitgawdew il-benefiċċji tar-rivoluzzjoni diġitali, u għalhekk l-attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni se jikkontribwixxu għad-diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura u taż-żoni rurali.

Jenħtieġ li l-proposti leġiżlattivi li dwarhom hija din id-dikjarazzjoni finanzjarja jitqiesu fil-kuntest usa' tal-proposta għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li jistabbilixxi qafas uniku ta' regoli komuni għall-fondi bħal, pereżempju, l-FAEŻR, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u fondi oħrajn. Dak ir-regolament ta' qafas se jagħti kontribut importanti biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, biex il-fondi tal-UE jintefqu b'mod effettiv u biex is-simplifikazzjoni ssir realtà.

1.5. Durata u impatt finanzjarju

☒ **durata limitata**

– ☒ fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027

– ☒ Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sa wara l-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata** għall-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat, ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

– Implimentazzjoni mill-2021 (is-sena baġitarja).

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[39]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☒ mill-aġenziji eżekuttivi

☒ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lil pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lil organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lil korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lil korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lil korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lil persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Ma hemm l-ebda tibdil sostantiv meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali, jiġifieri l-biċċa l-kbira tan-nefqa milquta mill-proposti leġiżlattivi dwar il-PAK se tkun ġestita permezz tal-ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri. Madankollu, parti żgħira ferm minnha se tkompli taqa' taħt il-ġestjoni diretta tal-Kummissjoni.

[39] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Għandu jiġi stabbilit qafas ta' prestazzjoni, ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni sabiex:

(a) jiġu vvalutati l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-PAK;

(b) jiġu stabbiliti l-istadji importanti u l-miri għall-għanijiet speċifiċi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK;

(c) jiġi mmonitorjat il-progress li jkun sar fl-ilħiq tal-miri tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(d) jiġu vvalutati l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-koerenza tal-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK;

(e) jiġi appoġġat proċess komuni tat-tagħlim b'rabta mal-monitoraġġ u mal-evalwazzjoni.

L-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat ta' Monitoraġġ se jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-progress li jkun sar fl-ilħiq tal-miri tiegħu.

Rapporti annwali dwar il-prestazzjoni

Sal-15 ta' Frar 2023 u l-15 ta' Frar ta' kull sena sussegwenti sal-2030, u inkluż dik is-sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapporti annwali dwar il-prestazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fis-sena finanzjarja ta' qabel. Dawn ir-rapporti għandhom jagħtu informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva ewlenija dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK billi jirreferu għad-data finanzjarja, għall-indikaturi tal-outputs u għall-indikaturi tar-riżultati. Għandu jkun fihom ukoll informazzjoni dwar l-outputs li jkunu nkisbu, dwar in-nefqa li tkun saret, dwar ir-riżultati li jkunu nkisbu u dwar kemm ikun għad fadal biex jintlaħqu l-miri rispettivi.

Id-data li tintbagħat għandha tkun marbuta mal-valuri li jkunu nkisbu għall-indikaturi għall-interventi li jkunu ġew implimentati għalkollox jew b'mod parzjali. Ir-rapporti għandhom jagħtu sinteżi wkoll tal-istat ta' implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li tkun twettqet matul is-sena finanzjarja ta' qabel u ta' kull kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, b'mod partikolari b'rabta mad-devjazzjonijiet mill-istadji importanti, u għandhom jagħtu r-raġunijiet għal dan u, meta dan ikun rilevanti, il-miżuri li jkunu ttieħdu b'rabta ma' dan.

Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami annwali tal-prestazzjoni u approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni abbażi tal-informazzjoni li tingħata fir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni.

Evalwazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK

L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet *ex ante*, fosthom analiżi tal-punti b'saħħithom, tad-dgħufijiet, tal-opportunitajiet u tat-theddid rilevanti għall-Pjan Strateġiku tal-PAK ikkonċernat sabiex jidentifikaw il-ħtiġijiet li l-Pjan Strateġiku tal-PAK irid jindirizza.

L-Istati Membri għandhom iwettqu l-evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK sabiex itejbu l-kwalità tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll sabiex jivvalutaw l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-UE u l-impatt tagħhom b'rabta mal-kontribut tagħhom lejn l-għanijiet ġenerali u speċifiċi tal-PAK.

Valutazzjoni tal-prestazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjan ta' evalwazzjoni pluriennali tal-PAK li għandu jitwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-Fondi filwaqt li tqis l-indikaturi stabbiliti fl-Anness VII. Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni kollha rilevanti li tkun diġà disponibbli skont l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni retrospettiva biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-Fondi.

Abbażi tal-evidenza pprovduta fl-evalwazzjonijiet dwar il-PAK, fosthom l-evalwazzjonijiet dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, kif ukoll ta' sorsi rilevanti ta' informazzjoni oħrajn, sal-31 ta' Diċembru 2025 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport inizjali dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jkun jinkludi l-ewwel riżultati dwar il-prestazzjoni tal-PAK. Sal-31 ta' Diċembru 2031, hija għandha tippreżenta t-tieni rapport dwar dan li jkun jinkludi valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-PAK.

Rappurtar ibbażat fuq sett ewlieni ta' indikaturi

L-informazzjoni li l-Istati Membri jipprovdu tifforma l-bażi li fuqha l-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-progress lejn il-kisba tal-għanijiet speċifiċi fil-perjodu kollu ta' programmazzjoni, bl-użu ta' sett ewlieni ta' indikaturi għal dan il-għan.

F'konformità mar-rekwiżit tar-rappurtar tagħha skont l-Artikolu 38(3)(e)(i) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu, imkejla bl-użu tas-sett ewlieni ta' indikaturi, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti

Il-PAK tiġi implimentata b'mod ewlieni permezz tal-ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri. Il-korpi ta' governanza eżistenti fl-Istati Membri, b'mod partikolari l-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni, urew li huma effettivi biex iħarsu l-baġit tal-UE u biex jiżguraw ġestjoni finanzjarja tajba. Il-livelli dejjem baxxi tar-rata ta' żbalji fil-kuntest tal-PAK fl-aktar snin riċenti juru li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll stabbiliti mill-Istati Membri qed jaħdmu tajjeb u jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli.

Il-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni fil-kuntest tal-PAK jirrikonoxxi din is-sitwazzjoni billi jagħti iktar sussidjarjetà lill-Istati Membri fid-deċiżjonijiet dwar is-sistemi ta' kontroll li jkollhom fis-seħħ fi ħdan sett iktar ġenerali ta' regoli fil-livell tal-Unjoni, u fil-ġestjoni tagħhom. Barra minn hekk, hija u ssegwi l-istrateġija ta' bbaġitjar iffukat fuq ir-riżultati u ta' pagamenti orjentati lejn il-prestazzjoni, il-PAK se torbot l-eliġibbiltà tal-pagamenti mal-għoti ta' riżultati reali fuq il-post. Għalhekk

il-prestazzjoni tinsab fil-qalba tal-mudell ta' assigurazzjoni u ta' ġestjoni finanzjarja fil-proposti leġiżlattivi għall-PAK għal wara l-2020.

L-istrateġija ta' kontroll għall-perjodu l-ġdid se tkun konformi għalkollox mal-approċċ ta' awditu uniku, u se tiżgura li l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jipprovdu l-assigurazzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni se tagħti każ b'mod partikolari tal-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' governanza li jkunu fis-seħħ u tal-affidabbiltà tar-rappurtar dwar il-prestazzjoni. L-istess bħalma hu l-każ bħalissa, se jkun hemm strateġija tal-awditjar li tiġi abbozzata fil-bidu tal-perjodu u programm ta' ħidma pluriennali.

Fil-qosor, il-Kummissjoni se tiżgura li s-sistemi ta' governanza stabbiliti fl-Istati Membri qed jaħdmu b'mod effettiv, se tirrimborża l-pagamenti li jġarrbu l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati u se twettaq approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni li matulha se tivvaluta l-outputs miksubin irrappurtati mill-Istati Membri.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Hemm iktar minn seba' miljun benefiċjarju tal-PAK, li jirċievu l-appoġġ fil-kuntest ta' varjetà kbira ta' skemi tal-għajnuna differenti. Ix-xejra ta' tnaqqis fir-rata tal-iżbalji fil-qasam tal-PAK turi li l-aġenziji tal-pagamenti għandhom sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll robusti u affidabbli.

Sa issa l-PAK ġiet implimentata permezz ta' regoli ddettaljati dwar l-eliġibbiltà fil-livell tal-benefiċjarju u dawn żiedu l-kumplessità, il-piż amministrattiv u r-riskju tal-iżbalji. L-ispejjeż tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll sabiex jittaffa dan ir-riskju tqiesu li huma pjuttost sproporzjonati.

Il-pakkett leġiżlattiv għall-PAK għal wara l-2020 inaqqas b'mod sostanzjali l-element tal-konformità u jżid l-enfasi fuq il-prestazzjoni. L-Istati Membri jridu jħarsu l-obbligi li ġejjin mir-regoli tal-UE u għandhom, imbagħad, jistabbilixxu sistema xierqa ta' ġestjoni u ta' kontroll. L-Istati Membri se jkollhom iktar flessibbiltà biex ifasslu l-iskemi u l-miżuri li huma l-iktar adattati għar-realtajiet konkreti tagħhom. Għalhekk, il-finanzjament tal-PAK se jkollu bħala kundizzjoni l-għoti ta' riżultati strateġiċi tal-politika biex jintlaħqu l-għanijiet komuni ddefiniti fil-livell tal-UE. Il-Pjan tal-PAK se jkun il-ftehim bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li permezz tiegħu se jiġu stabbiliti u approvati l-istrateġija għal seba' snin, il-miri, l-interventi u n-nefqa ppjanata.

Il-proposta għar-Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni tadatta l-istruttura attwali għal dan il-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni, filwaqt li żżomm il-korpi ta' governanza li jaħdmu tajjeb (jiġifieri l-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni). Bħal fis-sitwazzjoni attwali, ta' kull sena l-kap ta' kull aġenzija tal-pagamenti għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' ġestjoni li tkun tkopri l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet, il-funzjonament it-tajjeb tal-istrutturi ta' governanza, fosthom l-ilħiq tar-rekwiżiti bażiċi tal-UE, u l-affidabbiltà tar-rappurtar dwar il-prestazzjoni. Korp indipendenti tal-awditjar (korp taċ-ċertifikazzjoni) għandu jipprovdi opinjoni dwar dawn l-elementi.

In-nefqa se titnaqqas jekk l-Istat Membru ma jkunx wettaq l-outputs skont l-istandards miftiehma. Xorta se jitwettqu l-awditi tal-konformità biex jiġi vvalutat il-funzjonament tal-istrutturi ta' governanza. Il-Kummissjoni se tkompli twettaq awditi tan-nefqa agrikola billi tuża approċċ ibbażat fuq ir-riskju sabiex tiżgura li l-awditi

tagħha jkollhom fil-mira l-oqsma fejn hemm l-ogħla riskju, skont il-prinċipju ta' awditu uniku. Barra minn hekk, hemm mekkaniżmi ċari biex jiġu sospiżi l-pagamenti fil-każ ta' nuqqasijiet serji fl-istrutturi ta' governanza jew fil-każ ta' xejriet sinifikanti ta' prestazzjoni mhux suffiċjenti.

Ir-riskju ewlieni previst għall-perjodu l-ġdid huwa li l-fatt li qed jittaffew ir-regoli konkreti u ddettaljati dwar kif jenħtieġ li tiġi stabbilita s-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll fl-Istat Membru fil-livell tal-aġenziji tal-pagamenti jista' jkollu impatt fuq ir-reputazzjoni tal-Kummissjoni f'każijiet fejn ma jitħarsux ir-regoli dwar l-eliġibbiltà li l-Istati Membri jistabbilixxu. Ta' min jenfasizza li l-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistemi ta' governanza u li jkunu qed jinkisbu l-outputs u r-riżultati. Fl-ispirtu ta' bbaġitjar iffukat fuq ir-riżultati, il-Kummissjoni se tiffoka fuq ir-riżultati tal-politika.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni għall-PAK mistenni jnaqqas b'mod sinifikanti l-ispejjeż tal-kontrolli, kemm għall-Istati Membri u kif ukoll għall-benefiċjarji.

Ir-rekwiżiti fil-livell tal-UE tnaqqsu b'mod sinifikanti u ġew stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri, li jenħtieġ li jużaw din l-opportunità biex jadattaw l-obbligi li jridu jissodisfaw il-benefiċjarji għaċ-ċirkustanzi nazzjonali jew reġjonali konkreti tagħhom.

L-Istati Membri se jiddefinixxu s-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll f'qafas tal-UE ssimplifikat iddefinit fil-proposti leġiżlattivi. Qed tinżamm is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (is-SIAK), li hija responsabbli għal madwar 88 % mill-pagamenti tal-PAK, iżda xi elementi speċifiċi tagħha li sa issa kienu ddefiniti fil-livell tal-UE se jitħallew f'idejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-intensità tal-kontrolli, li huma l-fattur ewlieni li jżid l-ispejjeż, u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ma għadhomx jiġu ddefiniti fil-livell tal-UE.

L-enfasi fuq il-prestazzjoni teħtieġ sistema tar-rappurtar robusta u affidabbli li, kif issemma fit-taqsimiet ta' qabel, se tiġi awditjata minn korpi indipendenti. Madankollu, dan mhux mistenni jkollu impatt sinifikanti fuq il-piż amministrattiv tal-Istati Membri, minħabba li ħafna mill-indikaturi tal-outputs diġà huma disponibbli fl-aġenziji tal-pagamenti akkreditati.

L-Istati Membri għandhom il-potenzjal jissimplifikaw u jnaqqsu l-piż amministrattiv marbut mal-ġestjoni u mal-kontroll tal-PAK, minħabba li se jkunu jistgħu jadattaw ir-regoli dwar l-eliġibbiltà fil-livell tal-benefiċjarji u jiddeċiedu fuq l-aħjar mod kif iwettqu l-kontrolli (u mhux se jkun hemm approċċ wieħed għal kulħadd). Hekk kif iddikjarat fil-kapitolu dwar is-simplifikazzjoni fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja lill-proposti leġiżlattivi tal-PAK, l-ispejjeż biex tiġi implimentata l-PAK il-ġdida (li dal-ħin huma ta' 3,6 %) mhumiex mistennija jkunu ogħla milli huma bħalissa, anki meta titqies l-enfasi ikbar li se jkun hemm fuq ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-livell tal-iżbalji li mistenni jkun hemm, skont il-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni, l-eliġibbiltà tan-nefqa tiġi vvalutata f'termini tal-outputs li jinkisbu. Għalhekk, l-iżbalji mhux se jiġu kkalkulati b'rabta mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet individwali iżda b'rabta mal-livell tal-

outputs li jinkiseb meta mqabbel man-nefqa rrimborżata. In-nefqa li ma jkollhiex output li jikkorrispondi magħha se titnaqqas fil-qafas tal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni u, b'hekk, il-baġit tal-UE se jibqa' mħares.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-pakkett leġiżlattiv jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw prevenzjoni effettiva tal-frodi, l-aktar f'oqsma b'livell ogħla ta' riskju, u li dawn għandhom jipprevjenu, jikxfu u jikkoreġu l-irregolaritajiet u l-frodi. L-Istati Membri jridu jimponu penali li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati, kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew fil-liġi nazzjonali, u jridu jirkupraw kull pagament irregolari li jkun sar, flimkien mal-imgħax fuqu.

Dawn ir-rekwiżiti bażiċi tal-UE jiffurmaw parti mill-istrutturi ta' governanza li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni se jawditjaw u li l-Kummissjoni wkoll se tawditja skont il-prinċipju ta' awditu uniku, abbażi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

Id-dettalji dwarhom se jiġu indirizzati, kif xieraq, fi Strateġija kontra l-frodi riveduta għall-qasam tal-agrikoltura. Madankollu, mhux mistenni li t-tipoloġija tal-frodi u ta' irregolaritajiet serji oħrajn se tinbidel b'mod sostanzjali fil-ġejjieni meta mqabbla mal-i*status quo*.

L-approċċ attwali tal-għoti ta' taħriġ immirat lill-Istati Membri b'rabta mal-prevenzjoni, mad-detezzjoni u mal-korrezzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet serji oħrajn x'aktarx li se jiġi estiż għall-PAK tal-ġejjieni. L-istess japplika għan-noti ta' gwida tematiċi għall-Istati Membri dwar l-oqsma speċifiċi b'livell għoli ta' riskju.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA

L-ammonti indikati f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja huma mogħtija fi prezzijiet kurrenti.

Minbarra l-bidliet li ġejjin mill-proposti leġiżlattivi kif elenkati fit-tabelli mogħtija hawn taħt, il-proposti leġiżlattivi jwasslu wkoll għal bidliet oħrajn li ma għandhom l-ebda impatt finanzjarju.

F'dak li għandu x'jaqsam man-nefqa relatata mas-suq, jenħtieġ li jiġi enfasizzat li l-ammonti li tqiesu għal din it-tip ta' nefqa huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li ma hemm l-ebda xiri b'intervent pubbliku u miżuri oħrajn marbutin ma' sitwazzjoni ta' kriżi fi kwalunkwe settur.

Fl-FAEG se tiġi stabbilita riżerva ġdida għall-agrikoltura biex tipprovdi appoġġ addizzjonali għas-settur agrikolu għall-finijiet ta' miżuri li jservu ta' xibka ta' sikurezza fil-kuntest tal-ġestjoni jew tal-istabbilizzazzjoni tas-suq u/jew fil-każ ta' kriżijiet li jolqtu lill-produzzjoni jew lid-distribuzzjoni agrikola. Ir-riżerva għall-agrikoltura se tkun ta' mill-inqas EUR 400 miljun fil-bidu ta' kull sena finanzjarja. L-ammonti tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu li ma jkunux intużaw fis-sena finanzjarja tal-2020 se jiġu riportati għas-sena finanzjarja tal-2021 biex tiġi stabbilita r-riżerva, u mill-2021 u sal-2027 se jkun hemm riportament annwali tal-ammonti li ma jkunux intużaw. Jekk tintuża r-riżerva, din terġa' timtela bl-użu tad-disponibbiltajiet baġitarji eżistenti jew permezz ta' approprjazzjonijiet ġodda. Jekk jinqabeż is-sottolimitu speċifiku tal-FAEG stabbilit fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021 sal-2027, tapplika d-dixxiplina finanzjarja sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet kollha 'l fuq minn dak is-sottolimitu, inklużi dawk għall-mili mill-ġdid tar-riżerva. Għalhekk, għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027, mhijiex prevista l-applikazzjoni ripetuta tad-dixxiplina finanzjarja biex tiġi stabbilita r-riżerva. Il-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja se jinżamm biex jiġi żgurat li jitħares is-sottolimitu tal-FAEG.

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, il-limiti massimi netti għas-sena finanzjarja tal-2021 (is-sena kalendarja tal-2020), stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huma ogħla mill-ammonti allokati għat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti indikati fit-tabelli mogħtija hawn taħt, u għalhekk iridu jiġu aġġustati skont il-ftehim finali dwar il-pakkett finanzjarju tal-PAK fl-iskadenzi meħtieġa biex ikun hemm implimentazzjoni f'waqtha fl-Istati Membri.

Il-proposta tinkludi kontinwazzjoni tal-proċess ta' konverġenza esterna tal-pagamenti diretti – l-Istati Membri b'livell medju ta' appoġġ ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE se jnaqqsu 50 % mid-diskrepanza li teżisti sad-90 % tal-medja tal-UE f'sitt passi gradwali li jibdew fl-2022. L-Istati Membri kollha se jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' din il-konverġenza. Dan huwa rifless fl-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għall-pagamenti diretti mogħtija fl-Anness IV tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

It-tnaqqis tal-pagamenti għall-appoġġ dirett lill-bdiewa għandu impatt newtrali fuq il-baġit għall-allokazzjoni għall-pagamenti diretti, minħabba li l-prodott mit-tnaqqis tal-pagamenti se jintuża biex jiġi ffinanzjat il-pagament ridistributtiv fl-istess Stat Membru. Jekk il-prodott mit-tnaqqis tal-pagamenti ma jkunx jista' jiġi akkomodat fil-finanzjament tat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, dan jiġi ttrasferit għall-allokazzjoni tal-FAEŻR tal-Istat Membru kkonċernat. L-ammonti tat-trasferimenti possibbli ta' dan it-tip ma jistgħux jiġu kkwantifikati f'dan l-istadju.

F'dak li għandu x'jaqsam mad-dħul assenjat lill-FAEG, l-istima tirrifletti l-effett tad-differimenti mogħtija u tal-pagamenti parzjali fuq id-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-imgħoddi li se jissarrfu wara l-2020, u d-dħul assenjat stmat mill-approvazzjoni u mill-irregolaritajiet li jrid jinġabar. Meta mqabbel mal-livelli attwali, dan tal-aħħar għandu jonqos wara li jiddaħħal il-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-FAEŻR, il-proposta tipprevedi tnaqqis fir-rati ta' kofinanzjament tal-UE bħalma ġara fil-każ tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej l-oħrajn. Flimkien mal-allokazzjoni għat-tipi ta' interventi tal-FAEŻR, dan se jippermetti li, fil-biċċa l-kbira tiegħu, l-appoġġ pubbliku għaż-żoni rurali Ewropej jibqa' l-istess. L-allokazzjoni fost l-Istati Membri differenti tissejjes fuq kriterji oġġettivi u fuq il-prestazzjoni tagħhom fl-imgħoddi.

Il-proposti għar-riforma fihom dispożizzjonijiet li jagħtu lill-Istati Membri ċertu livell ta' flessibbiltà b'rabta mal-allokazzjoni tagħhom għat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti u dik għat-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali, kif ukoll bejn l-allokazzjoni għat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti u dik għal ċerti tipi ta' interventi settorjali. Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jużaw dik il-flessibbiltà, dan ikollu konsegwenzi finanzjarji fuq l-ammonti finanzjarji pprovduti li ma jistgħux jiġu kkwantifikati f'dan l-istadju.

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u lista preliminari tal-linji baġitarji l-ġodda tan-nefqa proposti[40]

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 3: Ir-riżorsi naturali u l-ambjent	Diff./Mhux diff.[41]	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA[42]	mingħand il-pajjiżi kandidati[43]	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
3	[08.01.YY] Assistenza teknika mhux operazzjonali tal-FAEG	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
3	[08.01.YY] Assistenza teknika mhux operazzjonali tal-FAEŻR	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
3	[08.01.YY] Aġenziji eżekuttivi	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
3	[08.02.YY] Riżerva għall-agrikoltura	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
3	[08.02.YY] Tipi ta' interventi	Mhux	LE	LE	LE	LE

40 Għadd ta' linji baġitarji eżistenti jridu jinżammu u n-numerazzjoni trid tiġi adattata għan-nomenklatura baġitarja l-ġdida (pereżempju l-kapitoli attwali 05 07 u 05 08). Wara l-iżvilupp tal-proposta dwar il-PAK, jista' jkun li n-nomenklatura tiġi aġġustata.

41 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

42 L-EFTA = l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

43 Il-pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 3: Ir-riżorsi naturali u l-ambjent	Diff./Mhux diff.[41]	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA[42]	mingħand il-pajjiżi kandidati[43]	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
	settorjali fil-kuntest tal-Pjan tal-PAK	diff.				
3	[08.02.YY] Nefqa relatata mas-suq 'il barra mill-Pjan tal-PAK	Diff. u mhux diff.	LE	LE	LE	LE
3	[08.02.YY] Tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti fil-kuntest tal-Pjan tal-PAK	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
3	[08.02.YY] Pagamenti diretti 'l barra mill-Pjan tal-PAK	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
3	[08.02.YY] Assistenza teknika operazzjonali tal-FAEG	Diff. u mhux diff.	LE	LE	LE	LE
3	[08.03.YY] Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali fil-kuntest tal-Pjan tal-PAK għall-2021 sal-2027	Diff.	LE	LE	LE	LE
3	[08.03.YY] Assistenza teknika operazzjonali tal-FAEŻR	Diff.	LE	LE	LE	LE
7	[08.01.YY] Nefqa b'rabta mal-uffiċjali u mal-aġenti temporanji fil-qasam tal-politika tal-"Agrikoltura u l-iżvilupp rurali"	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	[08.01.YY] Nefqa għall-persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn għall-qasam tal-politika tal-"Agrikoltura u l-iżvilupp rurali"	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	[08.01.YY] Nefqa relatata ma' apparat u ma' servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fil-qasam tal-politika tal-"Agrikoltura u l-iżvilupp rurali"	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

Il-lista tal-partiti tal-baġit mogħtija fit-tabella ta' hawn fuq hija waħda preliminari u ma tippreġudikax in-nomenklatura konkreta tal-baġit li se tipproponi l-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**3**	Ir-riżorsi naturali u l-ambjent

			Fl-2021	**Fl-2022**	**Fl-2023**	**Fl-2024**	**Fl-2025**	**Fl-2026**	**Fl-2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
08 02 YY – Riżerva għall-agrikoltura	Impenji = Pagamenti	(1)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		**p.m.**
08 02 YY – Tipi ta' interventi settorjali fil-kuntest tal-Pjan tal-PAK [44]	Impenji = Pagamenti	(2)	2,044.116	2,066.584	2,091.060	2,115.010	2,139.737	2,165.443	2,192.347		**14,814.294**
08 02 YY – Nefqa relatata mas-suq 'il barra mill-Pjan tal-PAK	Impenji	(3)	638.309	638.309	638.309	638.309	638.309	638.309	638.309		**4,468.163**
	Pagamenti	(4)	605.136	611.601	623.808	627.643	629.770	630.334	630.314	109.558	**4,468.164**
08 02 YY – Tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti	Impenji = Pagamenti	(5)	37,392.689	37,547.129	37,686.679	37,802.859	37,919.038	38,035.217	38,151.396		**264,535.007**
08 02 YY – Pagamenti diretti 'l barra mill-Pjan tal-PAK	Impenji = Pagamenti	(6)	421.321	421.321	421.321	421.321	421.321	421.321	421.321		**2,949.249**
08 02 YY – Assistenza teknika operazzjonali tal-FAEG[45]	Impenji = Pagamenti[46]	(7)	71.000	71.000	71.000	71.000	71.000	71.000	71.000		**497.000**

44 Iż-żieda fit-tipi ta' interventi settorjali fil-kuntest tal-Pjan tal-PAK tista' tiġi spjegata bl-allokazzjoni proposta għall-appoġġ għas-settur tal-apikultura, li tammonta għal EUR 60 miljun, kif ukoll bl-evoluzzjoni fin-nefqa fis-settur tal-frott u tal-ħaxix, li mhix limitata b'pakkett fil-livell tal-UE, abbażi tal-livell ta' eżekuzzjoni li ġie osservat fl-imgħoddi.

45 Din tinkludi wkoll l-ammonti li bħalissa qed jiġu ffinanzjati fil-kuntest tal-kapitolu 05 07 (L-awditjar tan-nefqa agrikola) u fil-kuntest tal-kapitolu 05 08 (L-istrateġija tal-politika u l-koordinazzjoni tal-qasam tal-politika tal-Agrikoltura u l-iżvilupp rurali).

08 01 YY – Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-FAEG[47]	Impenji = Pagamenti	(8)	13.000	13.000	13.000	13.000	13.000	13.000	13.000		**91.000**
67 01 u 67 02 – Dħul assenjat lill-FAEG	Impenji = Pagamenti	(9)	280.000	230.000	130.000	130.000	130.000	130.000	130.000		**1,160.000**
SUBTOTAL GĦALL-FAEG	Impenji	(10) = (1+2+3 +5+6+7 +8-9)	**40,300.435**	**40,527.343**	**40,791.369**	**40,931.499**	**41,072.405**	**41,214.290**	**41,357.373**		**286,194.715**
	Pagamenti	(11) = (1+2+4 +5+6+7 +8-9)	**40,267.262**	**40,500.635**	**40,776.868**	**40,920.833**	**41,063.866**	**41,206.315**	**41,349.378**	**109.558**	**286,194.715**

08 03 YY – Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali	Impenji	(12)	11,230.561	11,230.561	11,230.561	11,230.561	11,230.561	11,230.561	11,230.561		**78,613.927**
	Pagamenti	(13)	786.139	3,703.699	6,314.312	7,860.977	9,356.414	10,331.700	11,025.236	29,235.450	**78,613.927**
08 03 YY – Assistenza teknika operazzjonali tal-FAEŻR min-naħa tal-UE	Impenji = Pagamenti[48]	(14)	22.147	22.147	22.147	22.147	22.147	22.147	22.147		**155.029**
08 01 YY – Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-FAEŻR	Impenji = Pagamenti	(15)	6.000	6.000	6.000	6.000	6.000	6.000	6.000		**42.000**
SUBTOTAL GĦALL-FAEŻR	Impenji	(16) = (12+14+ 15)	11,258.708	11,258.708	11,258.708	11,258.708	11,258.708	11,258.708	11,258.708		**78,810.955**

46 Għas-simplifikazzjoni, l-approprjazzjonijiet għall-assistenza teknika tal-FAEG hawnhekk qed jitqiesu bħala approprjazzjonijiet mhux differenzjati. Hemm it-tendenza li l-ammont tal-impenji pendenti ma jkunx sinifikanti meta mqabbel mal-ammonti totali milqutin minn din id-dikjarazzjoni finanzjarja.

47 Dawn jinkludu l-ammonti li bħalissa qed jiġu ffinanzjati fil-kuntest tal-partita 05 01 04 01 – Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) – Assistenza teknika mhux operazzjonali u fil-kuntest tal-partita 05 01 06 01 – L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel – Kontribuzzjoni mill-programm ta' promozzjoni agrikola

48 Għas-simplifikazzjoni, l-approprjazzjonijiet għall-assistenza teknika tal-FAEŻR hawnhekk qed jitqiesu bħala approprjazzjonijiet mhux differenzjati. Hemm it-tendenza li l-ammont tal-impenji pendenti ma jkunx sinifikanti meta mqabbel mal-ammonti totali milqutin minn din id-dikjarazzjoni finanzjarja.

	Pagamenti	(17) = (13+14+15)	814.286	3,731.846	6,342.459	7,889.124	9,384.561	10,359.847	11,053.383	29,235.450	**78,810.955**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-PAK	Impenji	= 10+16	**51,559.143**	**51,786.051**	**52,050.077**	**52,190.207**	**52,331.113**	**52,472.998**	**52,616.081**		**365,005.670**
	Pagamenti	= 11+17	**41,081.548**	**44,232.481**	**47,119.327**	**48,809.957**	**50,448.427**	**51,566.162**	**52,402.761**	**29,345.008**	**365,005.670**

It-totali ma jaqblux bl-eżatt minħabba l-arrotondament.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Fl-2021	Fl-2022	Fl-2023	Fl-2024	Fl-2025	Fl-2026	Fl-2027	*Wara l-2027*	TOTAL
Riżorsi umani		125.678	125.678	125.678	125.678	125.678	125.678	125.678		**879.746**
Nefqa amministrattiva oħra		6.008	6.008	6.008	6.008	6.008	6.008	6.008		**42.056**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji = Pagamenti	**131.686**	**131.686**	**131.686**	**131.686**	**131.686**	**131.686**	**131.686**		**921.802**

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Fl-2021	Fl-2022	Fl-2023	Fl-2024	Fl-2025	Fl-2026	Fl-2027	*Wara l-2027*	TOTAL
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	**51,690.829**	**51,917.737**	**52,181.763**	**52,321.893**	**52,462.799**	**52,604.684**	**52,747.767**		**365,927.472**
	Pagamenti	**41,213.234**	**44,364.167**	**47,251.013**	**48,941.643**	**50,580.113**	**51,697.848**	**52,534.447**	**29,345.008**	**365,927.472**

It-totali ma jaqblux bl-eżatt minħabba l-arrotondament.

3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	**Fl-2021**	**Fl-2022**	**Fl-2023**	**Fl-2024**	**Fl-2025**	**Fl-2026**	**Fl-2027**	**TOTAL**
L-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	125.678	125.678	125.678	125.678	125.678	125.678	125.678	**879.746**
Nefqa amministrattiva oħra	6.008	6.008	6.008	6.008	6.008	6.008	6.008	**42.056**
Subtotal għall-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**131.686**	**131.686**	**131.686**	**131.686**	**131.686**	**131.686**	**131.686**	**921.802**
Barra mill-INTESTATURA 7[49] **tal-qafas finanzjarju pluriennali**								
Riżorsi umani	1.850	1.850	1.850	1.850	1.850	1.850	1.850	12.950
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	17.150	17.150	17.150	17.150	17.150	17.150	17.150	120.050
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**19.000**	**19.000**	**19.000**	**19.000**	**19.000**	**19.000**	**19.000**	**133.000**

It-totali ma jaqblux bl-eżatt minħabba l-arrotondament.

TOTAL	**150.686**	**150.686**	**150.686**	**150.686**	**150.686**	**150.686**	**150.686**	**1 054.802**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

49 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

Snin		Fl-2021	Fl-2022	Fl-2023	Fl-2024	Fl-2025	Fl-2026	Fl-2027
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)								
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni		845	845	845	845	845	845	845
Delegazzjonijiet		3	3	3	3	3	3	3
Riċerka								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) – AC, AL, END, INT u JED [50] Intestatura 7								
Iffinanzjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali	57.75	57.75	57.75	57.75	57.75	57.75	57.75
	- fid-Delegazzjonijiet	1	1	1	1	1	1	1
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm [51]	- fil-Kwartieri Ġenerali	29	29	29	29	29	29	29
	- fid-Delegazzjonijiet							
Riċerka								
Oħrajn (speċifika)								
TOTAL		**935.75**	**935.75**	**935.75**	**935.75**	**935.75**	**935.75**	**935.75**

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

[50] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

[51] Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operattivi (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	Fl-2021	Fl-2022	Fl-2023	Fl-2024	Fl-2025	Fl-2026	Fl-2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☒ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☒

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta						
	Fl-2021	Fl-2022	Fl-2023	Fl-2024	Fl-2025	Fl-2026	Fl-2027
67 01 u 67 02	280	230	130	130	130	130	130

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

08 02 YY – Tipi ta' interventi settorjali

08 02 YY – Tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

Ara l-kummenti mogħtija fil-punt 3.